EUROPEAN UNION AGENCY FOR ASYLUM

# Linji Gwida dwar Alternattivi għad-Detenzjoni




Diċembru 2024

# Linji Gwida dwar Alternattivi għad-Detenzjoni

Diċembru 2024

Fid-19 ta’ Jannar 2022, l-Uffiċċju Ewropew ta’ Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO) sar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA). Ir-referenzi kollha għall-EASO, il-prodotti u l-korpi tal-EASO għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-EUAA.

Manuskritt li tlesta f’Diċembru 2024

La l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f’isem l-EUAA mhija responsabbli għall-użu li jista’ jsir mill-informazzjoni li ġejja.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2026

| | | | |
|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-9410-911-8 | doi:10.2847/3132974 | BZ-01-24-029-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-9410-910-1 | doi:10.2847/6452729 | BZ-01-24-029-MT-N |


© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA), 2026

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata diment li jiġi rikonoxxut is-sors.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta’ elementi li mhumiex proprjetà tal-EUAA, jista’ jkun meħtieġ li jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet rispettivi. L-EUAA ma għandhiex id-drittijiet tal-awtur b’rabta mal-elementi li ġejjin:

– Illustrazzjoni tal-qoxra adattata minn tolgart, © iStock / Getty Images Plus
– Ikoni fil-paġni 25 u 27-31: bsd studio © stock.adobe.com.

# Dwar il-gwida

**Għaliex inħolqot din il-gwida?** Il-missjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) hija li tiffaċilita u tappoġġa l-attivitajiet tal-Istati Membri tal-UE u tal-pajjiżi assoċjati ma' Schengen (pajjiżi tal-UE+ ([1])) fl-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA). F'konformità mal-għan ġenerali tagħha li tippromwovi l-implimentazzjoni korretta u effettiva tas-SEKA u li tippermetti l-konverġenza, l-EUAA tiżviluppa standards u indikaturi operazzjonali komuni, linji gwida u għodod prattiċi.

**Kif ġiet żviluppata din il-gwida?** Din il-gwida nħolqot bl-appoġġ ta' esperti tal-Istati Membri mill-Ġermanja, l-Irlanda, in-Netherlands u l-Iżvezja, u b'kontribut siewi mill-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM, International Organization for Migration), il-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal (UNICEF), il-Kunsill tal-Ewropa (KtE) u l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR, United Nations High Commissioner for Refugees) ([2]). L-iżvilupp ġie ffaċilitat u kkoordinat mill-EUAA. Qabel ma ġiet iffinalizzata, twettqet konsultazzjoni dwar il-gwida mal-pajjiżi kollha tal-UE+ permezz tan-networks tal-EUAA dwar l-akkoljenza, il-proċessi tal-ażil u Dublin.

**Min għandu juża din il-gwida?** Din il-gwida hija primarjament maħsuba għall-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għad-detenzjoni u/jew alternattivi għad-detenzjoni, inklużi dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u dawk li jfasslu l-politika. Barra minn hekk, din l-għodda tista' tkun utli għal kwalunkwe persuna oħra li taħdem jew li tkun involuta fil-qasam tad-detenzjoni jew alternattivi għad-detenzjoni.

**Kif tista' tintuża din il-gwida.** Din il-gwida fiha linji gwida dwar alternattivi għad-detenzjoni, b'kunsiderazzjonijiet speċifiċi rigward l-applikabbiltà tagħhom fil-kuntest ta' proċedura fuq il-fruntiera. Il-qarrej jista' jsib gwida ulterjuri fil-manwal dwar id-dritt Ewropew relatat mal-ażil, l-immigrazzjoni u l-fruntieri ppubblikat b'mod konġunt mill-FRA u mill-QEDB u aġġornat regolarment, li jiddeskrivi d-dritt Ewropew applikabbli dwar id-detenzjoni u r-restrizzjonijiet tal-moviment liberu fil-Kapitolu 7. B'mod aktar speċifiku dwar alternattivi għad-detenzjoni, il-qarrej jista' jikkonsulta d-dokumenti tal-Kunsill tal-Ewropa dwar aspetti legali u prattiċi ta' alternattivi effettivi għad-detenzjoni fil-kuntest tal-migrazzjoni u l-Manwal dwar Alternattivi għad-Detenzjoni tal-Immigrazzjoni: It-Trawwim ta' Riżultati Effettivi, pubblikazzjoni tal-FRA dwar alternattivi għad-detenzjoni għal persuni li jfittxu l-ażil u persuni fi proċeduri ta' ritorn u d-dokument tal-Frontex dwar prattiki tajbin dwar alternattivi għad-detenzjoni.

**Din il-gwida kif inhi relatata mal-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali?** Din hija għodda ta' konverġenza mhux vinkolanti. Din mhijiex legalment vinkolanti u tirrifletti standards maqbula b'mod komuni kif adottati mill-Bord tat-Tmexxija tal-EUAA f'Diċembru 2024. Il-*Linji Gwida dwar alternattivi għad-detenzjoni* tal-EUAA għandhom jintużaw flimkien ma' gwidi u għodod prattiċi disponibbli oħrajn.

([1]) Is-27 Stat Membru tal-UE, ikkomplementati mill-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera.
([2]) Innota li l-gwida ffinalizzata mhux neċessarjament tirrifletti l-pożizzjonijiet tal-IOM, tal-UNICEF, tal-KtE u tal-UNHCR.

**Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà**

Din il-gwida tħejjiet mingħajr preġudizzju għall-prinċipju li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biss tista' tagħti interpretazzjoni awtorevoli tad-dritt tal-UE.

# Werrej

**Lista ta' abbrevjazzjonijiet** ... **8**

**Introduzzjoni** ... **10**

**Definizzjoni tal-alternattivi għad-detenzjoni** ... **12**

Linja Gwida 1 ... 13

L-alternattivi għad-detenzjoni għandhom jiġu applikati biss jekk tkun teżisti raġuni leġittima għad-detenzjoni ... 13

Il-legalità tad-detenzjoni ... 13

Raġunijiet għad-detenzjoni ... 13

Raġunijiet għad-detenzjoni fil-kuntest tal-proċedura tal-ażil ... 14

Raġunijiet għad-detenzjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' ritorn ... 15

Raġunijiet għad-detenzjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' determinazzjoni tar-responsabbiltà ... 15

Linja Gwida 2 ... 19

L-alternattivi għad-detenzjoni ma għandhomx jammontaw għal ċaħda tal-libertà ... 19

Alternattivi għad-detenzjoni u ċ-ċaħda tal-libertà ... 19

Id-differenzjazzjoni tal-alternattivi għad-detenzjoni minn kunċetti oħrajn ... 21

**L-istabbiliment ta' alternattivi għad-detenzjoni** ... **24**

Linja Gwida 3 ... 24

L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jiġu stabbiliti bil-liġi, li għandha tispeċifika b'mod ċar l-awtorità responsabbli biex tadottahom u timplimentahom, il-kriterji għall-applikazzjoni tagħhom u l-firxa ta' għażliet disponibbli ... 24

Min jeżamina u japplika alternattivi għad-detenzjoni? ... 24

Meta għandhom jiġu eżaminati u applikati alternattivi għad-detenzjoni? ... 24

X'tipi ta' alternattivi għad-detenzjoni? ... 25

Il-vantaġġi u l-isfidi ewlenin tal-alternattivi għad-detenzjoni ... 31

Linja Gwida 4 ... 34

L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jirrispettaw l-istandards u l-prinċipji tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ... 34

Ir-rispett tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ... 34

Projbizzjoni tat-tortura u ta' trattament jew pieni inumani jew degradanti ... 34

Ir-rispett tad-dritt għall-privatezza ... 35

Ir-rispett tad-dritt għas-saħħa ... 35

Ir-rispett tad-dritt għall-ħajja tal-familja ... 35

Ir-rispett tal-aħjar interessi tat-tfal ... 35

Ir-rispett tad-dritt għall-edukazzjoni ... 36

Ir-rispett tad-dritt tat-tfal għall-informazzjoni u l-parteċipazzjoni ... 36

Ir-rispett tad-dritt għal rimedju effettiv ... 36

**Id-deċiżjoni dwar l-alternattivi għad-detenzjoni ... 38**

Linja Gwida 5 ... 38

L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jiġu eżaminati u esklużi kif suppost qabel ma jirrikorru għad-detenzjoni, f'konformità mal-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità ... 38

L-alternattivi għad-detenzjoni bħala miżura tal-ewwel rimedju ... 38

L-obbligu li jingħataw raġunijiet għan-nuqqas ta' applikazzjoni ta' alternattivi għad-detenzjoni ... 39

It-test tan-neċessità ... 39

It-test tal-proporzjonalità ... 39

Linja Gwida 6 ... 41

L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jkunu bbażati fuq valutazzjoni ta' każ b'każ u jqisu ċ-ċirkostanzi individwali u l-ħtiġijiet speċifiċi ... 41

Il-valutazzjoni individwali ... 41

L-evalwazzjoni tal-konformità mal-proċedura u r-riskji ta' ħarba ... 41

Evalwazzjoni tal-fatturi ta' vulnerabbiltà ... 43

L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' intervent minimu ... 45

Kunsiderazzjoni tat-tip, tad-durata u tal-impatt ... 46

Il-kalibrazzjoni tal-obbligi ... 47

Notifika tad-deċiżjonijiet ... 47

Linja Gwida 7 ... 52

Għandhom jiġu applikati alternattivi għad-detenzjoni, bħala regola, kull meta tiġi kkunsidrata d-detenzjoni tat-tfal, f'konformità mal-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal ... 52

Il-qafas legali tal-UE ... 52

Alternattivi għad-detenzjoni għal tfal mhux akkumpanjati u separati ... 54

Alternattivi għad-detenzjoni għal familji bit-tfal ... 57

**L-implimentazzjoni ta' alternattivi għad-detenzjoni ... 58**

Linja Gwida 8 ... 58

L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jiġu implimentati bl-aktar mod effettiv, b'salvagwardji u proċessi fis-seħħ biex tiżdied ir-rata ta' konformità ... 58

Ħruġ ta' dokumentazzjoni ... 58

Aċċess għal kundizzjonijiet tal-għajxien dinjitużi u aċċess għas-servizzi ... 58

Aċċess għall-informazzjoni ... 59

Aċċess għal konsulenza legali u assistenza legali ... 59

**Ir-rieżami tal-alternattivi għad-detenzjoni ... 67**

Linja Gwida 9 ... 67

L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jkunu soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju li jqis kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi individwali ... 67

Rieżami tad-detenzjoni u ta' alternattivi għad-detenzjoni ... 67

L-eżiti possibbli tal-istħarriġ ġudizzjarju ... 69

Notifika tal-irtirar ... 71

**It-tmiem tal-alternattivi għad-detenzjoni ..... 73**
Linja Gwida 10 ..... 73
L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jkunu ta' natura temporanja ..... 73
L-alternattivi għad-detenzjoni għandhom ikunu limitati fit-tul ta' żmien tagħhom ..... 73
Skadenza tal-bażi legali għall-alternattivi għad-detenzjoni ..... 73
**Anness 1. Tabella sommarja tal-linji gwida ..... 75**
**Anness 2. Listi ta' kontroll tal-linji gwida ..... 76**
**Anness 3. L-iskrinjar u l-proċeduri fuq il-fruntieri ..... 82**
Il-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil ..... 82
Skrinjar ..... 82
Il-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera ..... 83
Il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera ..... 84
Il-finzjoni legali tan-nuqqas ta' dħul ..... 85
**Anness 4. Glossarju ..... 88**

# Lista ta' abbrevjazzjonijiet

| Abbrevjazzjoni | Definizzjoni |
|---|---|
| **AMMR** | **regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni** — ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 |
| **APR** | **regolament dwar il-proċedura tal-ażil** — ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE |
| **AtD(s)** | alternattiva/i għad-detenzjoni |
| **CRC** | Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal |
| **CSO(s)** | organizzazzjoni(jiet) tas-soċjetà ċivili |
| **Direttiva dwar ir-ritorn** | Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment |
| **EMN** | Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni |
| **EUAA** | L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil |
| **FRA** | L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali |
| **Frontex** | L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta |
| **Karta** | Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea |
| **KEDB** | Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem |
| **QEDB** | Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem |
| **QĠUE** | Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea |
| **RCD (2024)** | Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali |
| **regolament dwar l-iskrinjar** | Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jintroduċi l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 |
| **regolament dwar proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera** | Regolament (UE) 2024/1349 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1148 |

| Abbrevjazzjoni | Definizzjoni |
|---|---|
| **Stati Membri** | L-Istati Membri tal-UE |
| **TCN(s)** | ċittadin(i) ta' pajjiż terz |
| **UNHCR** | Il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati |

Il-pajjiżi tal-UE+ iċċitati f'dan id-dokument huma mqassra kif ġej.

**AT**: L-Awstrija
**BE**: Il-Belġju
**BG**: Il-Bulgarija
**CH**: L-Iżvizzera
**CY**: Ċipru
**CZ**: Iċ-Ċekja
**DE**: Il-Ġermanja
**DK**: Id-Danimarka
**EE**: L-Estonja
**EL**: Il-Greċja
**ES**: Spanja
**FI**: Il-Finlandja
**FR**: Franza
**HR**: Il-Kroazja
**IE**: L-Irlanda
**IT**: L-Italja
**LT**: Il-Litwanja
**LU**: Il-Lussemburgu
**LV**: Il-Latvja
**MT**: Malta
**NL**: In-Netherlands
**PL**: Il-Polonja
**PT**: Il-Portugall
**SE**: L-Iżvezja
**SI**: Is-Slovenja
**SK**: Is-Slovakkja

# Introduzzjoni

Dawn l-aħħar snin raw attenzjoni dejjem akbar lejn alternattivi għad-detenzjoni (AtDs), bħala mezz għall-Istati Membri biex jimmaniġġjaw il-migrazzjoni mingħajr ma jċaħħdu lill-individwi mid-dritt fundamentali tagħhom għal-libertà, sakemm dan ma jkunx meħtieġ u ġustifikat. F'dan is-sens, l-AtDs jistgħu jipprevjenu u jevitaw l-effetti fiżiċi u psikoloġiċi avversi taċ-ċaħda tal-libertà fuq in-nies, inklużi persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli.

Dan l-interess dejjem jiżdied lejn is-suġġett huwa evidenti wkoll billi wieħed iħares lejn il-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil [3]. L-istrumenti leġiżlattivi differenti tagħha mhux biss tennew il-prinċipji u s-salvagwardji ewlenin sottostanti għall-ATDs, iżda introduċew ukoll novitajiet sinifikanti, bħall-obbligu għall-awtoritajiet li jordnaw id-detenzjoni biex jipprovdu espressament raġunijiet fl-ordnijiet ta' detenzjoni fi kwalunkwe ħin li ma jiġux applikati l-AtDs.

Il-Patt il-ġdid jintroduċi wkoll il-possibbiltà li l-Istati Membri japplikaw restrizzjonijiet tal-libertà tal-moviment biex jimmaniġġjaw is-sistema ta' akkoljenza tagħhom (l-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza (RCD (2024)) [4]. Dawn il-miżuri ġodda, li huma aktar flessibbli, se jeżistu flimkien mal-AtDs, u jipprovdu lill-Istati Membri b'sett ta' għodod komprensiv li minnu jagħżlu l-aktar miżura xierqa. F'xi każijiet, l-istess miżura (eż. rapportar lill-awtoritajiet kompetenti) tista' tintuża bħala AtD skont l-Artikolu 10 tal-RCD (2024) jew bħala restrizzjoni tal-libertà tal-moviment skont l-Artikolu 9 tal-RCD (2024). Dawn il-linji gwida għandhom jinqraw flimkien mal-gwida relatata mal-organizzazzjoni tal-akkoljenza u l-miżuri ta' ġestjoni (inklużi r-restrizzjonijiet tal-libertà tal-moviment) li l-EUAA se tiżviluppa fil-futur.

L-Artikolu 5(5) tar-Regolament dwar proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera [5] jagħti mandat lill-EUAA biex tiżviluppa "linji gwida dwar diversi prattiki alternattivi għad-detenzjoni, li jistgħu jintużaw fil-kuntest ta' proċedura fuq il-fruntiera".

B'konsegwenza ta' dan, dawn il-linji gwida għandhom l-għan li jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri b'għodda li tiġbor fil-qosor l-aspetti ewlenin tal-AtDs matul l-istadji differenti tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, abbażi tal-acquis tal-UE.

Id-dokument jinqasam f'sitt elementi kostitwenti: **id-definizzjoni**, **l-istabbiliment**, **id-deċiżjoni**, **l-implimentazzjoni**, **ir-rieżami** u **t-tmiem** tal-AtDs. Kull element kostitwenti jinkludi għadd ta' linji gwida li, f'każijiet rilevanti, huma segwiti minn eżempji ta' prattiki tal-Istati Membri li jistgħu jkunu ta' ispirazzjoni għal pajjiżi oħrajn.

Filwaqt li l-linji gwida huma ġeneralment applikabbli fil-fażijiet kollha tal-proċeduri tal-ażil jew tar-ritorn, kunsiderazzjonijiet speċifiċi janalizzaw l-impatt tal-proċeduri fuq il-fruntiera li għadhom kif ġew introdotti fuq l-ATDs, li deskrizzjoni tagħhom tinsab fl-Anness 3. B'mod partikolari, l-analiżi dwar l-applikazzjoni tal-AtDs fil-proċedura ta' ritorn (fuq il-fruntiera) ġiet

(3) Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni, "Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil", is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea, il-21 ta' Mejju 2024, aċċessat fis-6 ta' Diċembru 2024, https://home-affairs.ec.europa.eu/policies/migration-and-asylum/pact-migration-and-asylum_en.
(4) Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.
(5) Regolament (UE) 2024/1349 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1148.

żviluppata f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), fid-dawl tal-mandat tagħha.

Din il-gwida hija bbażata fuq għadd ta' sorsi ewlenin bħal pubblikazzjonijiet, studji akkademiċi, rapporti u ġurisprudenza maħruġa minn organizzazzjonijiet rilevanti, aġenziji tal-UE u qrati Ewropej u internazzjonali. Fejn xieraq, kull sors jissemma fit-test jew issir referenza għalih fin-noti f'qiegħ il-paġna.

Dawn il-linji gwida għandhom jitqiesu bħala sforz inizjali tal-Aġenzija fuq is-suġġett tad-detenzjoni u l-AtDs f'konformità mal-mandat tagħha.

# Definizzjoni tal-alternattivi għad-detenzjoni

Minkejja n-nuqqas ta' definizzjoni maqbula b'mod universali ta' "alternattivi għad-detenzjoni", jeżisti kunsens wiesa' dwar il-fatt li l-alternattivi għad-detenzjoni tal-immigrazzjoni huma **miżuri mhux ta' kustodja** li jinvolvu **livell ta' koerċizzjoni ta' grad aktar baxx mid-detenzjoni** ([6]).

Il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali jirreferu għall-AtDs bl-użu ta' termini differenti ([7]) li huma relatati ma' firxa ta' prattiki li jistgħu jintużaw biex tiġi evitata d-detenzjoni, fir-rigward tal-prinċipju tan-neċessità u tal-proporzjonalità.

Id-Direttiva dwar il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza (RCD (2024)) tiddefinixxi d-detenzjoni bħala "il-konfinament ta' applikant minn Stat Membru f'post partikolari, fejn l-applikant jiġi mċaħħad mil-libertà ta' moviment tiegħu" ([8]). Madankollu, la l-RCD (2024) u l-ebda strument ieħor tal-acquis applikabbli tal-UE ma jiddefinixxu espressament l-AtDs ([9]).

Madankollu, dawn l-istrumenti jistgħu jgħinu biex jiġu ddeterminati żewġ elementi essenzjali li jikkwalifikaw in-natura tal-AtDs. Tabilħaqq, nistgħu nitkellmu biss dwar l-AtDs meta:

- tiġi identifikata raġuni permessa għad-detenzjoni; u
- il-miżuri mhux ta' kustodja implimentati minflok id-detenzjoni jkunu inqas restrittivi miċ-ċaħda tal-libertà, minkejja li jistgħu jinvolvu ċertu livell u intensità ta' koerċittività ([10]).




([6]) Il-Kunsill tal-Ewropa, *Gwida Prattika dwar Alternattivi għad-Detenzjoni tal-Immigrazzjoni: Trawwim ta' Riżultati Effettivi – Gwida prattika*, 2019, p. 12. Għad-differenza bejn iċ-ċaħda tal-libertà u r-restrizzjoni tal-libertà tal-moviment, ara wkoll Linja Gwida 2.

([7]) Pereżempju, "miżuri mhux ta' kustodja", "miżuri inqas restrittivi", "miżuri inqas koerċittivi", "miżuri inqas drastiċi", "miżuri inqas invażivi", "miżuri inqas onerużi", "miżuri inqas intrużivi", "miżuri speċjali", "miżuri aktar laxki" jew "miżuri alternattivi". Ara l-Kunsill tal-Ewropa, *Aspetti legali u prattiċi ta' alternattivi effettivi għad-detenzjoni fil-kuntest tal-migrazzjoni*, 2018.

([8]) L-Artikolu 2(9) tal-RCD (2024). Il-QĠUE kkonfermat li t-tifsira tat-terminu "detenzjoni" skont id-Direttiva dwar ir-ritorn (li ma tiddefinixxihiex) hija l-istess bħal fl-RCD (2024) (ara ċ-ċitazzjoni sħiħa ta' *FMS u Oħrajn* f'fn. 26).

([9]) Abbażi tal-Artikolu 8(4) tal-RCD preċedenti (id-Direttiva 2013/33/UE), in-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN, European Migration Network) jiddefinixxi "alternattiva għad-detenzjoni" bħala "miżuri mhux ta' kustodja użati biex jimmonitorjaw u/jew jillimitaw il-moviment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-proċeduri internazzjonali ta' protezzjoni u ritorn".

([10]) F'dan is-sens, id-definizzjoni pprovduta hija waħda dejqa. Ara C. Costello u E. Kaytaz fl-UNHCR, *Building Empirical Research into Alternatives to Detention: Perception of Asylum seekers and Refugees in Toronto and Geneva*, 2013, p. 10: "[It-terminu AtD] jintuża f'mill-inqas żewġ sensi distinti. Fis-sens dejjaq, huwa jirreferi għal prattika użata fejn id-detenzjoni għandha bażi leġittima … iżda mezz ta' kontroll inqas restrittiv huwa għad-dispożizzjoni tal-Istat u għalhekk għandu jintuża. Fis-sens usa', l-AtDs jirreferu għal kwalunkwe waħda minn firxa ta' politiki u prattiki … li ma jaqgħux taħt detenzjoni, iżda tipikament jinvolvu xi restrizzjonijiet".

# Linja Gwida 1

## *L-alternattivi għad-detenzjoni għandhom jiġu applikati biss jekk tkun teżisti raġuni leġittima għad-detenzjoni*

### Il-legalità tad-detenzjoni

Id-detenzjoni trid tkun legali, jiġifieri **trid tkun awtorizzata mil-liġi u f'konformità magħha**. Il-prinċipju taċ-ċertezza legali tad-detenzjoni jirrikjedi li l-liġi tkun preċiża biżżejjed biex tippermetti lil kulħadd jipprevedi l-konsegwenzi ta' azzjoni partikolari.

Id-detenzjoni jrid ikollha bażi legali fil-liġi nazzjonali u r-regoli li jippreskrivu ċ-ċirkostanzi li taħthom applikant jew ċittadin ta' pajjiż terz (TCN) jista' jiġi detenut, kif ukoll il-proċeduri u l-garanziji relatati mad-detenzjoni, iridu jkunu ċari.

Jekk id-dispożizzjonijiet legali li jirregolaw id-detenzjoni ma jkunux prevedibbli b'mod adegwat fl-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tagħhom ([11]), id-detenzjoni tista' tirriżulta f'waħda arbitrarja ([12]).

### Raġunijiet għad-detenzjoni

Il-prinċipju tal-legalità tad-detenzjoni jimplika li kwalunkwe deċiżjoni li jiġi detenut applikant jew TCN trid tkun **ibbażata fuq raġuni (leġittima) permessa għad-detenzjoni** fil-każ konkret.

**Meta ma tkun tista' tiġi stabbilita l-ebda raġuni bħal din għad-detenzjoni** (jew ma tibqax tapplika, ara Linja Gwida 9 u Linja Gwida 10)**, l-ATDs ma jkollhom l-ebda bażi legali** ([13]) u l-persuna kkonċernata trid tinħeles.

([11]) QEDB, sentenza tas-16 ta' Diċembru 2016, *Khlaifia u Oħrajn vs l-Italja*, Nru 16483/12, ECLI:CE:ECHR:2016:1215JUD001648312. Sommarju disponibbli fil-Bażi tad-*Data* tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.

([12]) Il-kunċett ta' "arbitrarjetà" huwa interkonness mal-prinċipji tar-raġonevolezza, tan-neċessità u tal-proporzjonalità. Dawn il-prinċipji kollha jridu jiġu vvalutati fil-każijiet individwali (ara Linja Gwida 5 u Linja Gwida 6). "Il-kunċett ta' 'arbitrarjetà' ma għandux jitqabbel ma' 'kontra l-liġi', iżda jrid jiġi interpretat b'mod aktar wiesa' sabiex jinkludi elementi ta' inadegwatezza, inġustizzja, nuqqas ta' prevedibbiltà u proċess dovut tal-liġi, kif ukoll elementi ta' raġonevolezza, neċessità u proporzjonalità." Il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (HRC, Human Rights Committee), *Kumment ġenerali Nru 35, l-Artikolu 9 (Il-libertà u s-sigurtà tal-persuna)*, CCPR/C/GC/35, il-paragrafu 12, is-16 ta' Diċembru 2014.

([13]) In-nuqqas ta' raġuni għad-detenzjoni ma jipprekludix l-użu ta' miżuri restrittivi (superviżorji jew maniġerjali) simili bbażati fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Id-dħul f'pajjiż b'mod irregolari għall-fini ta' tiftix ta' protezzjoni internazzjonali mhuwiex att illegali u ma jikkostitwixxix raġuni għad-detenzjoni ([14]). F'dan is-sens, l-Artikolu 10(1) tal-RCD (2024) jiċċara li "l-Istati Membri ma għandhomx iżommu persuna f'detenzjoni għar-raġuni biss li dik il-persuna hija applikant jew abbażi tan-nazzjonalità ta' dak l-applikant".

Skont il-kamp ta' applikazzjoni, strumenti leġiżlattivi differenti fl-acquis tal-UE fihom dispożizzjonijiet dwar ir-raġunijiet għad-detenzjoni, kif spjegat hawn taħt.

## Raġunijiet għad-detenzjoni fil-kuntest tal-proċedura tal-ażil

Ir-raġunijiet għad-detenzjoni għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali huma elenkati fl-**RCD (2024)**. Dawn ir-raġunijiet huma eżawrjenti u jridu jiġu stipulati fil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri. F'konformità mal-Artikolu 10(4) tal-RCD (2024), applikant jista' jiġi detenut biss abbażi ta' waħda jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin:

- biex tiġi ddeterminata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità tagħhom;
- biex jiġu ddeterminati l-elementi li fuqhom hija bbażata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li ma setgħux jinkisbu fin-nuqqas ta' detenzjoni, b'mod partikolari fejn ikun hemm riskju ta' ħarba;
- biex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi legali imposti fuq l-applikant permezz ta' deċiżjoni individwali dwar ir-restrizzjonijiet tal-libertà tal-moviment f'każijiet fejn l-applikant ma jkunx ikkonforma ma' tali obbligi u jibqa' jkun hemm riskju ta' ħarba;
- biex tittieħed deċiżjoni, fil-kuntest ta' proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera, dwar id-dritt tal-applikant li jidħol fit-territorju;
- meta l-applikant jiġi detenut soġġett għal proċedura ta' ritorn, sabiex iħejji r-ritorn, jew iwettaq il-proċess ta' tneħħija, u l-Istat Membru kkonċernat ikun jista' jissostanzja abbażi ta' kriterji oġġettivi, inkluż li l-applikant diġà kellu l-opportunità li jaċċessa l-proċedura għal protezzjoni internazzjonali, li hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li l-applikant qed jagħmel l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali sempliċiment sabiex jittardja jew ifixkel l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn;
- meta l-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali jew tal-ordni pubbliku tkun teħtieġ dan.

([14]) UNHCR, *Linji Gwida dwar il-Kriterji u l-Istandards Applikabbli relatati mad-Detenzjoni ta' Persuni li Jfittxu l-Ażil u Alternattivi għad-Detenzjoni*, 2012. L-istess prinċipju huwa rrispettat mill-Kumitat dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u tal-Membri tal-Familji Tagħhom (CMW) li kkonkluda li "l-kriminalizzazzjoni tad-dħul irregolari f'pajjiż taqbeż l-interess leġittimu tal-Istati biex jikkontrollaw u jirregolaw il-migrazzjoni irregolari u twassal għal detenzjoni bla bżonn" (CMW, *Kumment ġenerali Nru 5 dwar id-drittijiet tal-migranti għal-libertà, il-libertà minn detenzjoni arbitrarja u l-konnessjoni tagħhom ma' drittijiet tal-bniedem oħrajn*, 2021). Fl-istess ħin, il-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar id-Detenzjoni Arbitrarja (WGAD, Working Group on Arbitrary Detention) ikkonferma wkoll li ċ-ċaħda tal-libertà ta' tfal li qed ifittxu l-ażil, refuġjati, apolidi jew migranti, inklużi tfal mhux akkumpanjati jew separati, hija pprojbita u ma tistax tkun ta' natura punittiva (WGAD, *Deliberazzjoni Riveduta Nru 5 dwar iċ-ċaħda tal-libertà tal-migranti*, 2018).

## Raġunijiet għad-detenzjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' ritorn

Abbażi tad-**Direttiva dwar ir-ritorn** ([15]), l-Istati Membri jistgħu jżommu biss f'detenzjoni TCN li jkun is-suġġett ta' proċeduri ta' ritorn sabiex iħejju r-ritorn u/jew iwettqu l-proċess ta' tneħħija, b'mod partikolari meta:

- ikun hemm riskju ta' ħarba jew
- it-TCN ikkonċernat jevita jew ifixkel it-tħejjija tar-ritorn jew il-proċess ta' tneħħija ([16]).

## Raġunijiet għad-detenzjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' determinazzjoni tar-responsabbiltà

F'konformità mal-Artikolu 10(4) tal-RCD (2024) u l-Artikolu 44(2) tar-regolament dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni (AMMR, asylum and migration management regulation) ([17]), l-Istati Membri jistgħu jżommu persuna għall-fini ta' trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli f'każ ta':

- riskju ta' ħarba; jew
- il-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali jew tal-ordni pubbliku ([18]).

([15]) Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

([16]) L-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar ir-ritorn. Ir-regoli rilevanti dwar id-detenzjoni deskritti fid-Direttiva dwar ir-ritorn iridu japplikaw matul l-iskrinjar għal dawk li ma jkunux għamlu applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

([17]) Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013.

([18]) L-Artikolu 45 tal-AMMR jistabbilixxi wkoll li t-talbiet li jikkonċernaw persuna detenuta f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-AMMR għandhom jintbagħtu fi żmien ġimagħtejn mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni jew mill-wasla tar-Riżultat mill-Eurodac. L-Istat Membru riċeventi għandu jwieġeb fi żmien ġimgħa. It-trasferiment għandu mbagħad jitwettaq malajr kemm jista' jkun u, fi kwalunkwe każ, fi żmien 5 ġimgħat mid-data meta t-talba tkun ġiet aċċettata jew meta l-appell jew ir-rieżami ma jibqax ikollu effetti sospensivi.

## Kunsiderazzjonijiet relatati mal-proċeduri fuq il-fruntieri

### Raġunijiet ta' detenzjoni fil-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera

Ir-raġunijiet għad-detenzjoni elenkati fl-RCD (2024) huma applikabbli wkoll matul il-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera. B'mod partikolari, huma meħtieġa kunsiderazzjonijiet speċifiċi fil-każijiet li ġejjin.

- **Determinazzjoni jew verifika tal-identità jew tan-nazzjonalità**

  **Din ma għandhiex tiġi interpretata bħala li tiġġustifika d-detenzjoni għal dawk l-applikanti kollha li ma għandhomx id-dokumentazzjoni xierqa**. Id-detenzjoni għandha tiġi applikata jekk ikun ċar li ċ-ċaħda tal-applikant mil-libertà tiegħu tkun **l-uniku mod** kif l-awtoritajiet jiddeterminaw jew jivverifikaw l-identità jew in-nazzjonalità tal-individwu. Ċerti indikaturi jistgħu jassistu lill-awtoritajiet f'din il-valutazzjoni, bħal: it-tentattiv intenzjonat tal-persuna li tqarraq bl-awtoritajiet; l-eżistenza ta' raġunijiet ċari biex jitqies li l-applikant, b'mala fide, qered jew rema dokument tal-identità sabiex jipprevjeni d-determinazzjoni tal-identità jew tan-nazzjonalità tiegħu; l-użu ta' dokumenti ffalsifikati; in-nuqqas intenzjonat ta' kooperazzjoni mill-applikant matul il-proċess ta' skrinjar; il-preżentazzjoni ta' informazzjoni kontradittorja b'mod ċar; u r-riskju ta' ħarba.

- **Deċiżjoni dwar id-dritt tal-applikant li jidħol fit-territorju**

  Din ir-raġuni ta' detenzjoni tista' tapplika għall-applikanti kollha li jiġu mgħoddija għall-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera. Madankollu, kif deskritt taħt Linja Gwida 6, l-applikazzjoni **sistematika** tad-detenzjoni mingħajr valutazzjoni individwali mhijiex konformi mal-istandards legali internazzjonali u tal-UE. Għalhekk, iċ-ċirkostanza waħedha li l-applikant jiġi mgħoddi għall-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera mhijiex biżżejjed biex tinħareġ ordni ta' detenzjoni skont l-Artikolu 10(4)(d) tal-RCD (2024). L-Istati Membri jistgħu jżommu lill-persuna kkonċernata biex jiddeċiedu dwar id-dritt li tidħol fit-territorju, speċjalment jekk ikun hemm riskju ta' ħarba wara valutazzjoni individwali.

- **Is-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubbliku**

  Huwa obbligatorju li individwu jiġi mgħoddi għall-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex jitqies li dan joħloq theddida għas-sigurtà nazzjonali. L-awtoritajiet jista' jkollhom informazzjoni mill-kontroll tas-sigurtà mwettaq matul l-iskrinjar li l-persuna tista' tippreżenta periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku. Madankollu, dan ma jfissirx li l-applikant se jiġi detenut awtomatikament abbażi ta' din l-informazzjoni, minħabba li r-rekwiżiti biex wieħed jgħaddi għall-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera huma differenti minn dawk għall-ħruġ ta' ordni ta' detenzjoni. Huma biss dawk l-applikanti li jirrappreżentaw theddida ġenwina, preżenti u serja biżżejjed li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà jew is-sigurtà interna jew esterna tal-Istat Membru li jistgħu jiġu detenuti, wara valutazzjoni individwali dwar in-neċessità u l-proporzjonalità tad-detenzjoni ([19]).

**Raġunijiet ta' detenzjoni fil-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera**

Il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera introduċiet raġunijiet ġodda għad-detenzjoni, li jipprevedu l-possibbiltà li jiġu detenuti t-TCNs li l-applikazzjoni tagħhom tkun ġiet miċħuda fil-kuntest ta' proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera ([20]).

Ir-regolament dwar il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera jiddistingwi ż-żewġ kategoriji ta' hawn taħt.

- Persuni li kienu detenuti matul il-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera, li ma għadx għandhom id-dritt li jibqgħu u li ma jitħallewx jibqgħu: jistgħu jkomplu jiġu detenuti għall-fini tal-prevenzjoni tad-dħul tagħhom fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, tat-tħejjija tar-ritorn tagħhom jew tat-twettiq tal-proċess ta' tneħħija.
- Persuni li ma kinux detenuti matul il-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera, li ma għadx għandhom id-dritt li jibqgħu u li ma jitħallewx jibqgħu: jistgħu jiġu detenuti jekk ikun hemm riskju ta' ħarba, jekk jevitaw jew ifixklu t-tħejjija tar-ritorn jew il-proċess ta' tneħħija jew jekk joħolqu riskju għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali.

([19]) QtĠ-UE, sentenza tat-30 ta' Ġunju 2022, *M.A. vs Valstybės sienos apsaugos tarnyba*, C-72/22 PPU, EU:C:2022:505, ECLI:EU:C:2022:505, il-paragrafi 89–90. Sommarju disponibbli fil-Bażi tad-*Data* tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.
([20]) L-Artikolu 5(2) u (3) tar-regolament dwar il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera. L-Artikolu 4(3) jirreferi għad-Direttiva dwar ir-ritorn dwar is-salvagwardji proċedurali u l-prinċipji rigward id-detenzjoni.

**Illustrazzjoni 1. Raġunijiet għad-detenzjoni f'kull proċedura**

### PROĊEDURA TAL-AŻIL (FUQ IL-FRUNTIERA)

- Sabiex tiġi ddeterminata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità; jew
- Sabiex jiġu ddeterminati l-elementi li fuqhom tkun ibbażata l-applikazzjoni; jew
- Sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-restrizzjonijiet tal-libertà tal-moviment; jew
- Sabiex tittieħed deċiżjoni dwar id-dritt tal-applikant li jidħol fit-territorju; jew
- L-applikazzjoni ssir biex jiġi ttardjat jew imfixkel ir-ritorn u l-applikant ikun diġà detenut; jew
- Sabiex jiġu mħarsa s-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubbliku.

### PROĊEDURA TA' DETERMINAZZJONI TAR-RESPONSABBILTÀ

- Ikun hemm riskju ta' ħarba; jew
- Sabiex jiġu mħarsa s-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubbliku.

### PROĊEDURA TA' RITORN

- Ikun hemm riskju ta' ħarba; jew
- Il-persuna tevita jew tfixkel it-tħejjija tar-ritorn.

### PROĊEDURA TA' RITORN FUQ IL-FRUNTIERA

L-individwu **ġie detenut** matul il-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera:

- sabiex jiġi evitat id-dħul; jew
- sabiex jitħejja r-ritorn; jew
- sabiex jitwettaq il-proċess ta' tneħħija.

L-individwu **ma ġiex detenut** matul il-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera u:

- ikun hemm riskju ta' ħarba; jew
- il-persuna tevita jew tfixkel it-tħejjija tar-ritorn; jew
- il-persuna toħloq riskju għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali.

# Linja Gwida 2

*L-alternattivi għad-detenzjoni ma għandhomx jammontaw għal ċaħda tal-libertà*

## Alternattivi għad-detenzjoni u ċ-ċaħda tal-libertà

L-AtDs iridu jkunu inqas restrittivi miċ-ċaħda tal-libertà. B'riżultat ta' dan, jekk ir-restrizzjonijiet imposti, ikkunsidrati individwalment jew b'mod kumulattiv, jammontaw għal sitwazzjoni komparabbli maċ-ċaħda tal-libertà, tali miżuri ma jistgħux jitqiesu bħala alternattiva għad-detenzjoni, iżda **pjuttost bħala forom alternattivi ta' detenzjoni jew detenzjoni *de facto***, irrispettivament mill-mod kif jiġu ttikkettati fis-sistemi nazzjonali.

Eżempji jinkludu sitwazzjonijiet ta' **għeluq fi kwalunkwe post** ([21]) fejn jista' jkun hemm ċaħda tal-libertà, prattiki li jipprevedu kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet onerużi żżejjed (u/jew taħlita tagħhom). Għal eżempji speċifiċi, ara l-ġurisprudenza hawn taħt.

**QEDB, *Nolan u K* vs *Ir-Russja*** ([22])

Fis-sentenza ***Nolan u K* vs *Ir-Russja***, il-QEDB iddikjarat li sabiex jiġi ddeterminat jekk xi ħadd ġiex "imċaħħad mil-libertà tiegħu" skont it-tifsira tal-Artikolu 5, il-punt tat-tluq irid ikun **is-sitwazzjoni konkreta tiegħu**, u jrid jittieħed kont ta' firxa sħiħa ta' kriterji, bħat-tip, it-tul, l-effetti u l-mod ta' implimentazzjoni tal-miżura inkwistjoni. "**Id-differenza bejn iċ-ċaħda tal-libertà u r-restrizzjoni fuqha hija biss waħda ta' grad jew intensità, u mhux waħda ta' natura jew sustanza**". Fil-każ speċifiku, il-Qorti sabet li l-kundizzjonijiet tas-soġġorn ta' matul il-lejl tal-applikant fis-sala ta' tranżitu tal-Ajruport ta' Sheremetyevo f'Moska (fejn huwa ssakkar f'kamra żgħira u tħalla juża t-tojlit, il-bar u t-telefon fil-jum ta' wara taħt superviżjoni kostanti minn uffiċjal tal-kontroll fil-fruntieri) kienu ekwivalenti fil-prattika, fid-dawl tar-restrizzjonijiet imġarrba, għal ċaħda tal-libertà.

([21]) Abbażi tal-[Kumment Ġenerali Nru 1 (2024) dwar l-Artikolu 4 tal-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra](), it-terminu "postijiet ta' ċaħda tal-libertà" għandu jinftiehem b'mod wiesa' biex jinkludi "kwalunkwe post, kemm jekk permanenti kif ukoll jekk temporanju, fejn il-persuni jiġu mċaħħda mil-libertà tagħhom bl-instigazzjoni jew bil-kunsens u/jew it-tolleranza tal-awtoritajiet pubbliċi". Dawn il-postijiet jistgħu jinkludu ambjenti privati jew pubbliċi, inklużi istituzzjonijiet li l-operat tagħhom ikun ġie esternalizzat jew iddelegat lil atturi privati u/jew istituzzjonijiet immexxija minn atturi mhux statali.

([22]) QEDB, sentenza tat-12 ta' Frar 2009, *Nolan u K. vs Ir-Russja*, Nru 2512/04, ECLI:CE:ECHR:2009:0212JUD000251204.

### QEDB, *Guzzardi vs L-Italja* ([23])

Fil-kawża ewlenija **Guzzardi vs L-Italja**, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) sabet li l-miżuri applikati, jiġifieri l-konfinament f'post partikolari fuq gżira żgħira, rekwiżit ta' residenza, l-obbligu li persuna tirrapporta darbtejn kuljum u tkun soġġetta għal superviżjoni kostanti kienu jammontaw għal ċaħda tal-libertà skont it-tifsira tal-Artikolu 5. Il-Qorti nnotat li r-restrizzjonijiet imposti għamluha diffiċli għall-individwu kkonċernat biex jagħmel kuntatti soċjali. Il-Qorti kkonkludiet li **dawn il-miżuri meħuda individwalment ma setgħux jammontaw għal ċaħda tal-libertà, iżda meta meħuda b'mod kumulattiv u flimkien kienu jammontaw għal detenzjoni *de facto*** u b'hekk kienu jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) ([24]).

### QEDB, *Amuur* vs *Franza* ([25])

Il-każ kien jikkonċerna ċittadini Somali li ma ngħatawx id-dritt li jidħlu fi Franza u li nżammu fiż-żona internazzjonali tal-ajruport ta' Pariġi-Orly. Il-Qorti nnotat li ż-żamma ta' persuna f'żoni internazzjonali tinvolvi restrizzjonijiet fuq il-libertà. Filwaqt li fakkret fil-kawża Guzzardi vs L-Italja, il-Qorti ddikjarat li "l-konfinament, akkumpanjat minn salvagwardji xierqa għall-persuni kkonċernati, huwa aċċettabbli" sa fejn jippermetti lil stat jipprevjeni l-immigrazzjoni illegali, filwaqt li jikkonforma mal-obbligi internazzjonali tiegħu. Il-Qorti nnotat ukoll li r-restrizzjoni ma setgħetx "tittawwal b'mod eċċessiv". Fil-każ inkwistjoni, il-Qorti kkonkludiet li r-"restrizzjonijiet imġarrba" – jiġifieri li wieħed ikun taħt sorveljanza stretta tal-pulizija mingħajr aċċess għal assistenza legali jew soċjali – kienu ekwivalenti għal ċaħda tal-libertà.

([23]) QEDB, sentenza tas-6 ta' Novembru 1980, *Guzzardi vs L-Italja*, Nru 7367/76, ECLI:CE:ECHR:1980:1106JUD000736776.
([24]) Il-Kunsill tal-Ewropa, *Il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif emendata mill-Protokoll Nru 15*, ETS 5, l-4 ta' Novembru 1950.
([25]) QEDB, is-sentenza tal-25 ta' Ġunju 1996, *Amuur vs Franza*, Nru 19776/92, ECLI:CE:ECHR:1996:0625JUD001977692.

**QĠUE, *FMS* vs *OIF* ([26])**

Fil-valutazzjoni tagħha, il-Qorti qieset l-effetti kumulattivi ta' indikaturi rilevanti bħal perimetru ristrett magħluq minn ċint għoli u wajers imxewka, kontejners li jservu bħala akkomodazzjoni b'superfiċje ta' inqas minn 13 $m^2$, l-inabbiltà li wieħed ikollu żjarat mingħajr awtorizzazzjoni, movimenti limitati, u sorveljanza minn uffiċjali tal-pulizija fiż-żona u l-inħawi immedjati tagħha. Barra minn hekk, il-Qorti sabet li kien manifestament impossibbli għall-applikant li jitlaq miż-żona ta' tranżitu volontarjament, safejn (i) din kienet tinsab fuq il-fruntiera tal-art mas-Serbja, pajjiż li fih it-TCN kien inammissibbli u li d-dħul tiegħu għamlu soġġett għal penali, u (ii) it-tluq miż-żona ta' tranżitu kien ifisser, skont ir-regolamenti nazzjonali Ungeriżi, l-irtirar tal-applikazzjoni għall-ażil, mingħajr ma t-TCN ikun jista' jappella dik id-deċiżjoni. Il-Qorti kkonkludiet li meta TCN ikun **sfurzat jibqa' b'mod permanenti f'żona ta' tranżitu ristretta u magħluqa, fejn il-movimenti tagħhom ikunu limitati u mmonitorjati u minn fejn ma jistgħux jitilqu b'mod volontarju**, dan jikkostitwixxi ċaħda tal-libertà.

## Id-differenzjazzjoni tal-alternattivi għad-detenzjoni minn kunċetti oħrajn

L-AtDs għandhom jiġu distinti mhux biss minn forom alternattivi ta' detenzjoni, iżda wkoll minn kunċetti oħrajn, kif spjegat hawn taħt.

### Alternattivi għad-detenzjoni u restrizzjonijiet tal-libertà tal-moviment

**L-AtDs mhumiex mezz biex tiġi ġestita s-sistema ta' akkoljenza**. F'konformità mal-RCD (2024), l-Istati Membri huma liberi li jorganizzaw is-sistema ta' akkoljenza tagħhom ([27]). Filwaqt li l-miżuri ta' akkoljenza ġeneralment ma jinvolvu l-ebda restrizzjoni fuq il-libertà tal-moviment, l-RCD (2024) tagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jimponu ċerti kundizzjonijiet li jistgħu jkunu simili għall-miżuri ta' AtD, inkluż billi jirrestrinġu l-libertà tal-moviment tal-persuna.

Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-allokazzjoni tal-applikanti għal żona ġeografika u r-restrizzjonijiet tal-libertà tal-moviment huma previsti fl-Artikoli 8 u 9 tal-RCD (2024). Dawn id-dispożizzjonijiet mhumiex marbuta direttament mad-detenzjoni ([28]). Minflok, huma jiddeskrivu modalità li permezz tagħha l-Istati Membri jiġġestixxu s-sistemi ta' akkoljenza tagħhom.

([26]) QĠUE, sentenza tal-14 ta' Mejju 2020, *FMS u oħrajn vs Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság Dél-alföldi Regionális Igazgatóság u Országos Idegenrendeszeti Főigazgatóság*, il-kawżi magħquda C-924/19 PPU u C-925/19 PPU, ECLI:EU:C:2020:367, il-paragrafi 216-231. Sommarju disponibbli fil-Bażi tad-*Data* tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.

([27]) Il-premessa 17 tal-RCD (2024): "L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jorganizzaw is-sistemi ta' akkoljenza tagħhom liberament. Bħala parti minn dik l-organizzazzjoni, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jallokaw lill-applikanti għal akkomodazzjoni fit-territorju tagħhom sabiex jiġġestixxu s-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza tagħhom".

([28]) Kif indikat taħt Linja Gwida 1, ir-restrizzjoni tal-libertà tal-moviment tista' madankollu twassal għal raġuni għad-detenzjoni, jekk l-applikant soġġett għal restrizzjonijiet ma jkunx ikkonforma mal-obbligi imposti u jkompli jkun hemm riskju ta' ħarba (l-Artikolu 10(4)(ċ) tal-RCD (2024)).

Filwaqt li fil-prattika jista' jkun hemm xi sovrappożizzjoni bejn l-AtDs u r-restrizzjonijiet tal-libertà tal-moviment skont l-Artikolu 9 tal-RCD (2024) ([29]), **il-kriterji ewlenin li għandhom jitqiesu huma li l-AtDs japplikaw biss jekk ikun hemm raġuni leġittima għad-detenzjoni** (ara Linja Gwida 1). Ir-restrizzjonijiet tal-libertà tal-moviment skont l-Artikolu 9 tal-RCD (2024) huma miżuri awtonomi u mhux AtD. Għalkemm ma hemm l-ebda ħtieġa għal raġuni ta' detenzjoni, xorta hija meħtieġa deċiżjoni individwali meta jiġu applikati r-restrizzjonijiet tal-libertà tal-moviment.

### Alternattivi għall-modalitajiet ta' detenzjoni u akkomodazzjoni

**L-AtDs mhumiex modalitajiet ta' akkomodazzjoni**. Il-modalitajiet ta' akkomodazzjoni huma parti mill-kundizzjonijiet materjali ta' akkoljenza li jeħtieġ li jiġu ggarantiti hekk kif individwu jesprimi l-intenzjoni li jfittex l-ażil ([30]). L-AtDs jistgħu jinvolvu forma ta' akkomodazzjoni, eż. tqegħid f'faċilitajiet ta' akkoljenza li jirriżulta mill-obbligu ta' soġġorn f'żona deżinjata. Madankollu, dan mhuwiex minnu għall-AtDs kollha (eż. rekwiżiti ta' rapportar, depożitu ta' garanzija finanzjarja jew ċediment tad-dokumentazzjoni tal-ivvjaġġar jew tal-identità, jew taħlita tagħhom).

Fil-prattika, l-applikanti għal protezzjoni internazzjonali u l-persuni soġġetti għall-AtDs jistgħu jiġu akkomodati fl-istess faċilitajiet ([31]). F'dan il-każ ukoll, **il-kriterji ewlenin li għandhom jitqiesu huma li l-AtDs japplikaw biss jekk ikun hemm raġuni leġittima għad-detenzjoni** (ara Linja Gwida 1).

**Illustrazzjoni 2. Id-differenzjazzjoni tal-alternattivi għad-detenzjoni minn kunċetti oħrajn**




([29]) Pereżempju, l-AtDs ġeneralment jinvolvu forom ta' restrizzjoni tal-libertà tal-moviment; il-faċilitajiet użati għall-AtDs u għar-restrizzjoni tal-libertà tal-moviment jistgħu jkunu l-istess; ir-restrizzjoni tal-libertà tal-moviment tista' tinvolvi, fejn meħtieġ, rekwiżiti ta' rapportar jew miżuri superviżorji li huma wkoll tip ta' AtD.
([30]) Il-premessa 7 tal-RCD (2024): "Huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-kundizzjonijiet materjali ta' akkoljenza għandhom ikunu disponibbli għall-applikanti mill-mument li jesprimu x-xewqa tagħhom li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali lill-uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti".
([31]) Pereżempju, it-tfal taħt AtDs jistgħu jitqiegħdu f'faċilità ddedikata li tintuża biex tospita wkoll tfal li mhumiex taħt AtDs.

## L-Artikoli 8 u 9 tal-RCD (2024)

**Artikolu 8 – Allokazzjoni ta' applikanti għal żona ġeografika**

1. L-Istati Membri jistgħu jallokaw l-applikanti għal żona ġeografika fit-territorju tagħhom li fih ikunu jistgħu jiċċaqilqu liberament, għat-tul tal-proċedura għal protezzjoni internazzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1348.

2. L-Istati Membri jistgħu jallokaw l-applikanti għal żona ġeografika fit-territorju tagħhom skont il-paragrafu 1 biss għall-iskop li jiġi żgurat l-ipproċessar rapidu, effiċjenti u effettiv tal-applikazzjonijiet tagħhom f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1348 jew id-distribuzzjoni ġeografika ta' dawk l-applikanti, filwaqt li jqisu l-kapaċitajiet taż-żoni ġeografiċi kkonċernati.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-applikanti f'konformità mal-Artikolu 5 dwar l-allokazzjoni tagħhom għal żona ġeografika, inkluż dwar il-konfini ġeografiċi ta' dik iż-żona.

**Artikolu 9 – Restrizzjonijiet tal-libertà tal-moviment**

1. Fejn meħtieġ, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li applikant jitħalla jirrisjedi biss f'post speċifiku li jiġi adattat biex jakkomoda l-applikanti, għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew biex jiġi evitat b'mod effettiv li l-applikant jaħrab, fejn ikun hemm riskju ta' ħarba, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) applikanti li huma meħtieġa li jkunu preżenti fi Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 17(4) tar-Regolament (UE) 2024/1351; jew

(b) applikanti li jkunu ġew ittrasferiti lejn l-Istat Membru fejn huma meħtieġa li jkunu preżenti f'konformità mal-Artikolu 17(4) tar-Regolament (UE) 2024/1351 wara li jkunu ħarbu lejn Stat Membru ieħor.

Meta applikant ikun tħalla jirrisjedi biss f'post speċifiku f'konformità ma' dan il-paragrafu, l-għoti ta' kundizzjonijiet materjali ta' akkoljenza għandu jkun soġġett għar-residenza attwali mill-applikant f'dak il-post speċifiku.

2. L-Istati Membri jistgħu, meta jkun meħtieġ, jirrikjedu li l-applikanti jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien speċifikat jew f'intervalli raġonevoli, mingħajr ma jaffettwaw b'mod sproporzjonat id-drittijiet tal-applikanti skont din id-Direttiva.

Tali rekwiżiti ta' rapportar jistgħu jiġu imposti biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jiġu rrispettati jew biex jiġi evitat b'mod effettiv li l-applikanti jaħarbu.

# L-istabbiliment ta' alternattivi għad-detenzjoni

## Linja Gwida 3

*L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jiġu stabbiliti bil-liġi, li għandha tispeċifika b'mod ċar l-awtorità responsabbli biex tadottahom u timplimentahom, il-kriterji għall-applikazzjoni tagħhom u l-firxa ta' għażliet disponibbli*

F'konformità mal-Artikolu 10(5) tal-RCD (2024), "l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-**regoli dwar l-alternattivi għad-detenzjoni**, bħar-rapportar regolari lill-awtoritajiet, id-depożitu ta' garanzija finanzjarja, jew obbligu ta' soġġorn f'post assenjat, **ikunu stipulati fil-liġi nazzjonali**".

Il-liġijiet nazzjonali għandhom jiċċaraw, fost l-oħrajn, min huwa responsabbli għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-AtDs, meta l-AtDs għandhom jiġu eżaminati u x'inhuma l-AtDs differenti disponibbli ([32]).

### Min jeżamina u japplika alternattivi għad-detenzjoni?

L-awtoritajiet responsabbli biex jiddeċiedu jekk japplikawx detenzjoni jew AtDs huma differenti madwar l-Istati Membri. Skont is-sistema nazzjonali, dawn l-awtoritajiet ġeneralment jinkludu l-gwardji tal-fruntieri, il-pulizija, l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u tal-ażil, kif ukoll l-awtoritajiet ġudizzjarji. F'dan is-sens, l-Artikolu 11(2) tal-RCD (2024) u l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva dwar ir-ritorn jistabbilixxu li d-detenzjoni trid tiġi ordnata bil-miktub **mill-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi**, filwaqt li jiddikjaraw ir-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi ([33]).

### Meta għandhom jiġu eżaminati u applikati alternattivi għad-detenzjoni?

B'mod ġenerali, il-valutazzjoni ta' jekk għandhiex tiġi applikata detenzjoni jew AtDs issir għall-ewwel meta tiġi ordnata jew ivvalidata d-detenzjoni, fl-istess ħin mal-identifikazzjoni ta' raġuni applikabbli għad-detenzjoni. Tabilħaqq, kemm l-awtoritajiet amministrattivi kif ukoll dawk ġudizzjarji li jordnaw jew jivvalidaw id-detenzjoni inizjali jridu l-ewwel jikkunsidraw jekk hemmx raġuni għad-detenzjoni (ara Linja Gwida 1) u, jekk iva, jeżaminaw il-possibbiltà li japplikaw miżuri inqas koerċittivi (ara Linja Gwida 5).

Jekk id-deċiżjoni inizjali ta' detenzjoni tittieħed minn awtorità amministrattiva (il-pulizija, l-awtoritajiet tal-fruntieri jew tal-immigrazzjoni), l-Artikolu 11(3) tal-RCD (2024) jipprevedi li

([32]) L-UNHCR, *Linji Gwida dwar id-Detenzjoni*, *op. cit.*, fn. 14, linja gwida 4.3, il-paragrafu 36.
([33]) Bl-istess mod, l-Artikolu 44(4) tal-AMMR.

d-deċiżjoni trid tiġi rieżaminata minn awtorità ġudizzjarja (*ex officio* jew fuq talba tal-applikant) **malajr kemm jista' jkun** ([34]) u mhux aktar tard minn 15-il jum (21 jum f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali) mill-bidu tad-detenzjoni (jew it-tnedija tat-talba għal rieżami).

Bl-istess mod, l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva dwar ir-ritorn jipprevedi li jrid isir rieżami ġudizzjarju rapidu, *ex officio* jew fuq talba tal-individwu kkonċernat.

L-AtDs jistgħu jiġu eżaminati wkoll fi stadju aktar tard, matul ir-rieżami tad-detenzjoni u/jew tal-AtDs, jew *ex officio* jew fuq talba tal-individwu kkonċernat li jista' jikkontesta d-deċiżjoni ta' detenzjoni inizjali fi kwalunkwe ħin (ara Linja Gwida 9)

## X'tipi ta' alternattivi għad-detenzjoni?

L-Istati Membri jimplimentaw firxa ta' AtDs. Il-lista li ġejja tiddeskrivi dawk ewlenin ([35]), inklużi dawk imsemmija speċifikament mill-Artikolu 10(5) tal-RCD (2024) u mill-Artikolu 7(3) tad-Direttiva dwar ir-ritorn ([36]), jiġifieri rapportar regolari lill-awtoritajiet, depożitu ta' garanzija finanzjarja u obbligu ta' soġġorn f'post deżinjat.

Huwa importanti li jiġi nnotat li l-lista ta' hawn taħt **mhijiex eżawrjenti** u li l-alternattivi jistgħu jintużaw **b'mod awtonomu jew flimkien**, sakemm l-effett kumulattiv tar-restrizzjonijiet ma jwassalx għaċ-ċaħda tal-libertà (ara Linja Gwida 2).

L-aktar importanti, **irid ikun hemm alternattivi vijabbli għad-detenzjoni**. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli **mill-inqas żewġ għażliet** u ma jistgħux iżommu individwi sempliċiment fuq il-bażi li ma hemm l-ebda AtD disponibbli.

**Rapportar regolari lill-awtoritajiet**



Dan jirrikjedi li l-individwu kkonċernat jirrapporta lill-awtoritajiet kompetenti f'intervalli ta' żmien speċifiċi. Ir-rapportar jista' jsir personalment jew permezz tal-użu ta' mezzi elettroniċi jew teknoloġiji

([34]) Il-QEDB iddikjarat li "kwalunkwe perjodu ta' aktar minn erbat ijiem huwa *prima facie* twil wisq". Ara wkoll il-Kunsill tal-Ewropa, *Gwida dwar l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni – Dritt għal-Libertà u għas-Sigurtà*, 2014, p. 24. Għal aktar informazzjoni dwar il-ġurisprudenza tal-QEDB, ara: QEDB, sentenza tat-23 ta' Ġunju 2009, *Oral u Atabay vs It-Turkija*, Nru 39686/92, ECLI:CE:ECHR:2009:0623JUD003968602, il-paragrafu 43; QEDB, sentenza tat-3 ta' Ottubru 2006, *McKay vs Ir-Renju Unit*, Nru 543/03, ECLI:CE:ECHR:2006:1003JUD000054303, il-paragrafu 47; QEDB, sentenza tal-4 ta' Ottubru 2007, *Năstase-Silvestru vs Ir-Rumanija*, Nru 74785/01, ECLI:CE:ECHR:2007:1004JUD007478501, il-paragrafu 32.

([35]) L-għażliet differenti elenkati jistgħu ma jkunux neċessarjament ikkunsidrati bħala AtD mill-Istati Membri kollha.

([36]) L-Artikolu 7(3) tad-Direttiva dwar ir-ritorn, fir-rigward tal-perjodu tat-tluq volontarju, jiddikjara li l-Istati Membri jistgħu japplikaw ċerti obbligi biex jipprevjenu l-ħarba, bħar-rapportar regolari lill-awtoritajiet, id-depożitu ta' garanzija finanzjarja adegwata, is-sottomissjoni ta' dokumenti jew l-obbligu ta' soġġorn f'ċertu post, li jistgħu jiġu imposti għat-tul tal-perjodu għat-tluq volontarju. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati flimkien ma' dawk derivati mill-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar ir-ritorn li, għalkemm la jiddefinixxi u lanqas jipprovdi lista ta' alternattivi għad-detenzjoni, jiddikjara li l-awtorità li tipproċedi tista' żżomm TCN f'detenzjoni biss jekk miżuri suffiċjenti iżda inqas koerċittivi oħrajn ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv. Tali inkorporazzjoni legali timplika obbligu pożittiv min-naħa tal-Istat Membru, li jinkludi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu d-dispożizzjonijiet meħtieġa biex l-AtDs isiru disponibbli fil-kamp ta' applikazzjoni ta' proċedura ta' ritorn, u b'hekk jippermetti l-adozzjoni tal-miżura l-inqas koerċittiva meqjusa bħala meħtieġa u effettiva biex tiġi infurzata t-tneħħija tat-TCN ikkonċernat. Ara l-Frontex, *Good Practices on Alternatives to Detention*, 2024.

moderni (eż. rikonoxximent tal-vuċi bit-telefon) ([37]). Il-frekwenza tar-rapportar tista' tvarja skont iċ-ċirkostanzi individwali u tista' tiġi skedata madwar appuntamenti uffiċjali oħrajn mal-awtoritajiet (eż. intervista dwar l-ażil) biex jiġi evitat piż eċċessiv.

Kif indikat mill-premessa 20 tal-RCD (2024), ir-rekwiżiti ta' rapportar ma għandhomx jaffettwaw b'mod sproporzjonat id-drittijiet tal-individwu kkonċernat. Tabilħaqq, dmirijiet ta' rapportar stretti jew frekwenti wisq li jimponu piż eċċessiv fuq persuna f'termini ta' ħin u spiża jistgħu, waħedhom jew fuq bażi kumulattiva ma' forom oħrajn ta' AtDs, jammontaw għal detenzjoni *de facto* (ara Linja Gwida 2) jew għal ksur tad-drittijiet fundamentali, bħad-dritt għall-ħajja tal-familja (ara Linja Gwida 4) ([38]).

**Ħarsa ġenerali fl-Istati Membri**

Ir-rapportar regolari lill-awtoritajiet jintuża f'25 Stat Membru ([39]).

Il-Litwanja introduċiet ukoll il-possibbiltà li tintuża komunikazzjoni elettronika għar-rapportar: applikazzjonijiet mobbli speċjali, apparati ta' sorveljanza u email li tidentifika l-mittent ([40]).

**Frekwenza tar-rapportar**

- **Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri**: kull 24 siegħa.
- **L-Irlanda**: kull 4-5 ġimgħat għal xi proċeduri.
- **In-Netherlands u l-Belġju**: il-frekwenza tvarja minn kuljum għal kull xahar.

([37]) Għal eżempji ta' modalitajiet ta' rapportar, ara *d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Il-Pjan Direzzjonali ta' Dublin fl-azzjoni – It-tisħiħ tal-effettività tar-Regolament ta' Dublin III: l-identifikazzjoni ta' prattiki tajbin fl-Istati Membri*, 2023, p. 6. Tali eżempji jinkludu: "L-introduzzjoni ta' 'sistema ta' dħul u ħruġ' għall-monitoraġġ tal-preżenza fiċ-ċentru ta' akkoljenza (BG); l-awtoreġistrazzjoni ta' kuljum fiċ-ċentru ta' akkoljenza u t-trażmissjoni tal-lista ta' applikanti li jirrisjedu fiċ-ċentru b'mod regolari lill-unità ta' Dublin biex jiġi ddeterminat liema applikanti għadhom qed jirrisjedu fiċ-ċentru jew ma għadhomx preżenti fiċ-ċentru (LU); l-assenjazzjoni ta' impjegati speċifiċi biex jivverifikaw jekk l-applikanti kollha humiex fiż-żona deżinjata tagħhom kuljum. Jekk ma jkunux preżenti fil-perjodi ta' żmien speċifiċi li fihom huma obbligati li jkunu preżenti fiċ-ċentru ta' akkoljenza, jiġi attivat protokoll u l-applikanti jiġu infurmati li jistgħu jittieħdu aktar miżuri, inklużi d-detenzjoni (BG); l-obbligu li jikkuntattjaw lill-gvern darba fil-ġimgħa sabiex jiksbu l-benefiċċji soċjali, flimkien mal-obbligu li jirrapportaw liċ-ċentru ta' akkoljenza b'mod regolari (CH)."

([38]) Dwar il-konsegwenzi possibbli tan-nuqqas ta' konformità mar-rapportar, ara: Frontex, *Good Practices on Alternatives to Detention*, 2024: tali konsegwenzi jistgħu jvarjaw minn multa għall-impożizzjoni ta' alternattiva aktar ħarxa għad-detenzjoni nnifisha, jew saħansitra l-akkumpanjament immedjat sal-fruntiera f'każijiet fejn tkun ittieħdet deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli u ma jkun għad fadal l-ebda ostaklu għar-ritorn tat-TCN lejn il-pajjiż ta' oriġini. Tali nuqqas ta' konformità jista' wkoll jipprevjeni lit-TCN milli jaċċessa alternattivi għad-detenzjoni fi proċediment ta' ritorn futur.

([39]) EMN, *Id-detenzjoni u alternattivi għad-detenzjoni fi proċedura ta' protezzjoni internazzjonali u ta' ritorn*, 2022 (studju tal-EMN). B'mod partikolari, 17-il Stat Membru jużawh regolarment AT, CY, CZ, DE, EE, EL, ES, FI, FR (fil-qafas ta' detenzjoni domiċiljari), HR, IE (użat l-aktar għal persuni b'ordnijiet ta' deportazzjoni jew soġġetti għal deċiżjoni ta' trasferiment ta' Dublin), IT, LT, NL, PT, SE, SI (fil-qafas ta' "rekwiżit ta' residenza f'post deżinjat" alternattiv fil-proċedura ta' ritorn); 8 rari jużawh: BE, BG, HU, LU, LV, MT, PL, SK.

([40]) Studju tal-EMN, 2022, *op. cit.*, fn. 39, p. 18.

## Depożitu ta' garanzija finanzjarja



Dan jirrikjedi li l-individwu kkonċernat jiddepożita ammont ta' flus lill-awtoritajiet. Jekk l-individwu jikkonforma mar-rekwiżiti imposti mill-alternattiva, is-somma ddepożitata se tiġi rritornata lilu hekk kif l-alternattiva tieqaf. Inkella, jista' jiġi ttrasferit lill-awtoritajiet.

Id-depożitu ta' garanzija finanzjarja jista' jkun meħtieġ mill-awtoritajiet mill-bidu nett jew bħala kundizzjoni għall-ħelsien mill-arrest (l-hekk imsejjaħ ħelsien fuq pleġġ). Fil-każ tal-aħħar, din mhijiex strettament AtD ([41]).

L-ammont li għandu jiġi ddepożitat għandu jkun raġonevoli u proporzjonat, fid-dawl taċ-ċirkostanzi individwali. F'dan is-sens, l-ammont ma għandux jiġi ffissat, anzi għandu jiġi deċiż fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li titqies ukoll l-effettività tal-AtD. L-ammont jista' jaqa' fi ħdan medda (ammonti minimi u massimi) li l-Istati Membri jista' jkollhom definiti minn qabel fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Il-valutazzjoni tal-kapaċità finanzjarja tal-individwu tista' tkun ibbażata fuq dikjarazzjoni personali, minħabba li jista' ma jkunx possibbli għall-Istat Membru li jagħti prova tagħha ([42]). L-individwu kkonċernat għandu jiġi infurmat dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti u dwar il-prerekwiżiti u l-modalitajiet għar-rifużjoni.

### Ħarsa ġenerali fl-Istati Membri

- **Il-Bulgarija, Ċipru, il-Ġermanja, il-Finlandja, il-Kroazja, l-Ungerija, il-Lussemburgu:** It-TCNs jistgħu jipprovdu depożitu jew garanzija finanzjarja biex jibqgħu fil-pajjiż.
- **L-Ungerija:** l-ammont massimu jkopri l-ispejjeż totali tal-ivvjaġġar u tar-residenza.
- **In-Netherlands:** l-ammont massimu huwa ta' EUR 1,500 (AtD użata fil-proċedura ta' ritorn ([43])).
- **L-Italja:** il-garanzija finanzjarja hija stabbilita bil-liġi bejn EUR 2,500 u EUR 5,000.

([41]) Id-depożitu ta' garanzija finanzjarja jvarja mill-ħelsien fuq pleġġ. Dan tal-aħħar jinvolvi l-ħelsien ta' TCN mill-kustodja mal-ħlas ta' depożitu finanzjarju mill-individwu kkonċernat jew minn garanti. Il-ħelsien fuq pleġġ ma jistax jiġi definit strettament bħala AtD, minħabba li jista' jintuża biss wara li tkun ġiet applikata d-detenzjoni u mhux qabel. Skont l-istudju tal-EMN, il-ħelsien fuq pleġġ huwa disponibbli f'9 Stati Membri, iżda jintuża fil-prattika f'4 biss. Bl-istess mod, il-ħelsien mid-detenzjoni jista' jkun ibbażat fuq ftehim bil-miktub bejn l-awtoritajiet u l-individwu kkonċernat (bond) jew fuq garanzija pprovduta minn parti terza (garanti) li l-persuna se tikkonforma mar-rekwiżiti. Iż-żewġ formoli jistgħu jkunu akkumpanjati minn depożitu finanzjarju.

([42]) L-applikazzjoni tad-detenzjoni bbażata biss fuq il-fatt li l-persuna ma jkollhiex biżżejjed mezzi finanzjarji biex taċċessa din l-AtD tkun diskriminatorja (ara Linja Gwida 4).

([43]) Studju tal-EMN, 2022, *op. cit.*, fn. 39, p. 21.

## Obbligu ta' residenza f'post deżinjat



Dan jirrikjedi li l-individwu kkonċernat jibqa' f'post speċifiku ddeżinjat mill-awtoritajiet, li jvarja minn residenzi privati għal postijiet ta' kenn jew ċentri ta' akkoljenza (ara Alternattivi għall-modalitajiet ta' detenzjoni u akkomodazzjoni). L-obbligu ġeneralment idum sa tmiem il-proċedura ta' eżami jew it-tneħħija attwali. Tkun meħtieġa approvazzjoni minn qabel jekk il-persuna tkun trid tbiddel il-post.

### Ħarsa ġenerali fl-Istati Membri

L-obbligu għat-TCNs li jirrisjedu f'post deżinjat jeżisti f'20 Stat Membru ([44]) u jintuża fi 17 ([45]). Din l-alternattiva xi drabi tintuża flimkien ma' AtDs oħrajn, bħal rekwiżiti ta' rapportar (eż. in-Netherlands).

Fid-Danimarka, il-persuni ripatrijati akkomodati f'ċentri ta' ritorn miftuħa għandhom josservaw u jirrispettaw kontinwament għadd ta' dmirijiet, inkluż "dmir li jirrisjedu", "dmir li jinnotifikaw" u "dmir li jirrapportaw", sabiex jgħinu lill-awtoritajiet iżommu rekord ta' fejn jinsabu. Jekk persuna ripatrijata ma titfaċċax għal intervista skedata, ħaddiem fuq każ preżenti lokalment mill-Unità tas-Sensibilizzazzjoni jista' jikkuntattja lill-persuna ripatrijata fiċ-ċentru ta' ritorn miftuħ. L-esperjenza turi li l-ħaddiema fuq il-każijiet preżenti lokalment u faċli biex jintlaħqu, l-aċċess għall-appoġġ finanzjarju għar-riintegrazzjoni, il-bini ta' relazzjonijiet ibbażati fuq il-fiduċja, u l-involviment tal-persuna ripatrijata fl-ippjanar tar-ritorn tagħha stess huma fost l-elementi ewlenin sabiex il-persuni li jibqgħu fit-territorju għal żmien twil jiġu mħeġġa jikkonformaw mal-proċess ta' ritorn tagħhom u jwittu t-triq għal operazzjonijiet ta' ritorn sostenibbli ([46]).

### Tfal

Il-faċilitajiet li jakkomodaw tfal mhux akkumpanjati u familji bit-tfal iridu jkunu ddisinjati speċifikament biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom, billi jipprovdu salvagwardji suffiċjenti, privatezza u servizzi essenzjali (ara Linja Gwida 7).

### Konformità u monitoraġġ

Il-mekkaniżmi għall-monitoraġġ tal-konformità ma' din l-AtD huma preżenti f'madwar nofs il-pajjiżi. L-Estonja, l-Ungerija u l-Polonja jistgħu jwettqu spezzjonijiet fir-residenza deżinjata. Sabiex tiġi żgurata l-konformità, ir-restrizzjonijiet fuq il-moviment iridu jkunu proporzjonati u meħtieġa, filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet individwali. Id-definizzjoni ta' żoni ristretti żżejjed jew l-isfurzar ta' individwi biex jibqgħu b'mod permanenti fil-post deżinjat jistgħu jammontaw għal detenzjoni domiċiljari *de facto* (ara Linja Gwida 2).

([44]) AT, BE, CY, CZ, DE, EE, EL, ES, FI, FR, HR, HU, IE, IT, LT (akkomodazzjoni fis-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat hija applikata biss għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali), LU, MT, NL, PL, SI (studju tal-EMN, 2022, *op. cit.*, fn. 39).
([45]) AT, BE, CZ, DE, EE, EL, FI, FR, HR, HU, IE, IT, LT, LU, NL, PT, SI (studju tal-EMN, 2022, *op. cit.*, fn. 39). Fl-Italja, il-miżura tiġi applikata biss jekk il-persuna jkollha passaport validu u residenza uffiċjali eliġibbli.
([46]) Frontex, *Good Practices on Alternatives to Detention*, 2024.

## Obbligu li jiġi kkonsenjat dokument tal-ivvjaġġar jew tal-identità



Dan jirrikjedi li l-individwu kkonċernat jikkonsenja lill-awtoritajiet kwalunkwe dokument tal-identità jew dokument tal-ivvjaġġar nazzjonali validu li jkollu.

Id-dokumenti tal-identità għandhom jinżammu biss jekk ikun strettament meħtieġ u għandhom jintbagħtu lura lis-sid mingħajr dewmien, ladarba l-proċedimenti li għalihom ikunu nżammu d- dokumenti jkunu tlestew, sakemm iċ-ċirkostanzi ma jkunux jeħtieġu mod ieħor ([47]).

Fi kwalunkwe każ, l-applikanti jridu jiġu pprovduti bid-dokumentazzjoni meħtieġa li tagħti prova tal-istatus tagħhom fl-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 6(1) tal-RCD (2024) u mal-Artikolu 29(1) tal-APR (ara Linja Gwida 8).

**Ħarsa ġenerali fl-Istati Membri**
Din l-AtD teżisti f'19-il Stat Membru ([48]) u tintuża regolarment fi 15 ([49]).

**Implimentazzjoni**
Din l-alternattiva tista' tiġi kkombinata ma' AtDs oħrajn u tibqa' fis-seħħ sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għad-dħul jew għas-soġġorn, jew sakemm tiġi infurzata deċiżjoni ta' tneħħija.

## Obbligu ta' komunikazzjoni ta' indirizz



Dan jirrikjedi li l-individwu kkonċernat jinforma lill-awtoritajiet bl-indirizz ta' residenza tiegħu u bi kwalunkwe bidla fih.

**Ħarsa ġenerali fl-Istati Membri**
Din l-alternattiva teżisti f'14-il Stat Membru ([50]) u tintuża f'9 ([51]).

**Implimentazzjoni**
F'xi pajjiżi (eż. il-Polonja, is-Slovenja u l-Italja), dan diġà huwa **rekwiżit proċedurali ġenerali**. Il-komunikazzjoni ta' indirizz hija obbligu għal kull applikant li jirrisjedi fi kwalunkwe Stat Membru skont ir-regolament dwar il-proċeduri tal-ażil ([52]) (APR), filwaqt li – skont id-Direttiva 2013/32/UE – hija possibbli iżda mhux obbligatorja. F'xi pajjiżi, **hija tiffunzjona bħala AtD,** li tirrikjedi li t-TCNs jirrapportaw

([47]) Pereżempju, jekk il-persuna tingħata protezzjoni internazzjonali, l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li jżomm id-dokumenti tal-identità kkonsenjati, u jissostitwixxihom b'dokumenti tal-identità ġodda.
([48]) BG, CY, EE, EL, ES, FI, FR, HR, HU, IE, IT, LU (mhux alternattiva awtonoma iżda inkluża fl-obbligi ta' rapportar), LV, MT, NL, PL, SE (Studju tal-EMN, 2022, *op. cit.*, fn. 39). Din il-prattika hija prevista wkoll f'NO u SI.
([49]) BG, CY, EE, EL, ES, FI, FR (proċeduri ta' detenzjoni domiċiljari), HR, IE, IT, LV, NL, SE (Studju tal-EMN, 2022, *op. cit.*, fn. 39). Din il-prattika tintuża wkoll fin-Norveġja u fis-Slovenja. Barra minn hekk, l-Italja tirrapporta li tużaha biss bi tħejjija għal ritorn furzat.
([50]) CZ, EE, EL, FI, FR (proċeduri ta' detenzjoni domiċiljari), HR, HU, IE, IT, LU, MT, PT, SE. (Studju tal-EMN, 2022, *op. cit.*, fn. 39). Din il-prattika hija prevista wkoll f'SI, bħala rekwiżit proċedurali ġenerali.
([51]) CY, CZ, EE, FI, FR, HR, IE, PT (Studju tal-EMN, 2022, *op. cit.*, fn. 39). Din il-prattika qiegħda tintuża wkoll fin-Norveġja u f'SI.
([52]) Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE

l-indirizz tagħhom u kwalunkwe bidla fil-pront, tipikament fil-jum tax-xogħol li jkun imiss. Din l-alternattiva ġeneralment tiġi kkombinata ma' AtDs oħrajn.

## Sponsorizzazzjoni minn ċittadin jew residenza fit-tul



L-isponsorizzazzjoni minn ċittadin jew resident fit-tul hija AtD fejn individwu responsabbli (l-isponsor) jipprovdi akkomodazzjoni, ħtiġijiet bażiċi, u jiżgura l-konformità tal-individwu sponsorjat ([53]). Din tista' tkun meħtieġa mill-awtoritajiet mill-bidu nett jew bħala kundizzjoni għall-ħelsien (fil-każ tal-aħħar, mhijiex strettament AtD). Bħala prerekwiżit, l-isponsors jiġu vverifikati mill-awtoritajiet u ddikjarati legalment idonei biex jaġixxu bħala sponsors.

**Ħarsa ġenerali fl-Istati Membri**
L-isponsorizzazzjoni minn ċittadin jew resident fit-tul tintuża fil-Litwanja ([54]).

## Programmi ta' ġestjoni tal-komunità jew superviżjoni



Dan jippermetti lill-individwu kkonċernat jirrisjedi fil-komunità, taħt kundizzjoni ta' superviżjoni mill-awtoritajiet, u minn korpi jew organizzazzjonijiet deżinjati oħrajn (eż. organizzazzjonijiet reliġjużi jew komunitarji). Dawn il-programmi spiss jinkludu servizzi ta' ġestjoni tal-każijiet li jipprovdu appoġġ fin-navigazzjoni tal-proċess tal-ażil jew tar-ritorn, aċċess għal assistenza legali, u konnessjonijiet mas-servizzi soċjali. Is-superviżur, kemm jekk l-awtoritajiet jew il-korpi deżinjati, jista' jwettaq kontrolli u żjarat regolari ([55]).

**Ħarsa ġenerali fl-Istati Membri**
Il-programmi ta' ġestjoni tal-komunità jew superviżjoni jintużaw bħala AtDs f'2 Stati Membri ([56]).

**Implimentazzjoni**
L-użu tas-superviżjoni bħala AtD irid jiġi kkunsidrat bir-reqqa biex jiġi evitat tħassib potenzjali dwar id-drittijiet tal-bniedem, minħabba li jista' jkun intrużiv skont it-tip u l-approċċ tal-infurzar. Għalhekk, huwa essenzjali li s-superviżjoni titfassal skont iċ-ċirkostanzi u l-ħtiġijiet tal-individwi, filwaqt li tingħata prijorità lill-metodi mhux ta' infurzar li jenfasizzaw l-involviment u l-appoġġ tal-komunità.

([53]) Il-leġiżlazzjoni nazzjonali tista' tipprevedi rekwiżiti addizzjonali: pereżempju, l-isponsor jista' jkun meħtieġ jagħti evidenza tad-disponibbiltà tiegħu ta' introjtu suffiċjenti biex jaġixxi bħala sponsor.
([54]) In-Network Odysseus, *Alternatives to Immigration and Asylum Detention in the EU*, p. 92. Ara wkoll il-Frontex, *Good Practices on Alternatives to Detention*, 2024. SI rrapportat li din il-prattika ma għadhiex tintuża.
([55]) L-uffiċjal tas-superviżjoni għandu jkun persuna differenti minn dik li tkun qed tieħu d-deċiżjoni dwar l-ażil-ritorn. Dan jgħin biex jiġu stabbiliti l-fiduċja u l-kooperazzjoni fil-proċess. Għal aktar informazzjoni dwar dan, ara *Back to Basics: The Right to Liberty and Security of Person and 'Alternatives to Detention' of Refugees, Asylum-Seekers, Stateless Persons and Other Migrants*, 2011.
([56]) CY, SE (studju tal-EMN, 2022, *op. cit.*, fn. 39). Fir-rigward ta' BE, il-programm tal-ICAM, filwaqt li jagħmel użu minn servizzi ta' ġestjoni tal-każijiet, ma jinvolvi l-ebda forma ta' superviżjoni. Ara l-kaxxa dwar il-"ġestjoni tal-każijiet" taħt Linja Gwida 8.

### Monitoraġġ elettroniku



Il-monitoraġġ elettroniku jikkonsisti f'soluzzjonijiet teknoloġiċi mmirati biex itaffu r-riskju ta' ħarba, filwaqt li jevitaw iċ-ċaħda individwali tal-libertà.

L-użu tal-monitoraġġ elettroniku bħala AtD jista' jieħu forom differenti, bħall-monitoraġġ permezz ta' applikazzjonijiet apposta, ġeolokalizzazzjoni tal-persuna jew ittaggjar. Dawn l-apparati jimmonitorjaw il-post fejn ikun jinsab l-individwu u jiżguraw il-konformità mar-restrizzjonijiet tal-moviment u r-rekwiżiti ta' rapportar.

L-ittaggjar huwa forma ta' monitoraġġ elettroniku li jinvolvi traċċar kostanti tal-persuna bl-użu ta' apparati elettroniċi, bħal brazzuletti tal-għaksa/polz jew apparati li jaħdmu bil-GPS.

**Ħarsa ġenerali fl-Istati Membri**

L-użu ta' monitoraġġ elettroniku qed jiġi kkunsidrat f'xi Stati Membri. Xi prattiki speċifikament relatati mal-monitoraġġ elettroniku permezz tar-rapportar huma deskritti fit-taqsima "Rapportar regolari lill-awtoritajiet" hawn fuq.

Il-prattika tal-ittaggjar hija estremament limitata fil-pajjiżi tal-UE+ ([57]).

**Implimentazzjoni**

Jekk ikun previst l-ittaggjar, il-leġiżlazzjoni nazzjonali trid tipprevedi salvagwardji fundamentali biex tirregola l-użu ta' apparati bħal dawn, inkluż billi tiżgura li dawn ma jinterferixxux bla bżonn mal-libertà personali u ma joħolqu l-ebda riskju għas-saħħa tal-persuna.

L-ittaggjar irid jintuża bir-reqqa, minħabba l-impatt serju fuq il-libertajiet personali u l-privatezza li jista' jinvolvi. L-ilbies ta' apparat tal-ittaggjar jista' jkun stigmatizzanti, billi jimmarka l-individwi bħala taħt suspett jew kontroll. Dan jista' jwassal għal sentimenti ta' mistħija, anzjetà u stress, li jaffettwaw b'mod negattiv is-saħħa mentali. F'konformità mal-prinċipju ta' intervent minimu, din il-miżura restrittiva tista' tiġi applikata wara li jiġu kkunsidrati alternattivi inqas intrużivi.

## Il-vantaġġi u l-isfidi ewlenin tal-alternattivi għad-detenzjoni

Sakemm ir-riskju ta' ħarba jkun ta' sfida fil-forom kollha ta' AtDs, it-tabella fil-paġna li jmiss telenka l-isfidi u l-vantaġġi addizzjonali għal kull wieħed mit-tipi ta' AtD murija f'din it-taqsima, mingħajr mhija eżawrjenti.

([57]) L-ittaggjar ġeneralment jakkumpanja forom ta' detenzjoni, bħal detenzjoni domiċiljari (eż. il-Lussemburgu): f'dan is-sens, jista' ma jitqiesx strettament bħala AtD.

**Tabella 1. Il-vantaġġi u l-isfidi ewlenin tal-AtDs**

| Miżura alternattiva | Vantaġġi ewlenin | Sfidi ewlenin |
|---|---|---|
| **Rapportar regolari lill-awtoritajiet** | – Kosteffettiv<br>– Iżomm il-libertà tal-moviment<br>– Kuntatt regolari jippromwovi l-integrazzjoni<br>– Rabtiet komunitarji<br>– Jippermetti l-unità tal-familja | – Piż amministrattiv |
| **Depożitu ta' garanzija finanzjarja** | – Inqas għali mid-detenzjoni<br>– Impatt aktar baxx fuq il-ħajja tal-persuna<br>– Addattat għal residenti fit-tul<br>– Jippromwovi r-rabtiet u l-integrazzjoni tal-komunità<br>– Jiffaċilita l-unità tal-familja | – Kumplessità amministrattiva, inkluż fid-determinazzjoni tal-ammont xieraq<br>– Riskju ta' diskriminazzjoni bbażata fuq il-mezzi finanzjarji<br>– Diffikultà biex jinħarġu rifużjonijiet<br>– Riskju potenzjali għall-applikant li jista' jkollu jġarrab dejn u jaqa' fit-traffikar |
| **Obbligu ta' residenza f'post deżinjat** | – Jippermetti l-unità tal-familja<br>– Addattat għat-tfal<br>– Jippromwovi l-integrazzjoni u l-appoġġ tal-komunità<br>– Inqas għali mid-detenzjoni | – Disponibbiltà limitata ta' faċilitajiet u/jew persunal xierqa<br>– Spejjeż assoċjati mal-espansjoni tal-faċilitajiet.<br>– Problemi potenzjali mqajma minn miżura li tiddefinixxi żona eċċessivament ristretta jew durata eċċessivament twila. |
| **Obbligu ta' konsenja ta' dokumenti tal-ivvjaġġar jew tal-identità** | – Faċli biex jiġi implimentat<br>– Inaqqas il-piż amministrattiv<br>– Il-verifika tal-identità tissimplifika s-sorveljanza | – Mhux effettiv waħdu biex jipprevjeni l-ivvjaġġar<br>– Riskju ta' dokumenti frawdolenti<br>– Disponibbiltà limitata ta' dokumenti validi<br>– Riskju li l-applikant jikseb passaport ġdid jew li jkollu dokumenti tal-ivvjaġġar jew tal-identità addizzjonali fuqhom |
| **Obbligu li jiġi kkomunikat l-indirizz** | – Piż amministrattiv baxx<br>– Jippromwovi l-integrazzjoni u r-rabtiet komunitarji<br>– Faċli biex jiġi implimentat | – Diffikultà biex jiġi mmonitorjat jekk l-indirizz jinbidilx ta' spiss |

| | | |
|---|---|---|
| **Programmi ta' ġestjoni tal-komunità jew superviżjoni** | – Kosteffettivi<br>– Jippromwovu l-integrazzjoni u l-konformità<br>– L-unità tal-familja<br>– Isaħħu r-rabtiet komunitarji | – Jeħtieġu ħafna riżorsi għall-ġestjoni tal-każijiet |
| **Sponsorizzazzjoni minn ċittadin jew resident** | – Tippromwovi l-integrazzjoni soċjali u r-rabtiet komunitarji<br>– Kosteffettiva<br>– Tagħti s-setgħa lill-individwi | – Piż fuq l-isponsor<br>– Riskju ta' nonkonformità<br>– Monitoraġġ inkonsistenti<br>– Kumplessità amministrattiva<br>– Riskju ta' sfruttament |
| **Monitoraġġ elettroniku** | – Kosteffettiv (ħlief għall-ittaggjar)<br>– Iżomm il-libertà tal-moviment<br>– Jippermetti l-unità tal-familja | – Piż amministrattiv<br>– Il-possibbiltà ta' funzjonament ħażin tal-apparati elettroniċi<br>– Il-possibbiltà ta' funzjonament ħażin, sinjal mitluf, jew traċċar mhux preċiż u allarmi foloz għall-apparati tal-ittaggjar. |

# Linja Gwida 4

## *L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jirrispettaw l-istandards u l-prinċipji tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem*

F'konformità mal-premessa 33 tal-RCD (2024), "kwalunkwe miżura alternattiva għad-detenzjoni għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-bniedem tal-applikanti" ([58]).

Minbarra d-dritt għal-libertà (l-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (il-Karta) ([59]) u l-Artikolu 5 tal-KEDB) u l-ħtieġa li tiġi rrispettata u protetta d-dinjità tal-bniedem (l-Artikolu 1 tal-Karta), id-drittijiet fundamentali ewlenin ta' hawn taħt jistgħu jiġu affettwati.

### Ir-rispett tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni



Kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe bażi, bħas-sess, ir-razza, il-kulur tal-ġilda, l-etniċità jew l-oriġini soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali hija pprojbita.

**(L-Artikolu 21 tal-Karta; l-Artikolu 14 tal-KEDB)**

### Projbizzjoni tat-tortura u ta' trattament jew pieni inumani jew degradanti



L-AtDs iridu jirrispettaw id-dinjità tal-persuna u bl-ebda mod ma għandhom iwasslu għal, u lanqas jikkonsistu fi, trattament, tortura jew pieni inumani jew degradanti.

**(L-Artikolu 4 tal-Karta; l-Artikolu 3 tal-KEDB)**

([58]) Id-Direttiva dwar ir-ritorn ma ssemmix speċifikament li l-AtDs għandhom jirrispettaw id-drittijiet fundamentali. Madankollu, tfakkar dan il-prinċipju fil-premessa 24 ("Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea"), u fl-Artikolu 1 ("Din id-Direttiva tistabbilixxi standards u proċeduri komuni li għandhom jiġu applikati fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, f'konformità mad-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju kif ukoll tad-dritt internazzjonali, inklużi l-protezzjoni tar-refuġjati u l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem").

([59]) L-Unjoni Ewropea, Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, is-26 ta' Ottubru 2012, 2012/C 326/02.

## Ir-rispett tad-dritt għall-privatezza



L-AtDs ma għandhomx jinterferixxu b'mod arbitrarju jew illegali fil-ħajja privata tal-persuna kkonċernata.

**(L-Artikolu 7 tal-Karta; l-Artikolu 8 tal-KEDB)**

## Ir-rispett tad-dritt għas-saħħa



L-AtDs iridu jiżguraw li l-ħtiġijiet tas-saħħa jiġu ssodisfati, inkluż l-appoġġ għas-saħħa mentali, filwaqt li jiġu evitati l-ostakli għall-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa. Kulħadd għandu d-dritt ta' aċċess għall-kura tas-saħħa preventiva u d-dritt li jibbenefika minn trattament mediku skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġijiet u l-prattiki nazzjonali. Irid jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni.

**(L-Artikolu 35 tal-Karta)**

## Ir-rispett tad-dritt għall-ħajja tal-familja



L-applikazzjoni tal-AtDs ma għandhiex twaqqaf lill-individwi milli jżommu kuntatt mal-familja tagħhom. L-AtDs iridu jiżguraw li t-tfal u l-indokraturi tagħhom ma jkunux separati, ħlief f'każijiet fejn tali separazzjoni tkun legali, meħtieġa u proporzjonata għaċ-ċirkostanzi. Id-dritt għall-ħajja tal-familja jinkludi obbligi bħall-iżgurar ta' appoġġ emozzjonali, soċjali u finanzjarju, il-protezzjoni tal-unità tal-familja, u t-trawwim ta' ambjent stabbli u ta' trawwim għall-membri kollha tal-familja.

**(L-Artikolu 7 tal-Karta; l-Artikolu 8 tal-KEDB, l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC, Convention on the Rights of the Child)** ([60])**)**

## Ir-rispett tal-aħjar interessi tat-tfal



Fi kwalunkwe deċiżjoni li tinvolvi l-AtDs, l-aħjar interessi tat-tfal iridu jkunu l-kunsiderazzjoni primarja. Dan jinvolvi li jitqiesu l-ħtiġijiet fiżiċi, emozzjonali u ta' żvilupp tat-tfal, u li jiġi żgurat li l-benesseri tagħhom jingħata prijorità. Barra minn hekk, l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-qafas legali nazzjonali tagħhom jinkludi salvagwardji robusti għall-protezzjoni tat-tfal.

**(L-Artikolu 24 tal-Karta; l-Artikolu 3 tas-CRC)**

([60]) L-Assemblea Ġenerali tan-NU, Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, in-Nazzjonijiet Uniti, Serje ta' Trattati, vol. 1577, p. 3, l-20 ta' Novembru 1989.

## Ir-rispett tad-dritt għall-edukazzjoni



L-AtDs ma għandhomx jinterferixxu mad-dritt tat-tfal għall-edukazzjoni. Dan ifisser l-iżgurar li t-tfal ikollhom aċċess għal edukazzjoni skolastika u opportunitajiet edukattivi mingħajr interruzzjoni jew diskriminazzjoni.

**(L-Artikoli 14 u 24 tal-Karta; l-Artikolu 28 tas-CRC; l-Artikolu 2 tal-Protokoll 1 tal-KEDB** ([61])**)**

## Ir-rispett tad-dritt tat-tfal għall-informazzjoni u l-parteċipazzjoni



L-applikazzjoni tal-AtDs trid tiżgura r-rispett għad-dritt tat-tfal għall-informazzjoni u l-parteċipazzjoni. Dan jinkludi l-garanzija li tfal li kapaċi jifformaw il-fehmiet tagħhom stess jingħataw informazzjoni ċara u xierqa għall-età tagħhom dwar il-proċess tal-AtD, u jingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom liberament fil-kwistjonijiet kollha li jaffettwawhom, inklużi deċiżjonijiet rigward it-tqegħid jew il-kura tagħhom. Dawn il-fehmiet iridu jingħataw il-piż dovut, filwaqt li jitqiesu l-età u l-maturità tat-tfal. It-tfal irid ikollhom ukoll l-opportunità li jinstemgħu fi kwalunkwe proċediment ġudizzjarju jew amministrattiv relatat mas-sitwazzjoni tagħhom, direttament, permezz ta' rappreżentant, jew korp xieraq, f'konformità mal-proċeduri legali nazzjonali.

(**L-Artikolu 24 tal-Karta; l-Artikolu 12 tas-CRC**)

## Ir-rispett tad-dritt għal rimedju effettiv



L-individwi soġġetti għall-AtDs irid ikollhom il-possibbiltà li jfittxu stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni li tirrestrinġi d-drittijiet tagħhom (ara wkoll Linja Gwida 9).

(**L-Artikolu 47 tal-Karta; l-Artikolu 13 tal-KEDB**)

([61]) Il-Kunsill tal-Ewropa, Il-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, ETS 9, l-20 ta' Marzu 1952.

## Kunsiderazzjonijiet relatati mal-proċeduri fuq il-fruntieri

### Id-drittijiet fundamentali fil-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera

L-APR jippreskrivi li **l-Istati Membri jridu jistabbilixxu mekkaniżmu biex jimmonitorjaw ir-rispett għad-drittijiet fundamentali** matul l-attivitajiet kollha mwettqa fil-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera ([62]). Dawn jinkludu miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà u r-restrizzjoni fuq il-libertà tal-moviment kif stipulat fir-regolament dwar l-iskrinjar ([63]). Il-mekkaniżmu għandu jinkorpora wkoll il-gwida komprensiva pprovduta mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) ([64]).

([62]) Il-premessa (71) u l-Artikolu 43(4) tal-APR.
([63]) Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jintroduċi l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817, l-Artikolu 10(2)(a).
([64]) Ara l-FRA, *Monitoring fundamental rights during screening and the asylum border procedure – A guide on national independent mechanisms*, id-19 ta' Settembru 2024. F'konformità mal-gwida tal-FRA, il-mekkaniżmu għandu jkun kompletament indipendenti, operazzjonalment awtonomu u jkollu l-awtorità li jaġixxi fuq l-inizjattiva tiegħu stess. Dan għandu jimmonitorja b'mod sistematiku u regolari l-attivitajiet kollha mwettqa fil-kuntest tal-iskrinjar u tal-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera, inkluż l-operat tal-mekkaniżmi ta' riferiment, filwaqt li jiżgura li dawn l-attivitajiet jitwettqu b'rispett sħiħ għad-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali ta' individwi vulnerabbli.

# Id-deċiżjoni dwar l-alternattivi għad-detenzjoni

## Linja Gwida 5

*L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jiġu eżaminati u esklużi kif suppost qabel ma jirrikorru għad-detenzjoni, f'konformità mal-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità*

### L-alternattivi għad-detenzjoni bħala miżura tal-ewwel rimedju

Il-leġiżlazzjoni tal-UE tistabbilixxi li **d-detenzjoni għandha tkun miżura tal-aħħar rimedju**. L-Istati Membri jeħtieġ li jeżaminaw, f'kull każ individwali, jekk hemmx xi miżuri inqas restrittivi, fost dawk disponibbli, sabiex jinkisbu l-istess skopijiet (ara Linja Gwida 6). **Dan ifisser li l-AtDs iridu jiġu kkunsidrati, analizzati u eventwalment esklużi qabel ma tiġi applikata d-detenzjoni** ([65]).

Għalhekk, għandu jkun hemm preżunzjoni favur id-dritt għal-libertà u l-użu tal-AtDs għandu jingħata prijorità vis-à-vis l-użu tad-detenzjoni: id-dritt għal-libertà huwa l-pożizzjoni awtomatika ([66]) u jista' jiġi kkompressat biss f'każijiet limitati u ċirkostanzi ġustifikati, mill-inqas possibbli.

Konsegwentement, kwalunkwe detenzjoni obbligatorja, awtomatika jew sistematika, eż. id-detenzjoni ta' gruppi speċifiċi ta' persuni abbażi tan-nazzjonalità tagħhom ([67]) jew id-detenzjoni ta' individwu mingħajr ma l-ewwel jiġu esklużi l-AtDs, hija illegali.

([65]) Il-premessa 33 tal-RCD (2024) u l-Artikolu 10(2) tal-RCD (2024). Bl-istess mod, l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar ir-ritorn jistipula li d-detenzjoni għall-fini ta' tneħħija hija permessa biss jekk "miżuri oħrajn suffiċjenti iżda inqas koerċittivi [ma jkunux jistgħu] jiġu applikati b'mod effettiv f'każ speċifiku". Fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2338 tas-16 ta' Novembru 2017 li tistabbilixxi "Manwal dwar ir-Ritorn" komuni li għandu jintuża mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri meta jwettqu kompiti relatati mar-ritorn (ĠU L 339 , 19.12.2017, p. 83), din id-dispożizzjoni hija interpretata bħala "li tirrikjedi li kull Stat Membru jipprevedi alternattivi għad-detenzjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu". Barra minn hekk, il-premessa 11 tar-Regolament dwar l-iskrinjar tipprevedi li d-detenzjoni tista' tiġi ordnata biss jekk ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv miżuri alternattivi oħrajn li jkunu inqas koerċittivi. Barra minn hekk, l-Artikolu 44(2) tal-AMMR jistabbilixxi li l-Istati Membri jistgħu jżommu persuna kkonċernata f'detenzjoni sabiex jiżguraw proċeduri ta' trasferiment "abbażi ta' valutazzjoni individwali taċ-ċirkostanzi tal-persuna, u biss sakemm id-detenzjoni tkun proporzjonali u ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv miżuri alternattivi oħrajn li jkunu inqas koerċittivi". Ara wkoll il-Koalizzjoni Internazzjonali tad-Detenzjoni, *Immigration Detention as an Exceptional Measure of Last Resort*, 2023.

([66]) L-UNHCR, *Linji Gwida dwar id-Detenzjoni*, *op. cit.*, fn. 14, linja gwida 2, il-paragrafu 14, p. 13.

([67]) L-Artikolu 10(1) tal-RCD (2024) jiċċara li l-Istati Membri ma jistgħux iżommu applikant f'detenzjoni abbażi tan-nazzjonalità tiegħu.

## L-obbligu li jingħataw raġunijiet għan-nuqqas ta' applikazzjoni ta' alternattivi għad-detenzjoni

Il-prinċipju tad-detenzjoni bħala miżura tal-aħħar rimedju jimplika li jridu jingħataw raġunijiet fi kwalunkwe ħin li ma jiġux applikati l-AtDs. In-nuqqas ta' AtDs disponibbli ma jistax ikun raġuni raġonevoli biex l-individwi jinżammu f'detenzjoni (ara Linja Gwida 3).

Dan huwa kkonfermat fl-RCD (2024) li introduċiet dispożizzjoni ġdida li skontha "l-ordni ta' detenzjoni għandha **tiddikjara r-raġunijiet** fil-fatt u fil-liġi li fuqhom hija bbażata, kif ukoll **għaliex miżuri alternattivi inqas koerċittivi ma jistgħux jiġu applikati b'mod effettiv**" ([68]).

### It-test tan-neċessità

Id-detenzjoni tista' tiġi applikata biss wara li tiġi kkunsidrata u eskluża kif dovut il-possibbiltà li jiġu applikati AtDs u biss ladarba jintwera li huwa **neċessarju** li jintlaħaq l-objettiv leġittimu.

**It-test tan-neċessità jħares lejn jekk id-detenzjoni hijiex indispensabbli u assolutament essenzjali biex jintlaħaq l-objettiv leġittimu ta' interess ġenerali f'każ speċifiku.** Id-detenzjoni tista' titqies neċessarja, pereżempju, meta jkun hemm riskju evidenzjat ta' ħarba jew tħassib dwar is-sigurtà nazzjonali. It-test tan-neċessità jinvolvi l-valutazzjoni ta' jekk miżuri alternattivi jistgħux jilħqu l-istess objettivi u japplika kemm għad-deċiżjoni inizjali ta' detenzjoni kif ukoll għal kwalunkwe estensjoni li tirriżulta.

### It-test tal-proporzjonalità

Jekk id-detenzjoni tiġi vvalutata kif meħtieġ, jeħtieġ li jiġi applikat it-test tal-proporzjonalità ([69]).

**It-test tal-proporzjonalità jeħtieġ valutazzjoni li tibbilanċja l-ħsara kkawżata miċ-ċaħda tal-libertà mal-għan segwit fil-każ individwali**. Tabilħaqq, meta jiġu biex jiddeċiedu jekk japplikawx id-detenzjoni, l-awtoritajiet għandhom jiżguraw li l-objettiv leġittimu fil-każ individwali jintlaħaq mingħajr ma jinqabeż dak li huwa strettament meħtieġ, f'konformità mal-prinċipju ta' intervent minimu.

It-test tal-proporzjonalità japplika kemm għad-deċiżjoni inizjali ta' detenzjoni, kif ukoll għal kwalunkwe estensjoni li tirriżulta. Jekk il-valutazzjoni tat-test tal-proporzjonalità tfalli, mela d-detenzjoni ma tkunx tista' tiġi ordnata.

([68]) L-Artikolu 11(2) tal-RCD (2024).
([69]) Ara l-premessa (22) tal-RCD (2024), il-premessa (13) tad-Direttiva dwar ir-ritorn, il-premessa (11) tar-Regolament dwar l-iskrinjar u l-Artikolu 44(2) tal-AMMR,

Fil-kuntest tar-ritorn, huwa meqjus sproporzjonat li persuna tinżamm jew tkompli tinżamm f'detenzjoni meta ma jkun jeżisti l-ebda prospett tanġibbli u raġonevoli ta' tneħħija. Tali prinċipju jsib kopertura legali fl-Artikolu 15(4) tad-Direttiva dwar ir-ritorn, li skontha meta ma jibqax jeżisti prospett raġonevoli ta' tneħħija, id-detenzjoni ma tibqax ġustifikata ([70]). Jekk iċ-ċirkostanzi inizjali li wasslu għall-applikazzjoni tad-detenzjoni ma jibqgħux japplikaw, mela l-persuna kkonċernata trid tinħeles (ara [Linja Gwida 9] u [Linja Gwida 10]).

**Illustrazzjoni 3. Prerekwiżiti għall-applikazzjoni tad-detenzjoni**

**HEMM RAĠUNI GĦAD-DETENZJONI?**

Jekk ma tkun applikabbli l-ebda raġuni għad-detenzjoni, l-alternattivi għad-detenzjoni ma jkollhom l-ebda bażi legali u d-detenzjoni, jekk tiġi applikata, tkun illegali.

**ID-DETENZJONI HIJA MEĦTIEĠA?**

Jekk l-objettiv tal-Istat jista' jintlaħaq permezz ta' mezzi inqas koerċittivi, id-detenzjoni ma għandhiex tiġi applikata minħabba li hija miżura tal-aħħar rimedju.

**ID-DETENZJONI HIJA PROPORZJONATA?**

Jekk il-ħsara kkawżata minħabba ċ-ċaħda tal-libertà tkun żbilanċjata mal-objettiv leġittimu segwit, id-detenzjoni ma għandhiex tiġi applikata.

**Suġġeriment prattiku**

**It-test tan-neċessità jwieġeb għall-mistoqsijiet li ġejjin.**

- Id-detenzjoni hija indispensabbli fil-każ speċifiku jew l-objettivi segwiti mid-detenzjoni jistgħu jintlaħqu permezz ta' miżuri inqas koerċittivi?
- Hemm raġunijiet speċifiċi li jeħtieġu d-detenzjoni?
- Hemm ħtiġijiet speċifiċi jew ċirkostanzi individwali li jipprekludu d-detenzjoni?

**It-test tal-proporzjonalità jwieġeb għall-mistoqsijiet li ġejjin.**

- Id-detenzjoni tikkostitwixxi ħsara sproporzjonata lill-persuna minħabba l-ħtiġijiet speċifiċi jew iċ-ċirkostanzi individwali tagħha?
- Il-ħsara kkawżata mid-detenzjoni hija bilanċjata u ġustifikata vis-à-vis l-objettivi segwiti mid-detenzjoni?
- Dawn l-objettivi jistgħu jintlaħqu b'miżuri inqas koerċittivi?

([70]) Ara wkoll il-QĠUE, sentenza tat-28 ta' April 2011, *Hassen el Dridi, magħruf ukoll bħala Karim Soufi*, C-61/112 PPU, ECLI:EU:C:2011:268, il-paragrafu 41. Sommarju disponibbli fil-Bażi tad-*Data* tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.

# Linja Gwida 6

*L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jkunu bbażati fuq valutazzjoni ta' każ b'każ u jqisu ċ-ċirkostanzi individwali u l-ħtiġijiet speċifiċi*

## Il-valutazzjoni individwali

L-AtDs għandhom jiġu eżaminati fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi u ċ-ċirkostanzi individwali tal-persuna kkonċernata. Din hija prekundizzjoni meħtieġa biex jiġi deċiż it-tip ta' AtD li għandha tiġi applikata u l-karatteristiċi tagħha, eż. il-frekwenza tar-rapportar.

Il-prinċipju ta' valutazzjoni individwali huwa mfakkar fl-Artikolu 10(2) tal-RCD (2024), li skontu "fejn meħtieġ u **abbażi ta' valutazzjoni individwali ta' kull każ,** l-Istati Membri jistgħu jżommu applikant f'detenzjoni, jekk miżuri alternattivi inqas koerċittivi oħrajn ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv" ([71]). Bl-istess mod, l-Artikolu 15 u l-premessa 6 tad-Direttiva dwar ir-ritorn jimplikaw valutazzjoni każ b'każ qabel ma tiġi detenuta persuna. Fil-fatt, id-detenzjoni bi tħejjija għar-ritorn u/jew għat-twettiq tal-proċess ta' tneħħija hija ammissibbli biss jekk miżuri suffiċjenti iżda inqas koerċittivi oħrajn ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv fil-każ speċifiku.

Matul il-valutazzjoni individwali tal-każ, l-awtoritajiet kompetenti biex joħorġu d-deċiżjoni ta' detenzjoni jew biex japplikaw AtD jeħtieġ li jikkunsidraw **elementi differenti** bħala parti mit-test tan-neċessità u tal-proporzjonalità (ara Linja Gwida 5).

B'mod partikolari, jeħtieġ li jsibu **bilanċ** delikat bejn l-iżgurar tal-konformità mal-proċeduri tal-ażil jew tar-ritorn u s-salvagwardja tad-drittijiet u l-benesseri tal-individwu.

## L-evalwazzjoni tal-konformità mal-proċedura u r-riskji ta' ħarba

Meta tiġi biex tevalwa l-konformità mal-proċedura, l-awtorità amministrattiva u/jew ġudizzjarja tista' tikkunsidra għadd ta' indikaturi, kif spjegat fid-dettall hawn taħt.

**L-istorja preċedenti tal-konformità**

In-nuqqas preċedenti tal-persuna li tikkonforma, mingħajr ebda raġuni ta' ġustifikazzjoni, ma' ordnijiet passati tal-awtoritajiet jew ma' AtDs imposti qabel jista' jkun fattur li jiddeterminaw d-deċiżjoni lejn id-detenzjoni.

([71]) F'dan is-sens, ara l-premessa 33 tal-RCD (2024) li ssemmi b'mod ċar li "l-obbligu li jiġu eżaminati dawk il-miżuri alternattivi ma għandux jippreġudika l-użu tad-detenzjoni, fejn tali miżuri alternattivi, inklużi l-obbligi ta' residenza u ta' rapportar, ma jistgħux jiġu applikati b'mod effettiv".

Pereżempju, fi proċedura ta' ritorn, in-nuqqas ta' konformità ma' ordni preċedenti ta' tluq mit-territorju jista' jwassal biex l-awtoritajiet ikunu aktar suxxettibbli li japplikaw id-detenzjoni sabiex il-persuna ma tkunx tista' terġa' tevita jew tfixkel it-tħejjija tar-ritorn jew il-proċess ta' tneħħija. Madankollu, din iċ-ċirkostanza ma għandhiex tiġi kkunsidrata b'mod awtomatiku jew iżolat, iżda għandha tkun inkwadrata kif suppost fiċ-ċirkostanzi individwali ġenerali.

Bil-maqlub, l-awtorità amministrattiva u/jew ġudizzjarja tista' tiddeċiedi li d-detenzjoni mhijiex meħtieġa jekk il-persuna jkollha storja pożittiva preċedenti ta' konformità.

### Riskju ta' ħarba

Fost l-elementi ta' nuqqas ta' konformità, ir-riskju ta' ħarba għandu rwol sinifikanti fl-acquis tal-UE. Kif indikat fl-Artikolu 2(11) tal-RCD (2024), meta jiġu biex jivvalutaw ir-riskju ta' ħarba, l-awtoritajiet għandhom ġeneralment jikkunsidraw l-eżistenza ta' raġunijiet u ċirkostanzi speċifiċi biex jemmnu li applikant jista' jaħrab deliberatament ([72]). Il-valutazzjoni tar-riskju ta' ħarba għandha tkun ibbażata fuq **kriterji oġġettivi stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali** u għandha ssir fuq bażi individwali. L-eżistenza ta' tali riskju ma għandhiex tkun derivata awtomatikament min-nuqqas ta' dokumenti ta' identità jew ta' indirizz fiss, anki fid-dawl tal-fatt li l-biċċa l-kbira tal-applikanti ma għandhomx dawn id-dokumenti.

F'konformità mal-premessa 24 tal-RCD (2024), "fil-valutazzjoni ġenerali tas-sitwazzjoni individwali ta' applikant, taħlita ta' diversi fatturi spiss tipprovdi l-bażi għall-konklużjoni li hemm riskju ta' ħarba".

L-indikaturi li jistgħu jintużaw biex jiġi vvalutat ir-riskju ta' ħarba jistgħu jinkludu, pereżempju: il-kooperazzjoni tal-applikant mal-awtoritajiet kompetenti jew il-konformità mar-rekwiżiti proċedurali; ir-rabtiet tal-applikant fl-Istati Membri; jekk l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ġietx miċħuda bħala abbużiva jew manifestament bla bażi; l-impenji ta' impjieg jew edukattivi; u l-parteċipazzjoni attiva f'networks komunitarji jew ta' appoġġ. Il-frekwenza għolja li biha t-TCNs li ġejjin minn ċerti pajjiżi ta' oriġini jaħarbu tista' tkun indikatur addizzjonali, meta jiġi evalwat ir-riskju ta' ħarba. Madankollu, fil-valutazzjoni ġenerali, għandhom jitqiesu indikaturi oħrajn speċifiċi għas-sitwazzjoni individwali.

Bl-istess mod, fil-qasam tar-ritorn, ir-riskju ta' ħarba jirreferi għall-eżistenza ta' raġunijiet speċifiċi f'każ individwali, abbażi ta' kriterji oġġettivi definiti mil-liġi, sabiex wieħed jemmen li TCN soġġett għal proċeduri ta' ritorn jista' jaħrab ([73]). Fin-nuqqas ta' kriterji ċari stipulati fid-Direttiva dwar ir-ritorn jew fir-Regolament dwar il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera, hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jistabbilixxu b'mod ċar fil-liġi

([72]) L-Artikolu 2(12) tal-RCD (2024) jiddefinixxi "ħarba" bħala l-azzjoni li biha applikant ma jibqax disponibbli għall-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji kompetenti, pereżempju, billi jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru mingħajr permess mill-awtoritajiet kompetenti, għal raġunijiet li ma jkunux lil hinn mill-kontroll tal-applikant". B'mod simili, il-premessa 23: "… li tinkludi kemm azzjoni deliberata kif ukoll iċ-ċirkostanza fattwali, li ma tkunx lil hinn mill-kontroll tal-applikant, li ma jibqax disponibbli għall-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji kompetenti, pereżempju billi jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru fejn l-applikant huwa meħtieġ li jkun preżenti."

([73]) L-Artikolu 3(7) tad-Direttiva dwar ir-ritorn.

nazzjonali tagħhom il-kriterji oġġettivi li għandhom jintużaw biex jiġi ddeterminat tali riskju ([74]).

**Grad ta' kooperazzjoni**

Il-grad ta' kooperazzjoni muri mill-individwu kkonċernat huwa element addizzjonali li għandu jiġi kkunsidrat meta tittieħed id-deċiżjoni li tiġi applikata d-detenzjoni jew AtD. L-intenzjoni espressa li ma jkunx hemm kooperazzjoni jew in-nuqqas ta' kooperazzjoni fattwali jistgħu tabilħaqq jiffavorixxu deċiżjoni ta' detenzjoni. Anki f'dan il-każ, din is-sitwazzjoni ma għandhiex titqies b'mod iżolat, iżda pjuttost għandha tiġi kkunsidrata fil-kuntest taċ-ċirkostanzi individwali ġenerali.

## Evalwazzjoni tal-fatturi ta' vulnerabbiltà

Il-valutazzjoni tal-elementi ta' konformità mal-proċedura, ir-riskji ta' ħarba u l-grad ta' kooperazzjoni jeħtieġ li jiġu bbilanċjati minn valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet: fatturi bħall-kundizzjonijiet tas-saħħa, il-preżenza ta' persuni dipendenti u l-età tal-individwu jridu jiġu kkunsidrati bir-reqqa. Dan huwa affermat mill-premessa 21 tal-RCD (2024), li skontha d-deċiżjonijiet kollha li jirrestrinġu l-libertà tal-moviment ta' applikant għandhom iqisu l-aspetti rilevanti tas-sitwazzjoni individwali tal-applikant, inklużi l-ħtiġijiet ta' akkoljenza speċjali tiegħu. F'dan is-sens, l-awtoritajiet huma meħtieġa **jidentifikaw** il-persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli u **jivvalutaw** il-ħtiġijiet ta' akkoljenza u/jew proċedurali speċifiċi tagħhom.

**Għodod tal-EUAA relatati**

L-għodda tal-IPSN għandha l-għan li tappoġġa lill-awtoritajiet u lill-persunal speċjalizzat fl-identifikazzjoni f'waqtha ta' persuni bi ħtiġijiet proċedurali u/jew ta' akkoljenza speċjali. L-għodda tista' tintuża fi kwalunkwe stadju tal-proċedura tal-ażil u tal-proċess ta' akkoljenza biex tiġi identifikata kwalunkwe vulnerabbiltà eżistenti jew emerġenti.

L-għodda tal-SNVA hija maħsuba biex tgħin lill-persunal speċjalizzat jivvaluta l-ħtiġijiet speċifiċi tal-applikanti u tipprovdi qafas għal valutazzjoni u appoġġ kontinwi.

L-Istati Membri jridu jkunu partikolarment viġilanti biex jirrikonoxxu u jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli ([75]). Il-fatturi ta' vulnerabbiltà li għandhom jitqiesu jinkludu, pereżempju, jekk il-persuna hijiex tifel jew tifla (mhux akkumpanjata jew le), ġenitur waħdu bit-tfal jew persuna anzjana, jekk għandhiex diżabilità jew kwalunkwe kundizzjoni medika (fiżika jew mentali) mhux kompatibbli mad-detenzjoni (inklużi kundizzjonijiet li jirrikjedu trattamenti mediċi li ma jistgħux jiġu pprovduti f'ambjenti ta' detenzjoni) jew jekk jistgħux ikunu

([74]) Ara wkoll il-QĠUE, sentenza tal-15 ta' Marzu 2017, *Policie ČR, Krajské ředitelství policie Ústeckého kraje, odbor cizinecké policie vs Salah Al Chodor et*, C-528/15, ECLI:EU:C:2017:213, il-paragrafu 28. Sommarju disponibbli fil-Bażi tad-*Data* tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.

([75]) Ara l-Artikolu 24 tal-RCD (2024) u l-Artikolu 3(9) tad-Direttiva dwar ir-ritorn għad-definizzjonijiet rispettivi ta' kategoriji ta' persuni bi bżonnijiet speċjali

superstiti ta' traffikar ta' bnedmin ([76]), tortura, stupru jew forom oħrajn ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali bħal vjolenza abbażi tal-ġeneru, mutilazzjoni ġenitali femminili, żwieġ tat-tfal jew furzat, jew vjolenza mwettqa b'motiv sesswali, ibbażat fuq il-ġeneru, razzist jew reliġjuż.

### Detenzjoni ta' applikanti bi ħtiġijiet speċjali ta' akkoljenza

Id-detenzjoni ta' applikanti bi ħtiġijiet speċjali ta' akkoljenza hija permissibbli skont l-RCD (2024), f'konformità mal-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità, sakemm ma jitqiesx li d-detenzjoni se tpoġġi s-saħħa fiżika u mentali tagħhom f'riskju serju ([77]).

Jekk tiġi applikata d-detenzjoni, jeħtieġ li jkun hemm ċerti garanziji fis-seħħ, meta jitqies li ċ-ċaħda tal-libertà tista' tkun partikolarment ta' detriment għall-applikanti f'sitwazzjoni vulnerabbli u tista' tirriskja li taggrava l-vulnerabbiltajiet tagħhom, filwaqt li twassal għal aktar trawma u tfixkel il-kapaċità tagħhom li jirkupraw u jintegraw.

Kif indikat mill-Artikolu 10(3) tal-RCD (2024), "meta jżommu applikant f'detenzjoni, l-Istati Membri għandhom iqisu kwalunkwe sinjal, dikjarazzjoni jew imġiba viżibbli li jindikaw li l-applikant għandu ħtiġijiet speċjali ta' akkoljenza. Meta ... [il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà] tkun għadha ma tlestietx, din għandha titlesta mingħajr dewmien żejjed u r-riżultati tagħha għandhom jitqiesu meta jiġi deċiż jekk għandhiex titkompla d-detenzjoni jew jekk hemmx bżonn li l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni jiġu aġġustati" (ara Linja Gwida 9).

Barra minn hekk, l-Istati Membri jridu jiżguraw monitoraġġ regolari ta', u appoġġ adegwat lil, applikanti bi bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza, filwaqt li jqisu s-sitwazzjoni partikolari tagħhom, inkluża s-saħħa fiżika u mentali tagħhom ([78]).

Fil-każijiet kollha li jinvolvu applikanti bi bżonnijiet speċjali, l-AtDs iridu jingħataw preferenza biex jiġi żgurat il-benesseri tagħhom, jiġi pprovdut l-appoġġ meħtieġ, u jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali tagħhom. Kunsiderazzjonijiet speċifiċi relatati mat-tfal huma elaborati fi Linja Gwida 7.

([76]) Il-prinċipju tan-nuqqas ta' piena għall-vittmi ta' traffikar ta' bnedmin jiżgura li l-individwi li ġew ittraffikati jew li huma f'riskju li jiġu ttraffikati ma jiġux penalizzati għal reati mwettqa taħt koerċizzjoni u mingħajr il-kunsens tagħhom. Id-Direttiva l-ġdida tal-UE kontra t-traffikar tiddikjara li l-vittmi tat-traffikar ma għandhomx jiġu kkastigati għal attivitajiet relatati mas-sitwazzjoni tat-traffikar tagħhom u għandhom jingħataw l-appoġġ meħtieġ biex jgħinhom fl-irkupru u l-integrazzjoni tagħhom. Meta l-AtDs ikunu applikabbli abbażi ta' raġunijiet oħrajn għad-detenzjoni, dawn iridu jitfasslu bir-reqqa biex tiġi evitata aktar ħsara jew stigmatizzazzjoni. Huma għandhom jiffaċilitaw l-aċċess għas-servizzi ta' protezzjoni, irkupru u appoġġ, f'konformità mal-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuna. Ara wkoll Giammarino M.G. – Rapporteur Speċjali dwar it-traffikar ta' persuni, speċjalment nisa u tfal, *The importance of implementing the non-punishment provision: the obligation to protect victims*, 2020.

([77]) Ara l-Artikolu 13(1) tal-RCD (2024). Xi Stati Membri jipprojbixxu espliċitament fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom id-detenzjoni ta' kategoriji speċifiċi ta' persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli, bħal tfal, nisa tqal, superstiti tat-traffikar tal-bnedmin u t-tortura. Fl-Italja, pereżempju, id-Digriet Leġiżlattiv Nru 142/2015 jipprojbixxi d-detenzjoni ta' dawk li l-kundizzjonijiet tas-saħħa jew vulnerabbli tagħhom mhumiex kompatibbli mad-detenzjoni, kif ukoll tat-tfal.

([78]) L-Artikolu 13(1) tal-RCD (2024).

**QEDB, *Thimothawes vs Il-Belġju*, 2011** ([79])

Il-QEDB irrimarkat li deċiżjonijiet ġenerali jew awtomatiċi li dawk li jkunu qed ifittxu l-ażil jinżammu f'detenzjoni mingħajr ebda valutazzjoni individwali ta' xi bżonnijiet speċjali jistgħu jqajmu kwistjoni skont l-Artikolu 5(1) tal-KEDB.

## L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' intervent minimu

Il-valutazzjoni individwali għandha tiddetermina wkoll liema tip ta' AtDs disponibbli (jew taħlita tagħhom) huwa **l-aktar xieraq** għaċ-ċirkostanzi individwali u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuna kkonċernata.

Għal dan il-għan, l-awtoritajiet għandhom iqisu l-prinċipju ta' intervent minimu, li jirrikjedi li tiġi adottata **l-inqas miżura intrużiva possibbli** ([80]) fost dawk li jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv. Tabilħaqq, l-AtDs jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti f'termini tal-livell ta' koerċittività. Xi wħud jistgħu jimponu restrizzjonijiet ogħla fuq il-libertà personali, bħal rekwiżiti ta' rapportar regolari, filwaqt li oħrajn jistgħu jkunu inqas restrittivi, bħas-superviżjoni tal-komunità. Kif iċċarat mill-QĠUE, din il-"**gradazzjoni tmur mill-miżura li tippermetti lill-persuna kkonċernata l-aktar libertà … għal miżuri li jirrestrinġu dik il-libertà l-aktar**" ([81]).

([79]) QEDB, sentenza tal-4 ta' April 2017, *Thimothawes vs Il-Belġju*, Nru 39061/11, il-paragrafu 73, ECLI:CE:ECHR:2017:0404JUD003906111. Sommarju disponibbli fil-Bażi tad-*Data* tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.

([80]) Bustamante J., *Report of the Special Rapporteur on the human rights of migrants (Rapport tar-Rapporteur Speċjali dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-migranti)*, A/65/222, 2010, il-paragrafi 92(a) u 95; il-Kumitat tas-CRC, *Report of the 2012 Day of General Discussion on the Rights of All Children in the Context of International Migration*, 2012, il-paragrafu 79; l-UNHCR, *Linji Gwida dwar id-Detenzjoni*, *op. cit.*, fn. 14, linja gwida 4.3, il-paragrafu 39.

([81]) QĠUE, sentenza tat-28 ta' April 2011, *Hassen el Dridi, alias Karim Soufi*, C-61/112 PPU, ECLI:EU:C:2011:268, il-paragrafu 41. Sommarju disponibbli fil-Bażi tad-*Data* tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.

**Illustrazzjoni 4. Eżempju ta' skala progressiva ta' livell restrittiv ta' miżuri**




L-illustrazzjoni turi skala progressiva possibbli ta' miżuri mill-aktar restrittivi (isfel) għall-inqas restrittivi (fuq). Dan huwa indikattiv, minħabba li l-grad attwali ta' restrizzjonijiet jista' jiġi ddeterminat mill-obbligi imposti f'każ speċifiku. Pereżempju, ir-rapportar bi frekwenza baxxa jista' jkun inqas restrittiv mir-residenza f'ċentru nofsu miftuħ. Bil-maqlub, ir-rapportar bi frekwenza għolja jista' jkun aktar restrittiv mir-residenza f'ċentru miftuħ.

## Kunsiderazzjoni tat-tip, tad-durata u tal-impatt

L-aktar AtD xierqa mhijiex biss l-inqas waħda intrużiva, iżda wkoll dik li taqbel l-aħjar fil-każ speċifiku, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali u l-fatturi ta' vulnerabbiltà. Meta jagħżlu l-aktar AtD xierqa, l-awtoritajiet iridu jagħtu attenzjoni mill-qrib lil elementi differenti, inklużi dawk ta' hawn taħt.

- **It-tip ta' AtD vis-à-vis il-grupp fil-mira**

  In-natura tal-alternattiva, kemm jekk tinvolvi rekwiżiti ta' rapportar, monitoraġġ perjodiku, residenza deżinjata, jew superviżjoni tal-komunità. Pereżempju, l-arranġamenti ta' kura bbażati fil-familja huma aktar adattati għal tfal mhux akkumpanjati jew separati; l-appartamenti jew il-faċilitajiet iddedikati huma aktar adattati għall-familji.

- **Id-durata tal-AtD**

  Ir-restrizzjonijiet fit-tul għandhom jiġu evitati, sakemm dan ma jkunx meħtieġ fiċ-ċirkostanzi individwali u għandhom ikunu soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju regolari. Fil-prinċipju, aktar ma tkun twila d-durata, inqas għandhom ikunu restrittivi l-AtDs. Il-limitu ta' żmien tal-AtD imposta għandu dejjem jiġi rrispettat.

- **L-impatt fuq l-individwu**

  L-impatt tal-AtDs fuq il-ħajja tal-individwi, inkluża l-kapaċità tagħhom li jikkonformaw mal-obbligi, jaħdmu, jaċċessaw l-edukazzjoni, jirċievu l-kura tas-saħħa, u jżommu rabtiet familjari u komunitarji.

## Il-kalibrazzjoni tal-obbligi

Meta jiġu biex japplikaw l-AtD fil-każ individwali, l-awtoritajiet għandhom jaġġustaw ukoll l-obbligi meħtieġa, sabiex jiżguraw li dawn ikunu addattati biex jissodisfaw iċ-ċirkostanzi tal-individwu. Il-ħinijiet u l-frekwenza tar-rapportar għandhom ikunu flessibbli u jqisu, fost l-oħrajn, is-sigħat tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-individwu. Pereżempju, ir-rapportar wiċċ imb'wiċċ jista' ma jkunx xieraq għal persuni b'indebolimenti fiżiċi, li għalihom ir-rapportar elettroniku jista' jkun aktar addattat. L-obbligu ta' residenza f'żona deżinjata jista' jkun aktar addattat mir-rapportar għal xi ħadd li qed jaħdem jew li għandu tfal x'jieħu ħsieb.

L-arranġamenti ta' AtD għandhom jiġu rieżaminati regolarment biex jiġu vvalutati n-neċessità u l-proporzjonalità kontinwi tagħhom, filwaqt li jsiru l-aġġustamenti meħtieġa abbażi ta' kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi jew fil-vulnerabbiltajiet tal-individwu (ara wkoll Linja Gwida 9).

## Notifika tad-deċiżjonijiet

Id-deċiżjoni li jiġu applikati l-AtDs trid tiġi nnotifikata minnufih u bil-miktub lill-individwu kkonċernat. In-notifika bil-miktub isservi bħala dokument uffiċjali li jista' jiġi rreferenzjat kemm mill-individwu kif ukoll mill-awtoritajiet rilevanti. Mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni nazzjonali, in-notifika għandha tiġi pprovduta f'format li jkun aċċessibbli għall-individwu, filwaqt li jitqiesu kwalunkwe ostakli lingwistiċi jew ta' litteriżmu. Hija għandha tinkludi spjegazzjoni dettaljata tar-raġunijiet għaliex huma meħtieġa l-AtDs speċifiċi, filwaqt li tirreferi għal tħassib jew fatturi speċifiċi li wasslu għall-valutazzjoni tal-profil ta' riskju tal-individwu, bħall-istorja preċedenti ta' konformità. Barra minn hekk, hija għandha tipprovdi informazzjoni ċara dwar **id-dritt għal rimedju effettiv** (ara Linja Gwida 4), bi struzzjonijiet dwar kif jinbeda dan il-proċess, titlob assistenza legali u tissottometti informazzjoni jew evidenza addizzjonali għal rikunsiderazzjoni. Id-dewmien fin-notifika jista' jxekkel il-kapaċità tal-individwu li jikkontesta d-deċiżjoni dwar l-AtDs (ara Linja Gwida 9).

**Prattika tajba**

In-notifika tinkludi informazzjoni ta' kuntatt ta' punt ta' kuntatt deżinjat fi ħdan l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni jew tal-ażil, li lilhom l-individwu kkonċernat jista' jindirizza kwalunkwe mistoqsija jew tħassib li jista' jkollu rigward id-deċiżjoni dwar l-AtDs.

**Taqsira prattika**

Meta jiġu applikati alternattivi, iridu jittieħdu t-tliet passi ewlenin ta’ hawn taħt.

1. **It-twettiq ta’ valutazzjoni tar-riskju individwalizzata**

   Trid titwettaq valutazzjoni tar-riskju biex tiġi ddeterminata l-probabbiltà li l-individwu jista’ ma jikkonformax mar-rekwiżiti proċedurali u/jew jaħrab. Hija tinvolvi r-rieżami tal-fajl tal-każ individwali u, jekk meħtieġ, l-intervistar tal-persuna biex jinġabar fehim komprensiv tal-istorja tagħha. Matul il-valutazzjoni tar-riskju, l-awtoritajiet ma għandhomx jeżaminaw biss l-indikaturi ta’ nuqqas ta’ konformità jew riskju ta’ ħarba (eż. l-istorja tal-konformità ma’ AtDs preċedenti u l-istorja/evidenza f’termini ta’ ħarba), iżda għandhom jikkunsidraw ukoll fatturi li jistgħu jnaqqsu tali riskji, inklużi r-rabtiet familjari, il-konnessjonijiet mal-komunità, l-involviment fl-impjieg jew fl-edukazzjoni. Għandhom jitqiesu wkoll il-motivazzjoni u r-rieda tal-individwu li jikkoopera mal-awtoritajiet u jikkonforma mal-obbligi tal-AtDs. L-informazzjoni kollha miġbura għandha tappoġġa lill-awtoritajiet fid-determinazzjoni tal-prospetti ta’ nuqqas ta’ konformità u r-riskju ta’ ħarba. Din il-valutazzjoni hija kruċjali biex jiġu deċiżi t-tip u l-livell xierqa ta’ AtDs, filwaqt li tiżgura li tkun tirrifletti l-livell ta’ riskju tal-individwu. Anki jekk il-valutazzjoni tar-riskju turi potenzjal għal nuqqas ta’ konformità jew riskju ta’ ħarba, jeħtieġ li titwettaq valutazzjoni tal-vulnerabbiltà.

2. **It-twettiq ta’ valutazzjoni individwalizzata tal-vulnerabbiltà**

   Valutazzjoni tal-vulnerabbiltà għandha titwettaq b’mod komprensiv u teżamina s-saħħa fiżika u mentali, is-sitwazzjoni tal-familja, l-esperjenzi tal-passat u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-individwu. Hija trid tikkunsidra l-vulnerabbiltajiet intersezzjonali, ir-riskji u l-fatturi ta’ ħsara, kif ukoll il-fatturi protettivi u r-reżiljenza tal-individwu u n-networks soċjali u tal-familja tiegħu. L-għan huwa li jinkiseb fehim aktar profond tal-ħtiġijiet uniċi tal-persuna u jiġi żviluppat approċċ olistiku biex dawn jiġu indirizzati.

F'każijiet li jinvolvu tfal, b'mod partikolari minorenni mhux akkumpanjati (ara Linja Gwida 7), is-salvagwardji speċifiċi għall-protezzjoni tat-tfal iridu jiġu integrati fil-proċess ta' valutazzjoni individwali. Dan jinkludi l-iżgurar li l-azzjonijiet kollha jkunu fl-aħjar interessi tat-tfal, kif meħtieġ mill-istandards nazzjonali u internazzjonali. Irid jinħatar rappreżentant legali/tutur għat-tfal mhux akkumpanjati biex jappoġġa u jipproteġi d-drittijiet tagħhom matul il-proċedura kollha. Il-valutazzjoni għandha titwettaq b'mod adattat għat-tfal, filwaqt li jitqiesu l-età, il-maturità u l-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal. Barra minn hekk, il-fehmiet tat-tfal għandhom jingħataw il-piż dovut skont l-età u l-livell ta' fehim tagħhom.

Il-valutazzjoni għandha titwettaq minn professjonisti mħarrġa li jistgħu jidentifikaw vulnerabbiltajiet potenzjali, eż. disturb minn stress postrawmatiku, diżabilitajiet fiżiċi u kundizzjonijiet tas-saħħa oħrajn.

3. **Aġġustament tal-AtDs għall-każ individwali**

Abbażi tal-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà u tar-riskju, l-awtoritajiet għandhom jiddeterminaw l-aktar AtDs xierqa fil-każ speċifiku. Dan il-proċess għandu jqis bosta elementi, inkluż ir-rispett tal-prinċipju ta' intervent minimu.

L-awtoritajiet għandhom ikomplu jfasslu l-obbligi imposti mill-AtD biex ikunu jaqblu mal-kapaċità tal-individwu li jikkonforma magħhom u biex ikunu adatti għaċ-ċirkostanzi tal-individwu. Il-ħinijiet u l-frekwenzi tar-rapportar għandhom ikunu flessibbli, u jippermettu aġġustamenti bbażati fuq ir-rutina ta' kuljum u l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-individwu.

L-integrazzjoni tas-servizzi ta' appoġġ, bħal konsulenza, appoġġ psikosoċjali, kura medika u assistenza legali fl-iskema tal-AtD tista' tindirizza b'mod komprensiv il-ħtiġijiet tal-individwu (ara wkoll Linja Gwida 8). Barra minn hekk, l-arranġamenti tal-AtD għandhom jiġu rieżaminati biex jiġu vvalutati n-neċessità u l-proporzjonalità kontinwi tagħhom, billi jsiru l-aġġustamenti meħtieġa abbażi ta' kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi jew fil-vulnerabbiltajiet tal-individwu (ara wkoll Linja Gwida 9).

Il-miżura magħżula għandha eventwalment tilħaq bilanċ bejn l-iżgurar tal-konformità mal-proċeduri tal-ażil jew tar-ritorn u l-minimizzazzjoni tal-impatt fuq il-libertà u l-ħajja ta' kuljum tal-individwu.

## Kunsiderazzjonijiet relatati mal-proċeduri fuq il-fruntieri

### L-integrazzjoni tal-eżiti tal-iskrinjar fil-valutazzjonijiet tar-riskju u tal-vulnerabbiltà

Huwa essenzjali li s-sejbiet preliminari tal-proċess ta' skrinjar jiġu integrati fil-valutazzjonijiet tar-riskju u tal-vulnerabbiltà mwettqa matul il-proċeduri fuq il-fruntieri. Dan jgħin biex jiġu evitati intervisti addizzjonali bla bżonn u l-"vittimizzazzjoni mill-ġdid" ta' persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli, li tista' sseħħ meta individwi li jkunu esperjenzaw trawma jew tbatija jkunu soġġetti għal interrogazzjoni ripetuta jew proċeduri invażivi li jistgħu jikkawżaw memorji ta' trawmi tal-passat. Il-vittimizzazzjoni mill-ġdid mhux biss taggrava t-tbatija psikoloġika tal-persuna, iżda tnaqqar ukoll il-fiduċja tagħha fl-awtoritajiet u fis-sistema ta' protezzjoni ġenerali.

Sabiex jiġi żgurat proċess effiċjenti, ir-riżultati tal-kontrolli inizjali tas-saħħa u tal-vulnerabbiltà mwettqa waqt l-iskrinjar għandhom jiġu kondiviżi minnufih mal-awtoritajiet rilevanti responsabbli biex jieħdu deċiżjonijiet dwar id-detenzjoni jew l-AtD. Dan jippermettilhom jibnu fuq l-informazzjoni diġà miġbura, aktar milli jerġgħu jibdew il-proċess ta' valutazzjoni mill-bidu.

Huwa kruċjali li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni tkun ikkoordinata u mmirata speċifikament lejn l-awtoritajiet involuti fid-diversi stadji tal-proċess jew l-entitajiet l-oħrajn inkarigati b'deċiżjonijiet speċifiċi rigward il-każ individwali. Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni trid tikkonforma mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR ([82])) biex jiġi żgurat li d-*data* personali tiġi ttrattata legalment, b'mod sigur u b'rispett għall-privatezza tal-individwu. Trid tinżamm kunfidenzjalità stretta, u l-kunsens tal-individwu jrid jinkiseb, meta jkun xieraq, qabel ma tiġi kondiviża *data* personali.

### Proċeduri fuq il-fruntieri u applikanti bi ħtiġijiet speċifiċi

Jekk il-persuna jkollha ħtiġijiet speċjali ta' akkoljenza li ma jistgħux jiġu akkomodati fil-fruntiera, l-Istat Membru għandu obbligu li jawtorizza d-dħul u li jirreferi lill-individwu għall-proċedura xierqa. L-applikanti identifikati bħala li jeħtieġu garanziji proċedurali speċjali għandhom jirċievu appoġġ xieraq biex jiżguraw aċċess ġenwin u effettiv għall-proċeduri ([83]). L-appoġġ meħtieġ fi ħdan il-proċeduri fuq il-fruntieri għandu jiġi ddeterminat permezz ta' valutazzjonijiet individwali u jista' jinkludi, pereżempju, aċċess għal kura medika speċjalizzata, bħas-saħħa mentali u l-appoġġ psikosoċjali għal individwi bi trawma jew kundizzjonijiet oħrajn ta' saħħa mentali.

([82]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88).
([83]) Il-premessa 20 tal-APR.

Barra minn hekk, dan jista' jinvolvi wkoll li tiġi pprovduta akkomodazzjoni adattata għall-ħtiġijiet ta' persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli ([84]), li tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' interpreti, assistenza legali u/jew rappreżentanza legali, kif meħtieġ, jew li jiġu offruti faċilitajiet u servizzi favur il-familja mfassla apposta għall-familji bit-tfal, inklużi miżuri ta' protezzjoni tat-tfal, aċċess għall-edukazzjoni u kura tas-saħħa xierqa (ara wkoll Linja Gwida 7). Il-proċeduri fuq il-fruntieri ma għandhomx jiġu applikati jekk ma jkunx jista' jiġi pprovdut appoġġ adegwat.

### Il-valutazzjoni individwali fil-proċeduri fuq il-fruntieri

Jeħtieġ li wieħed iżomm f'moħħu li matul il-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera, kif inkwadrata fl-APR, l-applikanti se jkunu meħtieġa jirrisjedu fil-postijiet fejn isseħħ il-proċedura fuq il-fruntiera (fil-fruntiera jew qrib tagħha jew fit-territorju, skont fejn jinsabu l-postijiet). Tali rekwiżit ta' residenza f'ċertu post huwa bbażat fuq l-Artikolu 9 tal-RCD (2024).

Fil-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera, il-valutazzjoni tar-riskju ta' ħarba għal applikanti li jkunu għadhom kif waslu tista' tkun ta' sfida, minħabba li l-indikaturi jistgħu jkunu limitati. L-Istati Membri jista' ma jkollhomx biżżejjed informazzjoni dwar l-individwu, b'mod partikolari minħabba l-perjodu ta' żmien qasir għall-valutazzjoni. Għalkemm ir-responsabbiltà għad-determinazzjoni tal-AtDs applikabbli hija biss tal-Istati Membri, il-kollaborazzjoni attiva tal-applikant għandha rwol kruċjali. Meta l-applikanti jiġu infurmati dwar il-proċess u jiġu mħeġġa jikkondividu informazzjoni personali rilevanti, dan jista' jappoġġa b'mod sinifikanti lill-Istat Membru biex jagħmel evalwazzjoni aktar preċiża tal-AtDs, imfassla għaċ-ċirkostanzi tal-applikant.

Fil-bidu tal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera, għandha titwettaq valutazzjoni ġdida sabiex jiġi stabbilit jekk id-detenzjoni tibqax applikabbli, filwaqt li jitqies ukoll li d-detenzjoni tista' tinżamm biss jekk ikun jeżisti prospett raġonevoli ta' tneħħija u l-arranġamenti relatati jkunu qed jiġu eżegwiti bid-diliġenza dovuta ([85]). Jekk tali kundizzjonijiet ma jiġux issodisfati jew ma jibqgħux japplikaw, id-detenzjoni ma tibqax applikabbli u l-individwu jrid jinħeles (ara wkoll Linja Gwida 10).

TCN(s) li ġew detenuti matul il-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera jistgħu jibqgħu detenuti matul il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera jekk l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jagħtu prova li r-rekwiżiti ta' detenzjoni għadhom fis-seħħ u ma jkunux inħolqu ċirkostanzi ġodda, b'mod partikolari dawk speċifiċi għall-kuntest tar-ritorn (eż. ma jkun hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' tneħħija) li jistgħu jaffettwaw il-valutazzjoni f'kull każ individwali.

Bil-maqlub, jekk AtD ġiet applikata matul il-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera u l-applikant ikun ikkonforma magħha, għandu jkun mistenni li l-istess miżura tista' tkun biżżejjed matul il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera. Madankollu, għandu jitqies li f'xi każijiet ir-riskju ta' ħarba x'aktarx jiżdied wara r-rifjut tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Għalhekk, dan ir-riskju għandu jiġi vvalutat bir-reqqa fil-bidu tal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera.

([84]) L-Artikolu 24 tal-RCD (2024). Pereżempju, xi ħadd li għandu mobbiltà limitata jista' jkollu bżonn aċċess għal akkomodazzjoni aċċessibbli, trasport, jew tagħmir mediku speċjali.
([85]) L-Artikolu 5(4) tar-Regolament dwar il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera.

# Linja Gwida 7

## *Għandhom jiġu applikati alternattivi għad-detenzjoni, bħala regola, kull meta tiġi kkunsidrata d-detenzjoni tat-tfal, f'konformità mal-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal*

### Il-qafas legali tal-UE

Il-leġiżlazzjoni tal-UE tirrikonoxxi li t-tfal, bħala regola, ma għandhomx jinżammu f'detenzjoni ([86]) u li d-detenzjoni hija miżura tal-aħħar rimedju permissibbli biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali ([87]). L-RCD (2024) tenfasizza wkoll li l-Istati Membri għandhom bżonn jikkunsidraw il-gwida pprovduta mis-CRC ([88]) meta jittrattaw mat-tfal.

B'mod partikolari, l-RCD (2024) introduċiet elementi ġodda li jikkonċernaw iċ-ċirkostanzi **eċċezzjonali** li fihom tista' sseħħ id-detenzjoni tat-tfal. Dan huwa possibbli biss meta d-detenzjoni tkun fl-aħjar interessi tat-tfal, eż. meta l-ġenitur jew l-indokratur primarju ta' tfal akkumpanjati jkun ukoll detenut u jkun fl-aħjar interessi tat-tfal li jibqgħu magħhom, jew fejn id-detenzjoni tissalvagwardja lit-tfal mhux akkumpanjati ([89]).

**Huwa biss fiċ-ċirkostanza eċċezzjonali fejn id-detenzjoni tiġi vvalutata li hija fl-aħjar interessi tat-tfal** ([90]) **li t-tfal jistgħu jiġu detenuti**.

([86]) Hemm kunsens internazzjonali wiesa' (eż. il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-Kumitat dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u l-Membri tal-Familji tagħhom u l-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar id-Detenzjoni Arbitrarja) fuq il-fatt li t-tfal ma għandhomx jiġu detenuti għal skopijiet relatati mal-immigrazzjoni, irrispettivament mill-istatus legali/migratorju tagħhom stess jew tal-ġenituri tagħhom, u li d-detenzjoni qatt mhija fl-aħjar interessi tagħhom. L-effetti detrimentali tad-detenzjoni fuq it-tfal huma dokumentati tajjeb u inkontestabbli. Irrispettivament mit-tul ta' żmien u l-kundizzjonijiet li fihom jinżammu t-tfal, id-detenzjoni jista' jkollha impatt profond u negattiv fuq is-saħħa u l-iżvilupp tat-tfal. Fil-livell internazzjonali, diversi inizjattivi għandhom l-għan li jtemmu d-detenzjoni tat-tfal minħabba l-immigrazzjoni, filwaqt li jħeġġu lill-Istati biex jeqirdu din il-prattika. Ara l-Assemblea Ġenerali tan-NU, *Global Compact for Safe, Orderly and Regular Migration (Patt Globali għal Migrazzjoni Sikura, Ordnata u Regolari)*, 2018, Objettiv 13, il-paragrafu 29(h); UNHCR, *Beyond Detention – A-Global Strategy to support governments to end the detention of asylum seekers and refugees – 2014-2019 (Lil hinn mid-Detenzjoni – Strateġija Globali biex tappoġġa lill-gvernijiet biex itemmu d-detenzjoni ta' dawk li qed ifittxu l-ażil u tar-refuġjati) – 2014-2019)*, Għan 1, reviżjoni 1, 2024; Felipe González M., *Report of the Special Rapporteur on the human rights of migrants – Ending immigration detention of children and providing adequate care and reception for them (Rapport tar-Rapporteur Speċjali dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-migranti – It-tmiem tad-detenzjoni tat-tfal minħabba l-immigrazzjoni u l-għoti ta' kura adegwata u akkoljenza għalihom)*, 2020; il-Kumitat tan-NU dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u tal-Membri tal-Familji Tagħhom, *Kumment ġenerali konġunt Nru 4 (2017) tal-Kumitat dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u tal-Membri tal-Familji Tagħhom u Nru 23 (2017) tal-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar l-obbligi tal-Istat rigward id-drittijiet tal-bniedem tat-tfal fil-kuntest tal-migrazzjoni internazzjonali fil-pajjiżi ta' oriġini, tranżitu, destinazzjoni u ritorn*, 2017.

([87]) Il-premessa 40 u l-Artikolu 13(2) tal-RCD (2024); l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva dwar ir-ritorn.

([88]) Il-premessa 40 tal-RCD (2024) tiddikjara li "[...] L-Istati Membri għandhom iqisu d-Dikjarazzjoni ta' New York għar-Refuġjati u l-Migranti tad-19 ta' Settembru 2016, il-gwida awtorevoli rilevanti mill-korp tat-trattat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-ġurisprudenza rilevanti.

([89]) L-Artikolu 13(2) tal-RCD (2024).

([90]) L-aħjar interessi tat-tfal huma prinċipju fundamentali fil-liġi internazzjonali u Ewropea, kif deskritt fl-Artikolu 24 tal-Karta u fl-Artikolu 3 tas-CRC. Dan jirrikjedi li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja fl-azzjonijiet kollha li jaffettwawhom.

**Gwida prattika dwar l-aħjar interessi tat-tfal** ([91])
Din il-gwida tappoġġa lill-awtoritajiet tal-pajjiżi tal-UE+ fl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal. Hija tkopri elementi ta' sfond tal-aħjar interessi tat-tfal, garanziji rilevanti, gwida dwar kif għandhom jiġu vvalutati l-aħjar interessi fil-prattika u l-indikaturi tal-vulnerabbiltà u tar-riskju

### Garanziji msaħħa għat-tfal f'detenzjoni

Fil-każijiet eċċezzjonali meta t-tfal jiġu mċaħħda mil-libertà, lil hinn mill-garanziji applikabbli għall-persuni kollha f'detenzjoni ([92]), iridu jiġu rrispettati dawn li ġejjin.

- Għandhom isiru l-isforzi kollha sabiex it-tfal detenuti jinħelsu u jitqiegħdu f'akkomodazzjoni xierqa ([93]).
- Id-dritt tat-tfal għall-edukazzjoni ([94]) u l-possibbiltà li jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' divertiment, inklużi logħob u attivitajiet rikreattivi xierqa għall-età tagħhom ([95]), huma garantiti.
- It-tfal qatt ma jiġu detenuti fil-ħabs jew f'faċilitajiet użati għal finijiet ta' infurzar tal-liġi ([96]).
- Il-familji detenuti għandhom jiġu pprovduti b'akkomodazzjoni separata li tiggarantixxi privatezza adegwata u li tkun adattata għall-ħtiġijiet tat-tfal ([97]).
- L-istandards tal-għajxien huma adegwati għall-iżvilupp fiżiku, mentali, spiritwali, morali u soċjali tat-tfal ([98]).
- It-tfal detenuti għandhom aċċess għal rimedji effettivi u rappreżentanza legali mingħajr ħlas ([99]).

Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' hawn taħt japplikaw għal tfal mhux akkumpanjati.

- It-tfal mhux akkumpanjati għandhom jiġu akkomodati separatament mill-adulti ([100]).
- It-tfal għandhom jiġu akkomodati, sa fejn ikun possibbli, f'istituzzjonijiet b'persunal kwalifikat u faċilitajiet adatti għall-ħtiġijiet tal-grupp ta' età tagħhom u separatament skont is-sess ([101]).

([91]) EASO, *Gwida prattika dwar l-aħjar interessi tat-tfal fil-proċeduri ta' ażil*, Frar 2019.
([92]) Il-garanziji applikabbli għall-applikanti jew it-TCN(s) kollha detenuti japplikaw ukoll għat-tfal, inkluż il-fatt li d-detenzjoni trid tkun għall-iqsar perjodu ta' żmien possibbli u li dejjem trid tinħareġ ordni ta' detenzjoni bil-miktub, li tiddeskrivi r-raġunijiet fattwali u legali li fuqhom tkun ibbażata, kif ukoll it-tul tad-detenzjoni. Barra minn hekk, irid jinħatar rappreżentant legali jew tutur fil-każijiet kollha, irrispettivament minn jekk tiġix applikata detenzjoni jew AtD. Dan huwa essenzjali biex jiġi żgurat li t-tfal ikunu jistgħu jressqu applikazzjoni jew jikkontestaw ordni ta' detenzjoni b'mod effettiv. L-obbligu li jinħatar rappreżentant mhuwiex kundizzjonali fuq l-istatus ta' detenzjoni, iżda huwa salvagwardja obbligatorja biex jiġu rrispettati d-drittijiet legali tagħhom u jiġi żgurat trattament ġust matul il-proċess kollu.
([93]) L-Artikolu 13(2) tal-RCD (2024); l-Artikolu 17(1) u (4) tad-Direttiva dwar ir-ritorn.
([94]) F'konformità mal-Artikolu 16 tal-RCD (2024).
([95]) L-Artikolu 13(2) tal-RCD (2024); l-Artikolu 17(3) tad-Direttiva dwar ir-ritorn.
([96]) L-Artikolu 13(2) tal-RCD (2024).
([97]) L-Artikolu 13(4) tal-RCD (2024).
([98]) L-Artikolu 26(1) tal-RCD (2024).
([99]) L-Artikolu 29 tal-RCD (2024); l-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar ir-ritorn.
([100]) L-Artikolu 13(3) tal-RCD (2024) u l-Artikolu 17(4)-(5) tad-Direttiva dwar ir-ritorn.
([101]) L-Artikolu 13(3) tal-RCD (2024) u l-Artikolu 17(4) tad-Direttiva dwar ir-ritorn.

### *QEDB, Rahimi* vs *Il-Greċja* ([102])

F'dan il-każ, il-QEDB enfasizzat li, skont l-Artikolu 5(1)(f) tal-KEDB, trid tingħata kunsiderazzjoni partikolari lill-AtDs għal individwi jew gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli biex jiġi żgurat li kwalunkwe detenzjoni titwettaq in bona fede u tkun ħielsa mill-arbitrarjetà. **Il-Qorti sostniet espliċitament li l-AtDs iridu jiġu kkunsidrati għal tfal mhux akkumpanjati**. Dan jissottolinja l-obbligu tal-awtoritajiet li jipprijoritizzaw miżuri mhux ta' kustodja u li jwettqu valutazzjonijiet bir-reqqa u individwalizzati ta' kull każ, filwaqt li jiżguraw li jiġu applikati l-aktar miżuri xierqa u l-inqas restrittivi.

### QEDB, *Kanagaratnam u oħrajn* vs *Il-Belġju* ([103])

Il-Qorti sabet li bit-tqegħid tat-tfal f'faċilità magħluqa, l-awtoritajiet Belġjani esponewhom għal anzjetà u kkompromettew l-iżvilupp tagħhom, li jammonta għal trattament inuman u degradanti bi ksur tal-Artikolu 3. Hija ddeċidiet ukoll li, billi żammithom f'kundizzjonijiet maħsuba għall-immigranti illegali adulti, l-awtoritajiet naqsu milli jipproteġu d-dritt tat-tfal għal-libertà, bi ksur tal-Artikolu 5.1.

## Alternattivi għad-detenzjoni għal tfal mhux akkumpanjati u separati

L-Istati Membri jridu jikkunsidraw l-AtDs li jiddefendu l-aħjar interessi tat-tfal u jagħtu prijorità lill-benesseri tagħhom, inkluż billi jqiegħdu lit-tfal f'ambjenti sikuri.

L-għażliet ta' akkomodazzjoni jistgħu jinkludu, pereżempju, it-tqegħid f'ċentri ta' akkoljenza speċjalizzati, kura f'familja jew għażliet ibbażati fil-komunità fejn it-tfal jirċievu kura u protezzjoni xierqa (ara Linja Gwida 3). Fil-prattika, il-postijiet fejn jiġu akkomodati t-tfal taħt AtDs u t-tfal mhux soġġetti għal AtDs jistgħu jkunu l-istess: id-differenza ewlenija hija l-preżenza ta' **raġuni għad-detenzjoni** (ara Linja Gwida 1)

L-aktar importanti, meta jiġu implimentati AtDs, approċċ "kulħadd f'keffa waħda" huwa ineffettiv. Huwa kruċjali li tiġi adottata strateġija individwalizzata, li tivvaluta ċ-ċirkostanzi ta' kull tifel u tifla u li tiżgura li l-miżuri magħżula jindirizzaw b'mod effettiv il-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal, filwaqt li jipproteġu d-drittijiet tagħhom. Il-valutazzjonijiet individwali għandhom jinvolvu timijiet multidixxiplinari, inklużi psikologi tat-tfal, ħaddiema soċjali u esperti legali, sabiex jiżguraw approċċ olistiku.

Għandhom ikunu disponibbli diversi soluzzjonijiet u, ħafna drabi, jeħtieġ li jiġu kkombinati alternattivi differenti biex jiġu ssodisfati bl-aħjar mod il-ħtiġijiet kulturali u lingwistiċi ta' kull tifel u tifla. F'dan is-sens, il-ġestjoni effettiva tal-każijiet hija kruċjali biex jiġi żgurat il-benesseri tat-tfal, irrispettivament mill-alternattiva/i magħżula (ara Linja Gwida 8).

([102]) QEDB, sentenza tal-5 ta' April 2011, *Rahimi vs Il-Greċja*, Nru 8687/08, ECLI:CE:ECHR:2011:0405JUD000868708. Sommarju disponibbli fil-Bażi tad-*Data* tal-Ġurisprudenza tal-EUAA.

([103]) QEDB, Sentenza tal-Awla tat-13 ta' Diċembru 2011, *Kanagaratnam u oħrajn vs Il-Belġju*, Nru 15297/09, ECLI:CE:ECHR:2011:1213JUD001529709 (sentenza bil-Franċiż). Stqarrija għall-istampa hija disponibbli bl-Ingliż.

Għal tfal mhux akkumpanjati u separati, il-kura f'familja, inkluż it-tqegħid ma' familja estiża jew fi ħdan networks komunitarji, toffri ambjent simili għal familja u tgħin sabiex jiġu stabbiliti relazzjonijiet ta' fiduċja li jistgħu jnaqqsu l-probabbiltà li t-tfal jisparixxu mill-kura. Il-familji tar-rispett għandhom jirċievu l-appoġġ u t-taħriġ meħtieġa biex jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal, inkluża l-ġestjoni tal-effetti tal-esperjenzi ta' migrazzjoni tagħhom, kif ukoll biex jipprevjenu l-abbuż u l-isfruttament. F'xi każijiet, adolexxenti akbar fl-età jistgħu jkunu l-aktar adatti għal arranġamenti ta' għajxien indipendenti, bħal unitajiet domestiċi mmexxija minn tfal, fejn aħwa jew pari akbar fl-età jieħdu rwol superviżorju. Dawn l-arranġamenti għandu jkollhom **sistema ta' monitoraġġ imsaħħa** biex jiżguraw ambjent sikur u ta' appoġġ. It-tqegħid f'appartamenti fi grupp jista' jkun ukoll soluzzjoni biex jinħoloq ambjent ta' appoġġ u stimulanti.

**AtDs oħrajn li jistgħu jakkumpanjaw it-tqegħid jistgħu jkunu, pereżempju, rapportar lill-awtoritajiet jew konsenja ta' dokumenti, imfassla għaċ-ċirkostanzi individwali.**

**Suġġeriment prattiku: l-akkomodazzjoni ta' tfal separati u mhux akkumpanjati**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jirrieżaminaw il-flussi tax-xogħol u l-protokolli biex jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal jiġu vvalutati u prijoritizzati b'mod sistematiku f'kull stadju tal-proċess tal-AtD. Barra minn hekk, is-sistemi ta' akkoljenza għall-AtDs iridu jitfasslu biex iqisu l-età, il-ħtiġijiet u l-vulnerabbiltajiet speċifiċi tat-tfal, filwaqt li jiżguraw li dawn il-fatturi jiġu kkunsidrati u indirizzati b'mod konsistenti matul il-proċess kollu.

Dawn ta' hawn taħt huma prinċipji kruċjali li għandhom jiġu osservati meta tiġi organizzata akkomodazzjoni għal tfal separati u mhux akkumpanjati.

- **Jiġu minimizzati l-bidliet fir-residenza**. Jiġi żgurat li t-tfal jibqgħu f'ambjent stabbli u jibqgħu jattendu l-istess skola, sakemm ċaqliqa ma tkunx fl-aħjar interessi tagħhom, sabiex tinżamm il-kontinwità tal-kura.
- **Il-familji/l-aħwa jinżammu flimkien**. Kull meta jkun possibbli, l-aħwa għandhom jiġu akkomodati flimkien biex jappoġġaw l-unità tal-familja.
- **It-tfal jiġu sseparati minn adulti mhux relatati.** Sabiex tiġi żgurata s-sikurezza, it-tfal għandhom jinżammu separatament minn adulti mhux relatati, filwaqt li jiġi minimizzat ir-riskju ta' kuntatt jew influwenza mhux xierqa.
- **It-tfal jiġu protetti minn kuntatti esterni mhux xierqa.** Għandu jkun hemm fis-seħħ salvagwardji biex it-tfal jiġu protetti minn kwalunkwe interazzjoni mhux xierqa ma' nies minn barra l-ambjent tal-kura tagħhom.
- **Jiġu pprovduti kundizzjonijiet ta' għajxien adegwati.** It-tfal irid ikollhom aċċess għal kundizzjonijiet ta' għajxien xierqa, li jinkludu spazju suffiċjenti, libertà tal-moviment u opportunitajiet għal interazzjoni pożittiva ma' pari u individwi oħrajn.
- **Jiġu żgurati superviżjoni u valutazzjonijiet regolari**. Professjonisti kwalifikati għandhom jipprovdu evalwazzjonijiet kontinwi tal-arranġamenti tal-kura.
- **Involviment mat-tfal**. It-tfal għandhom jiġu infurmati, permezz ta' komunikazzjoni mfassla apposta għat-tfal, dwar l-arranġamenti tal-kura tagħhom, u l-opinjonijiet tagħhom għandhom jiġu kkunsidrati f'deċiżjonijiet li jaffettwawhom.
- **Jiġu offruti edukazzjoni u attivitajiet rikreattivi**. L-għoti ta' aċċess għall-edukazzjoni u għal attivitajiet rikreattivi huwa essenzjali għall-iżvilupp u l-benesseri tat-tfal. Dawn l-attivitajiet għandhom ikunu adattati għall-età u kulturalment sensittivi u jgħinuhom ikomplu jitgħallmu u jgawdu n-normalità minkejja ċ-ċirkostanzi.
- **Tiġi pprovduta l-kura tas-saħħa meħtieġa, inkluż appoġġ psikosoċjali**. Huwa vitali li jiġi żgurat li t-tfal ikollhom aċċess għal servizzi komprensivi tal-kura tas-saħħa, inklużi s-saħħa mentali u l-appoġġ psikosoċjali. Din il-kura tindirizza l-impatti fiżiċi u emozzjonali tal-esperjenzi tagħhom u tappoġġa l-benesseri ġenerali tagħhom.

Komponent kritiku tal-kura għal tfal mhux akkumpanjati u separati huwa t-traċċar u r-riunifikazzjoni tal-familja. Għandhom isiru sforzi **biex il-membri tal-familja jinstabu** minnufih u jiġi vvalutat il-potenzjal għal riunifikazzjoni sikura. Jekk ir-riunifikazzjoni ma tkunx fattibbli, hija rakkomandata kura bbażata fil-komunità li tirrispetta l-isfond kulturali tat-tfal u tappoġġa l-iżvilupp tagħhom.

**Gwida prattika dwar it-traċċar tal-familji** ([104])
Din il-gwida tipprovdi sett ta' materjali ta' gwida u referenza maħsuba biex jappoġġaw lill-pajjiżi tal-UE+ dwar it-traċċar tal-familji. Hija timmappja wkoll il-prattiki attwali ta' traċċar tal-familji madwar il-pajjiżi tal-UE+.

## Alternattivi għad-detenzjoni għal familji bit-tfal

L-Artikolu 13(2) tal-RCD (2024) jiddikjara li "alternattivi adegwati għad-detenzjoni għandhom, bħala regola, jintużaw għal familji b'minuri f'konformità mal-prinċipju tal-unità tal-familja. Tali familji għandhom jitqiegħdu f'akkomodazzjoni xierqa għalihom".

L-għażliet komuni ta' akkomodazzjoni għall-familji jinkludu faċilitajiet konġunti ta' akkomodazzjoni bħal appartamenti jew ċentri tal-familja ddedikati (ara Linja Gwida 3). Dawn l-ambjenti jippermettu lill-familji jibqgħu flimkien f'ambjent ta' appoġġ waqt li l-każijiet tagħhom ta' immigrazzjoni jew ażil ikunu qed jiġu pproċessati. Iċ-ċentri miftuħa jistgħu jkunu wkoll għażla, speċjalment meta jkun possibbli li jiġi pprovdut appoġġ individwalizzat imfassal apposta għall-ħtiġijiet uniċi ta' kull tifel u tifla. Dawn iċ-ċentri għandhom jiżguraw miżuri ta' sigurtà xierqa li jipproteġu lill-familji, filwaqt li jżommu ambjent mhux restrittiv, u jsibu bilanċ bejn is-sikurezza u l-libertà għall-individwi li jirrisjedu hemmhekk. L-għoti ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-każijiet f'dawn il-faċilitajiet huwa essenzjali biex jgħin lill-familji jinnavigaw il-proċessi legali u jaċċessaw is-servizzi meħtieġa, inklużi l-kura tas-saħħa, l-assistenza legali u riżorsi komunitarji oħrajn (ara Linja Gwida 8).

**AtDs oħrajn li jistgħu jakkumpanjaw it-tqegħid jistgħu jkunu, pereżempju, rapportar lill-awtoritajiet jew konsenja ta' dokumenti, imfassla għall-membri adulti tal-familja jew li jqisu l-familja kollha kemm hi**. AtDs oħrajn għall-familji jinkludu skemi ta' pleġġ biex tiġi żgurata l-konformità mal-proċedimenti tal-immigrazzjoni jew mar-rekwiżiti ta' rapportar, jew skemi li permezz tagħhom il-garanti jew l-isponsors jaqblu li jappoġġaw il-kura u s-superviżjoni ta' familja fil-komunità.

### Kunsiderazzjonijiet relatati mal-proċeduri fuq il-fruntieri

**Proċeduri fuq il-fruntieri u tfal mhux akkumpanjati**

It-tfal mhux akkumpanjati huma eżentati mill-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera, sakemm ma joħolqux periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku. Fil-każijiet eċċezzjonali fejn minorenni mhux akkumpanjat jiġi mgħoddi għall-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera u tiġi applikata AtD, l-Istat Membru huwa obbligat li jiżgura li l-appoġġ kollu meħtieġ ikun jista' jiġi pprovdut lilhom (eż. tqegħid f'faċilitajiet iddisinjati speċifikament, aċċess għall-edukazzjoni).

([104]) EASO, *Practical guide on family tracing (Gwida prattika dwar it-traċċar tal-familji)*, Marzu 2016.

# L-implimentazzjoni ta' alternattivi għad-detenzjoni

## Linja Gwida 8

*L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jiġu implimentati bl-aktar mod effettiv, b'salvagwardji u proċessi fis-seħħ biex tiżdied ir-rata ta' konformità*

Id-determinazzjoni **tal-aktar AtD(s) xierqa** li għandhom jiġu applikati f'każ konkret, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuna kkonċernata, mhijiex biżżejjed biex tiġi żgurata l-effettività tal-miżura. Matul l-implimentazzjoni tal-AtDs, jeħtieġ li jiġu stabbiliti salvagwardji u proċessi oħrajn biex jiżdiedu ċ-ċansijiet li l-individwi soġġetti għall-AtDs jikkonformaw mar-rekwiżiti imposti ([105]).

### Ħruġ ta' dokumentazzjoni



L-applikanti għal protezzjoni internazzjonali soġġetti għall-AtDs iridu jingħataw dokumentazzjoni li tiċċertifika l-istatus tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 6(1) tal-RCD (2024) u mal-Artikolu 29(1) tal-APR. Hija applikabbli dispożizzjoni simili għal dawk li huma soġġetti għal proċeduri ta' ritorn. Il-premessa 12 tad-Direttiva dwar ir-ritorn tispeċifika li t-TCNs li jkunu qed joqogħdu illegalment, iżda li għadhom ma jistgħux jitneħħew, għandhom jingħataw konferma bil-miktub tas-sitwazzjoni tagħhom, sabiex ikunu jistgħu juru s-sitwazzjoni speċifika tagħhom fil-każ ta' kontrolli jew verifiki amministrattivi. Il-ħruġ ta' dokumentazzjoni huwa tabilħaqq element ewlieni biex jiġu evitati l-ipproċessar mill-ġdid jew id-detenzjoni mill-ġdid tal-persuna kkonċernata.

### Aċċess għal kundizzjonijiet tal-għajxien dinjitużi u aċċess għas-servizzi



Kif stipulat fl-RCD (2024) ([106]), l-applikanti kollha għal protezzjoni internazzjonali jrid ikollhom aċċess għal akkomodazzjoni, meta jkun hemm bżonn, u għal servizzi ewlenin, bħall-kura tas-saħħa. Dan japplika wkoll għall-applikanti soġġetti għal AtDs. Fil-fatt, hemm aktar ċansijiet li l-individwi jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-AtDs jekk ikunu jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom. Pereżempju, dawk li għandhom akkomodazzjoni stabbli jinsabu f'pożizzjoni

([105]) Il-Kunsill tal-Ewropa, *Gwida Prattika dwar Alternattivi għad-Detenzjoni tal-Immigrazzjoni: Trawwim ta' Riżultati Effettivi – Gwida prattika*, 2019.
([106]) Il-premessi 7 u 9 tal-RCD (2024).

aħjar biex jibqgħu f'kuntatt mal-awtoritajiet minn individwi bla dar u foqra. Dawk li ma għandhomx aċċess għal kundizzjonijiet ta' akkoljenza dinjitużi jistgħu jinvolvu ruħhom b'mod inqas kostruttiv mal-proċeduri u huma aktar probabbli li jimxu 'l quddiem lejn Stat Membru ieħor ([107]).

Sakemm isir ir-ritorn, il-garanziji li ġejjin iridu jiġu żgurati speċifikament lit-TCNs li jkunu ngħataw perjodu għat-tluq volontarju: l-unità tal-familja, il-kura tas-saħħa u l-aċċess għas-sistema tal-edukazzjoni bażika għat-tfal ([108]).

## Aċċess għall-informazzjoni

L-aċċess għall-informazzjoni jippermetti lill-persuna kkonċernata tifhem ir-raġunijiet għaliex ġiet implimentata skema alternattiva, id-drittijiet u l-obbligi li teħtieġ tissodisfa u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità. F'dan is-sens, l-għoti ta' informazzjoni adegwata, f'waqtha u aġġornata jista' jtejjeb il-konformità mal-alternattiva/i applikata/i għad-detenzjoni, u jikkontribwixxi għall-effettività tagħha.

Abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-UE ([109]), l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta bil-miktub f'forma konċiża, trasparenti, intelliġibbli u faċilment aċċessibbli, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi u b'lingwa li l-persuna tifhem. Fejn meħtieġ, din trid tiġi pprovduta wkoll bil-fomm jew f'forma viżiva, bħal bl-użu ta' vidjos jew pittogrammi, u tiġi adattata għall-ħtiġijiet individwali, eż. lingwaġġ adattat għat-tfal. L-appoġġ ta' interpretu għandu jintuża meta jkun meħtieġ: huwa importanti li jiġi vverifikat il-fehim mill-persuna tal-informazzjoni pprovduta, anki billi tingħata l-possibbiltà li jintalbu kjarifiki.

L-informazzjoni tista' tiġi pprovduta wkoll minn partijiet terzi, inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali u/jew tas-soċjetà ċivili (OSĊ) b'għarfien espert rilevanti dwar is-suġġett.

## Aċċess għal konsulenza legali u assistenza legali

L-APR jistabbilixxi li l-applikanti għandu jkollhom id-dritt li jikkonsultaw konsulent legali dwar kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tagħhom fl-istadji kollha tal-proċedura amministrattiva ([110]).

Il-konsulenza legali hija differenti mill-assistenza legali u tinkludi gwida, assistenza u spjegazzjoni tal-proċedura kollha: drittijiet, obbligi, regoli dwar il-proċeduri differenti, informazzjoni dwar kif tiġi kkontestata deċiżjoni negattiva. Hija mingħajr ħlas u l-applikant għandu jiġi infurmat bil-possibbiltà li jitlobha sa

([107]) Il-Koalizzjoni Internazzjonali tad-Detenzjoni, *There are alternatives (Hemm alternattivi)*, 2015.
([108]) L-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar ir-ritorn.
([109]) L-Artikolu 5 tal-RCD (2024). Bl-istess mod, l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar ir-ritorn jistabbilixxi li l-informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet ta' ritorn għandha tiġi pprovduta bil-miktub, fejn jingħataw raġunijiet fil-fatt u fil-liġi u dwar ir-rimedji legali. L-elementi ewlenin tad-deċiżjoni għandhom jingħataw fi traduzzjoni bil-miktub jew bil-fomm f'lingwa li tinftiehem mit-TCN. Ara l-Artikoli 19 u 20 tal-AMMR għall-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fil-kuntest tal-proċeduri ta' determinazzjoni tar-responsabbiltà. Ara l-premessa 38 u l-Artikolu 11 tar-regolament dwar l-iskrinjar għall-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta matul il-proċedura ta' skrinjar.
([110]) L-Artikolu 15(1) tal-APR.

mhux aktar tard mill-mument tar-reġistrazzjoni. L-Istati Membri jridu jipprovdu konsulenza legali – anki f'sessjonijiet ta' grupp – lill-applikant(i) li jitolbuha ([111]).

Il-konsulenza legali mingħajr ħlas tgħin lill-persuna kkonċernata tifhem ir-raġunijiet għall-implimentazzjoni tal-iskema alternattiva, kif ukoll il-proċeduri applikabbli u l-mogħdijiet potenzjali biex jissolva l-każ tagħha. Bħala konsegwenza, dan iżid iċ-ċansijiet ta' konformità mar-rekwiżiti tat-AtD.

Matul il-proċedura ta' appell għall-eżitu tal-proċedura ta' ażil jew ta' ritorn, l-individwu kkonċernat, fuq talba, irid jingħata assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas ([112]). Dan jinkludi t-tħejjija ta' dokumenti, appell u parteċipazzjoni fis-seduta ta' smigħ quddiem il-korp tal-appell. Pariri legali – kemm jekk konsulenza, assistenza jew rappreżentanza – jistgħu jiġu pprovduti wkoll minn partijiet terzi, inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali u/jew OSĊ u fornituri ta' servizzi ta' għajnuna legali b'għarfien espert rilevanti dwar is-suġġett.

| Lejn implimentazzjoni effettiva ta' alternattivi għad-detenzjoni | |
|---|---|
| **Ġestjoni tal-kawżi** | Implimentazzjoni effettiva tal-AtDs tiddependi ħafna mill-ġestjoni tal-każijiet, approċċ olistiku u strutturat li jipprovdi appoġġ komprensiv lill-individwi u li għandu jiġi applikat matul il-proċess kollu.<br><br>Il-maniġers tal-każijiet jaħdmu biex jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuna fil-kuntest speċifiku. Huma jqisu ċ-ċirkostanzi uniċi tal-persuna, inklużi l-punti ta' saħħa, il-vulnerabbiltajiet u l-fatturi ta' riskju tagħha. |

([111]) Huma biss ftit kategoriji ta' applikanti li huma esklużi mill-konsulenza legali, jiġifieri dawk li: ikunu ppreżentaw l-ewwel applikazzjoni sussegwenti sempliċiment biex idewmu jew ifixklu r-ritorn; ikunu ppreżentaw it-tieni applikazzjoni jew applikazzjoni sussegwenti oħra; ikunu rrappreżentati minn rappreżentant legali.
([112]) L-Artikolu 17(1) tal-APR; l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva dwar ir-ritorn.

Billi jagħmlu dan, huma jibnu relazzjoni kollaborattiva mal-individwi u l-familji u jagħtuhom is-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet infurmati. Dan isaħħaħ il-benesseri tagħhom u jiżviluppa l-ħiliet tagħhom fis-soluzzjoni tal-problemi.

Billi jsolvu kwistjonijiet pendenti u jipprovdu informazzjoni dwar ir-riżorsi tal-komunità, il-maniġers tal-każijiet jippermettu lill-individwi jinnavigaw il-komunitajiet tagħhom b'kunfidenza. Dan jinkludi l-iżgurar ta' aċċess għas-servizzi, mekkaniżmi ta' riferiment biex jirrispondu għal ħtiġijiet speċjali, informazzjoni affidabbli, u pariri legali dwar l-għażliet kollha disponibbli għall-persuna (inkluża konsulenza dwar ir-ritorn), programmi ta' Ritorn Volontarju u Riintegrazzjoni Assistiti, kif ukoll għażliet ta' appell kontra deċiżjonijiet negattivi u informazzjoni dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità.

Il-promozzjoni ta' rati għoljin ta' konformità permezz ta' strateġija ffokata fuq il-protezzjoni tfisser li jiġu rrispettati d-drittijiet u li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi tal-persuna, li jiġi appoġġat l-aċċess għad-dokumentazzjoni u l-istatus formali u li tiġi pprovduta riżoluzzjoni ġusta u f'waqtha tal-każijiet.



| | |
|---|---|
| **Ġestjoni tal-kawżi** | **Ġestjoni ta' Każijiet Individwali (ICAM, Individual Case Management): L-esperjenza tal-Belġju fil-ġestjoni tal-każijiet**<br><br>Il-programm, stabbilit fi ħdan id-Dipartiment tal-Alternattivi għad-Detenzjoni, għandu l-għan li jipprovdi taħriġ lil persuni ripatrijati potenzjali li mhumiex f'detenzjoni. Dan jinkludi familji b'minorenni, migranti b'soġġorn irregolari b'indirizz magħruf, TCNs mingħajr indirizz magħruf li jiġu interċettati mill-pulizija u minorenni li joqogħdu fl-indirizz ta' qarib. It-taħriġ jiġi offrut f'ambjenti residenzjali, kif ukoll f'ċentri reġjonali separati fejn l-individwi jiġu mistiedna minn kowċ ([113]). |
| **Persunal tat-taħriġ** | Implimentazzjoni effettiva tal-AtDs teħtieġ persunal imħarreġ sew li jkollu għarfien dwar l-istandards tad-drittijiet fundamentali, il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn, il-liġijiet dwar l-immigrazzjoni u l-aħjar prattiki fil-ġestjoni ta' miżuri mhux ta' kustodja.<br><br>It-taħriġ tal-persunal mhuwiex biss obbligu taħt is-SEKA, iżda jirrappreżenta wkoll garanzija għall-kwalità u l-konformità tax-xogħol imwettaq fil-qafas tal-protezzjoni internazzjonali. Kunċett simili, applikabbli għall-qasam tar-ritorn, jirriżulta mill-istrateġija Ewropea għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri, li minnha r-ritorn huwa komponent essenzjali ([114]).<br><br>L-uffiċjali rilevanti, inklużi l-pulizija, l-uffiċjali tal-fruntieri, l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u l-imħallfin, għandhom jirċievu taħriġ komprensiv biex jiżguraw il-kapaċità tagħhom li jieħdu deċiżjonijiet infurmati u li jimmaniġġjaw il-każijiet b'kunsiderazzjoni xierqa għall-benesseri tal-individwu kkonċernat. |

([113]) Frontex, *Good Practices on Alternatives to Detention*, 2024.
([114]) Ara r-Regolament (UE) 2019/1896 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-Artikolu 3(1)(i) u (2), l-Artikolu 9(1) u (4), l-Artikolu 10(1)(l) u (w), u l-Artikolu 62(1), (2), (4) u (5).

Il-pilotaġġ tal-proġetti jista' jkun mod kosteffettiv biex jinftiehem jekk l-AtDs magħżula humiex effettivi (pereżempju, b'rabta ma' grupp fil-mira partikolari). Dan jista' joffri bosta vantaġġi, kif spjegat hawn taħt.

**Mitigazzjoni tar-riskju**

Il-pilotaġġ jippermetti l-identifikazzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji potenzjali qabel ma tiġi implimentata miżura fuq skala sħiħa. Dan jista' jipprevjeni żbalji li jiswew ħafna flus.

**Valutazzjoni tal-fattibbiltà**

Il-pilotaġġ ta' verżjoni fuq skala żgħira ta' proġett jista' jgħin biex jinftiehem jekk huwiex vijabbli f'kundizzjonijiet speċifiċi u konkreti u jista' jiġi adattat għall-kuntesti lokali.

**Ottimizzazzjoni tar-riżorsi**

Il-pilotaġġ jista' jgħin biex jiġi ddeterminat l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi, filwaqt li jiżgura li l-ħin, il-flus u l-isforzi jiġu investiti b'mod għaqli.

**Involviment tal-partijiet ikkonċernati**

L-involviment tal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-membri tal-komunità, l-aġenziji tal-gvern u l-OSĊ, huwa aktar faċli f'fażi pilota. Il-feedback tagħhom jista' jkun imprezzabbli biex jirfina l-proġett sabiex jiġu ssodisfati aħjar il-ħtiġijiet u l-aspettattivi tal-partijiet kollha involuti.

**Ġbir u analiżi tad-*data***

Il-pilotaġġ jipprovdi opportunità biex tinġabar data dettaljata u jiġu analizzati l-eżiti. Dan l-approċċ ibbażat fuq l-evidenza jista' jinforma t-teħid tad-deċiżjonijiet u juri l-effettività tal-proġett lil dawk li jfasslu l-politika u lill-finanzjaturi.

**Ittestjar tal-iskalabbiltà**

Il-pilotaġġ jista' jiżvela jekk inizjattiva hijiex skalabbli. Dan jgħin biex jinftiehmu l-isfidi li jistgħu jinqalgħu meta l-proġett jiġi estiż għal popolazzjoni akbar jew postijiet ġeografiċi differenti.

**Influwenza tal-politika**

Proġetti pilota ta' suċċess jistgħu jservu bħala studji ta' każijiet biex jinfluwenzaw il-bidla fil-politika. Pereżempju, il-wiri tal-effettività tal-AtDs jista' jinkoraġġixxi adozzjoni u riforma usa'.

**L-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' lmenti u rispons**

Individwi soġġetti għal alternattivi għandu jkollhom aċċess f'waqtu, b'mod sikur u kunfidenzjali, għal mekkaniżmu effettiv ta' lmenti u rispons.

| | |
|---|---|
| **L-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-alternattivi għad-detenzjoni** | Implimentazzjoni effettiva tal-AtDs tirrikjedi li l-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ mekkaniżmu biex jivvalutaw, fuq bażi regolari, l-effiċjenza u l-effettività ġenerali tas-sistema u r-riskji potenzjali tagħha. Tabilħaqq, l-evalwazzjoni tal-AtDs tista' sservi skopijiet differenti, inkluż li tivverifika l-funzjonament korrett tal-AtDs applikati; tidentifika l-punti ta' saħħa u d-dgħufijiet, tieħu azzjonijiet korrettivi, fejn meħtieġ, bil-għan finali li ttejjeb is-sistema; tappoġġa u tinfluwenza l-bidliet legali u ta' politika. |

Sabiex tiġi evalwata l-effettività tal-AtDs, l-elementi ta' hawn taħt għandhom jiġu vvalutati regolarment.

**Rata ta' konformità**

Il-kalkolu tal-perċentwal ta' individwi li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' AtD, kif ukoll l-inċidenza ta' individwi li jikkommettu reati serji waqt li jkunu soġġetti għal AtDs.

**Rata ta' ħarba**

Ir-rata ta' ħarba tista' tinqasam skont it-tip ta' AtD, b'data diżaggregata dwar il-grupp ta' età, il-ġeneru, il-vulnerabbiltajiet, in-nazzjonalità, il-pajjiż ta' destinazzjoni intenzjonat, eċċ. Tali informazzjoni tipprovdi għarfien vitali għall-valutazzjoni tal-effettività tal-AtDs.

**Servizzi ta' appoġġ**

Il-valutazzjoni tal-aċċessibbiltà, id-disponibbiltà, il-kwalità u l-użu tas-servizzi ta' appoġġ ipprovduti lill-individwi, bħal għajnuna legali, akkomodazzjoni u servizzi tas-saħħa.

**Il-kosteffettività**

It-tqabbil tal-kostijiet tal-AtDs ma' dawk tad-detenzjoni, inklużi l-kostijiet finanzjarji u soċjali fit-tul biex jiġi ddeterminat jekk l-alternattivi fis-seħħ joffrux soluzzjoni sostenibbli u ekonomika. Dan jimplika li wieħed iħares lejn ir-riżorsi u l-kostijiet (il-kost għal kull persuna fl-AtDs vis-à-vis il-kost għal kull persuna f'detenzjoni, inklużi r-riżorsi amministrattivi, operazzjonali u umani, it-tul tal-AtDs vis-à-vis it-tul tad-detenzjoni).

**L-impatt fuq id-drittijiet fundamentali**

Valutazzjoni ta' jekk l-AtDs:

- jirrispettawx id-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali;
- jipprovdux appoġġ u riżorsi adegwati;
- jevitawx id-diskriminazzjoni u l-emarġinazzjoni.

### L-impatt fuq il-komunità

Evalwazzjoni tal-impatt tal-AtDs sabiex jiġi vvalutat kemm dawn jintlaqgħu tajjeb mill-komunità ospitanti. Din tinkludi l-valutazzjoni ta' jekk l-AtDs:

- irawmux sens ta' fiduċja u kooperazzjoni bejn il-komunità u l-individwi;
- jippromwovux il-koeżjoni soċjali u jnaqqsux it-tensjonijiet;
- jindirizzawx it-tħassib u l-kunċetti żbaljati dwar il-migrazzjoni

### Il-ġbir u l-analiżi tad-*data*

Id-data kwantitattiva (eż. ir-rati ta' konformità, l-iffrankar tal-kostijiet meta mqabbla mad-detenzjoni) u d-data kwalitattiva (eż. l-eżiti tal-każijiet) dwar l-indikaturi ta' hawn fuq għandha tinġabar b'mod sistematiku.

Id-data tista' tinġabar u tiġi vvalutata permezz ta' sorsi u mezzi differenti, eż. feedback minn individwi soġġetti għall-AtDs, maniġers tal-każijiet u partijiet ikkonċernati oħrajn (inklużi OSĊ involuti fl-implimentazzjoni tal-AtDs), intervisti, stħarriġ u gruppi fokali.

L-analiżi ta' din id-data tista' ttejjeb il-fehim tal-punti ta' saħħa u d-dgħufijiet tas-sistema, bil-għan li tittejjeb l-effiċjenza ġenerali tagħha u, jekk ikun meħtieġ, li jiġu proposti bidliet fl-oqfsa legali u ta' politika li jirregolaw l-AtDs.

### Eżempju ta' proġett pilota dwar alternattivi għad-detenzjoni

- **EPIM**, *Alternatives to detention: building a culture of cooperation. Evaluation of two-year engagement-based alternative to immigration detention pilot projects in Bulgaria, Cyprus and Poland (Alternattivi għad-detenzjoni: il-bini ta' kultura ta' kooperazzjoni. Evalwazzjoni tal-alternattiva ta' sentejn ibbażata fuq l-involviment għal proġetti pilota ta' detenzjoni minħabba l-immigrazzjoni fil-Bulgarija, f'Ċipru u fil-Polonja)*, Lulju 2020. Skont l-evalwazzjoni, it-tliet proġetti pilota pprovdew ġestjoni tal-każijiet lil 126 individwu bi status ta' immigrazzjoni irregolari. 86 % baqgħu involuti, 12 % ma baqgħux involuti jew ħarbu u 2 % tneħħew bil-forza. 25 % kisbu riżoluzzjoni tal-każ, b'eżitu ta' migrazzjoni permanenti jew temporanja ([115]).

([115]) Skont il-Frontex, ir-rappreżentattività tal-kampjun użat fil-proġetti pilota ta' sentejn hija pjuttost baxxa, mhux biss minħabba li huwa magħmul minn 126 TCN biss, iżda wkoll minħabba li 82 % tal-parteċipanti kienu jappartjenu għal gruppi vulnerabbli. Barra minn hekk, skont l-analiżi tal-Frontex, wara sentejn, 25.4 % biss tal-migranti laħqu xi tip ta' riżoluzzjoni tal-każ, b'eżitu ta' migrazzjoni permanenti jew temporanja. Minn dawn il-25.4 % tal-eżiti tar-riżoluzzjoni tal-każijiet, 16.6 % jikkorrispondu għal TCNs mogħtija ażil, protezzjoni internazzjonali jew tipi oħrajn ta' status ta' residenza temporanja jew permanenti. 8.7 % biss irritornaw lejn il-pajjiżi ta' oriġini rispettivi b'mod volontarju. Miżjud mat-2.4 % ta' dawk li tneħħew bil-forza, dan in-numru jwassal għal total ta' 11.1 % tal-migranti effettivament irritornati. Għalhekk, wara sentejn, kien possibbli biss li jiġu rritornati 11.1 % tal-migranti, 12 % ħarbu jew tneħħew mill-proġetti pilota, 16.6 % ingħataw protezzjoni internazzjonali jew karti ta' residenza oħra u 60.3 % ma waslu għall-ebda riżoluzzjoni tal-każ. Ara l-Frontex, *Good Practices on Alternatives to Detention*, 2024.

### Kunsiderazzjonijiet relatati mal-proċeduri fuq il-fruntieri

Fil-prinċipju, it-tipi kollha ta' AtD(s) jistgħu jintużaw fil-kuntest tal-proċeduri fuq il-fruntieri. Madankollu, għandu jiġi nnotat li, fil-prattika, ċerti AtDs jistgħu jkunu aktar diffiċli biex jiġu implimentati minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-proċeduri fuq il-fruntieri, bħall-finzjoni legali tan-nuqqas ta' dħul u l-fatt li l-proċeduri fuq il-fruntieri spiss iseħħu f'żoni li huma diffiċli biex jiġu aċċessati. Dan jista' jikkomplika l-koordinazzjoni mal-organizzazzjonijiet li jappoġġaw il-ġestjoni tal-każijiet minħabba li dawn jistgħu ma joperawx f'postijiet fuq il-fruntiera ([116]).

Sabiex jindirizzaw l-isfidi potenzjali, l-awtoritajiet jista' jkollhom bżonn jikkombinaw AtDs differenti matul il-proċeduri fuq il-fruntieri. Pereżempju, ir-residenza f'postijiet deżinjati qrib il-fruntiera tista' tiġi kkombinata ma' miżuri oħrajn bħal rapportar regolari. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw sistemi integrati ta' ġestjoni tal-każijiet li jippermettu li jsiru konsultazzjonijiet regolari dwar passi proċedurali, anki f'ambjenti diffiċli bħal ajruporti jew żoni remoti. F'dawn il-każijiet, it-trasferiment tal-applikanti lejn postijiet speċifiċi mfassla għall-proċeduri fuq il-fruntieri ma jitqiesx bħala dħul fit-territorju ([117]).

L-elementi ewlenin ta' AtDs ta' suċċess, bħal kollokament ibbażat fil-komunità, aċċess għas-servizzi, il-kapaċità li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet, il-bini ta' relazzjoni ta' fiduċja u ġestjoni effettiva tal-każijiet, jistgħu jkunu aktar diffiċli biex jinkisbu fid-dawl tal-isfidi msemmija hawn fuq. Madankollu, huwa kruċjali li dawn l-isfidi jiġu indirizzati. Il-finzjoni legali ta' nuqqas ta' dħul, li hija applikata fil-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera, tista' taffettwa b'mod sinifikanti lill-AtDs billi tirrestrinġi l-aċċess għat-territorju u għas-servizzi. Madankollu, jibqa' essenzjali li jiġi żgurat li l-individwi, b'mod partikolari dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, ikollhom aċċess għas-servizzi ta' appoġġ meħtieġa.

Il-proċessi kollha deskritti fi Linja Gwida 8 (il-ħruġ ta' dokumentazzjoni, l-aċċess għal kundizzjonijiet tal-għajxien dinjitużi, l-aċċess għall-informazzjoni, l-aċċess għal konsulenza u assistenza legali) jeħtieġ li jitwettqu b'mod sistematiku u effiċjenti, anki fid-dawl tal-iskeda ta' żmien stretta li fiha jeħtieġ li titlesta l-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera. Il-kollaborazzjoni mal-OSĊ u l-organizzazzjonijiet internazzjonali hija kritika. Dawn l-atturi jista' jkollhom rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-AtDs, billi joffru soluzzjonijiet imfassla apposta u jipprovdu servizzi speċjalizzati lil gruppi speċifiċi, inklużi individwi vulnerabbli.

([116]) L-Artikolu 54(1) tal-APR jispeċifika li l-applikanti soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera jridu jkunu residenti fil-fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu jew qrib tagħhom, jew f'postijiet oħrajn deżinjati mill-Istat Membru.
([117]) Il-premessa 65 u l-Artikolu 54(5) tal-APR.

# Ir-rieżami tal-alternattivi għad-detenzjoni

## Linja Gwida 9

*L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jkunu soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju li jqis kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi individwali*

### Rieżami tad-detenzjoni u ta' alternattivi għad-detenzjoni

Billi d-detenzjoni jew l-AtDs jista' jkollhom riperkussjonijiet sinifikanti fuq id-dritt għal-libertà tal-individwi, huwa kruċjali li **jiġu żgurati mekkaniżmi ta' stħarriġ ġudizzjarju**, f'konformità mad-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv ([118]).

Kemm l-**RCD (2024) kif ukoll id-Direttiva dwar ir-ritorn** fihom dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istħarriġ ġudizzjarju tad-detenzjoni, iżda **ma jindirizzawx is-suġġett tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-AtDs**. Madankollu, l-istħarriġ ġudizzjarju tad-detenzjoni jista' jimplika l-eżami (mill-ġdid) tal-applikabbiltà ta' miżuri inqas koerċittivi, b'mod partikolari AtDs.

Il-mekkaniżmi ta' rieżami huma primarjament immirati biex jivvalutaw jekk id-detenzjoni jew l-AtDs humiex meħtieġa u proporzjonati u biex jevalwaw kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi individwali, bħal vulnerabbiltajiet li tfaċċaw (eż. deterjorament tas-saħħa fiżika u mentali tal-individwu) u/jew fatturi ta' riskju ġodda (eż. konformità mal-obbligi meħtieġa).

**Rieżami inizjali tad-detenzjoni**

Ir-rieżami inizjali minn korp ġudizzjarju jitwettaq meta d-detenzjoni tiġi ordnata minn awtorità amministrattiva għall-ewwel darba matul il-proċedura ta' ażil jew ta' ritorn ([119]). Dan ir-rieżami għandu l-għan li jivvalida r-raġunijiet għad-detenzjoni, kif ukoll li jivvaluta mill-ġdid ir-rekwiżiti tan-neċessità u l-proporzjonalità (ara Linja Gwida 1 u Linja Gwida 5). Il-korp ġudizzjarju inkarigat mir-rieżami inizjali jrid jevalwa mill-ġdid l-applikazzjoni tal-AtDs, filwaqt li jqis ukoll ċirkostanzi ġodda li setgħu nqalgħu mid-deċiżjoni ta' detenzjoni.

([118]) L-Artikolu 47 tal-Karta.
([119]) F'konformità mal-Artikolu 11(3) tal-RCD (2024), "fejn id-detenzjoni tiġi ordnata minn awtoritajiet amministrattivi, l-Istati Membri għandhom jipprevedu stħarriġ ġudizzjarju rapidu tal-legalità tad-detenzjoni li għandu jitwettaq *ex officio* jew fuq talba tal-applikant, jew it-tnejn li huma". Ara wkoll l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva dwar ir-ritorn: "[m]eta d-detenzjoni tkun ġiet ordnata minn awtoritajiet amministrattivi, l-Istati Membri għandhom: (a) jew jipprevedu stħarriġ ġudizzjarju rapidu tal-legalità tad-detenzjoni li għandu jiġi deċiż malajr kemm jista' jkun mill-bidu tad-detenzjoni; (b) jew jagħtu liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat id-dritt li jieħu proċedimenti li permezz tagħhom il-legalità tad-detenzjoni għandha tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju rapidu li għandu jiġi deċiż malajr kemm jista' jkun wara t-tnedija tal-proċedimenti rilevanti. F'każ bħal dan, l-Istati Membri għandhom jinformaw minnufih liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat dwar il-possibbiltà li jieħu proċedimenti bħal dawn".

Jekk ir-rieżami ma jiġix konkluż sal-iskadenzi, il-persuna trid tinħeles (ara Linja Gwida 10) ([120]).

Ir-rieżami inizjali jista' jitwettaq *ex officio*, fuq talba tal-persuna, jew it-tnejn li huma.

- **Rieżami *ex officio***

  Ir-rieżami ex officio matul il-proċedura tal-ażil irid jitwettaq malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn 15-il jum (f'każijiet eċċezzjonali 21 jum) mill-bidu tad-detenzjoni ([121]).

  Fil-proċedura ta' ritorn, l-awtoritajiet iridu jivvalutaw jekk il-persuna għandhiex tiġi detenuta malajr kemm jista' jkun, mill-bidu tad-detenzjoni ([122]).

- **Rieżami fuq talba tal-individwu**

  L-applikant jista' jikkontesta d-deċiżjoni ta' detenzjoni inizjali fi kwalunkwe ħin u jitlob rieżami tagħha, bis-saħħa tad-dritt għal rimedju effettiv. L-iskadenza biex jiġi konkluż dan ir-rieżami hija ta' 15-il jum (21 jum f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali) mit-talba matul il-proċedura tal-ażil, u malajr kemm jista' jkun matul il-proċedura ta' ritorn. F'każ bħal dan, l-AtDs jistgħu jiġu eżaminati matul is-seduta tal-qorti.

  Il-possibbiltà effettiva li tiġi kkontestata deċiżjoni dwar id-detenzjoni tiddependi mid-disponibbiltà tal-informazzjoni, l-aċċess għal rappreżentanza legali mingħajr ħlas u, fil-każ tat-tfal, mill-ħatra ta' tutur jew rappreżentant (ara wkoll Linja Gwida 4).

## Rieżami perjodiku

Id-deċiżjoni ta' detenzjoni hija soġġetta għal rieżamijiet perjodiċi li għandhom jitwettqu f'intervalli regolari ta' żmien, ibbażati fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali, b'mod partikolari kull meta d-detenzjoni tkun għal perjodu ta' żmien imtawwal, jinħolqu ċirkostanzi rilevanti jew issir disponibbli informazzjoni ġdida li tista' taffettwa l-legalità tad-detenzjoni ([123]).

Ir-rieżami perjodiku tad-detenzjoni jista' jattiva wkoll l-eżami tal-AtDs. L-iskop ewlieni tiegħu huwa li jivverifika jekk ir-raġunijiet inizjali għad-detenzjoni għadhomx validi u jivvaluta jekk ir-rekwiżiti tan-neċessità, tar-raġonevolezza u tal-proporzjonalità tad-detenzjoni għadhomx fis-seħħ. Matul tali rieżami, l-awtoritajiet kompetenti jridu jevalwaw mill-ġdid l-applikazzjoni tal-AtDs, filwaqt li jqisu wkoll ċirkostanzi ġodda li setgħu nħolqu.

([120]) Id-Direttiva dwar ir-ritorn ma tipprevedix skadenza speċifika għar-rieżami inizjali tad-detenzjoni. Hija ssemmi biss l-obbligu tal-Istati Membri li jipprevedu stħarriġ ġudizzjarju rapidu. Fir-rigward ta' dik il-kwistjoni, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2338, il-paragrafu 14.2., p. 142, jiddikjara, b'rabta mat-tul massimu ta' "stħarriġ ġudizzjarju rapidu" li t-test tad-Direttiva dwar ir-ritorn huwa ispirat mill-kliem tal-Artikolu 5(4) tal-KEDB, li jirrikjedi "stħarriġ ġudizzjarju rapidu minn Qorti". Il-ġurisprudenza rilevanti tal-QEDB tiċċara li tul massimu aċċettabbli (jiġifieri żmien raġonevoli) ma jistax jiġi definit b'mod astratt. Dan irid jiġi ddeterminat fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' kull każ, filwaqt li titqies il-kumplessità tal-proċedimenti, kif ukoll l-imġiba tal-awtoritajiet u tal-applikant. It-teħid ta' deċiżjoni fi żmien inqas minn ġimgħa ċertament jista' jitqies bħala prattika tajba li hija konformi mar-rekwiżit legali ta' rapidità.

([121]) L-Artikolu 11(3) tal-RCD (2024).

([122]) L-Artikolu 15(2) tad-Direttiva dwar ir-ritorn.

([123]) L-Artikolu 11(5) tal-RCD (2024). Ara wkoll l-Artikolu 15(3) tad-Direttiva dwar ir-ritorn: "[f]'kull każ, id-detenzjoni għandha tiġi rieżaminata f'intervalli ta' żmien raġonevoli fuq applikazzjoni miċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jew ex officio. Fil-każ ta' perjodi ta' detenzjoni mtawla, ir-rieżamijiet għandhom ikunu soġġetti għas-superviżjoni ta' awtorità ġudizzjarja."

B'mod simili għar-rieżami inizjali tad-detenzjoni, ir-rieżami perjodiku jista' jitwettaq *ex officio*, fuq talba tal-persuna, jew it-tnejn li huma. B'kuntrast ma' dan, ir-rieżami perjodiku ta' deċiżjoni li jiġu detenuti tfal mhux akkumpanjati jrid jiġi attivat *ex officio* ([124]) (ara wkoll Linja Gwida 7).

**Proċeduri ta' rieżami speċifiċi dwar alternattivi għad-detenzjoni**

Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-mezzi legali biex jiġu kkontestati l-AtDs jistgħu jkunu l-istess bħal dawk użati biex tiġi kkontestata d-detenzjoni. Madankollu, l-AtDs jistgħu wkoll jiġu eżaminati mill-ġdid matul proċeduri ta' rieżami speċifiċi li fihom l-individwu kkonċernat jikkontesta l-applikazzjoni tal-AtDs biss, jekk il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tipprevedi dan.

## L-eżiti possibbli tal-istħarriġ ġudizzjarju

Il-proċess ta' stħarriġ ġudizzjarju jista' jwassal għal eżiti differenti, kif spjegat hawn taħt.

**Il-konferma tal-alternattivi għad-detenzjoni**

Deċiżjoni ta' AtD għandha tiġi kkonfermata meta r-raġunijiet għad-detenzjoni jkunu għadhom applikabbli u: (i) ma tkun inħolqot l-ebda ċirkostanza rilevanti ġdida fil-każ, jew (ii) ma tkun tista' tiġi applikata l-ebda AtD effettiva oħra.

**Il-ħelsien tal-persuna kkonċernata**

L-Artikolu 11(5) tal-RCD (2024) u l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva dwar ir-ritorn jistabbilixxu li fejn, bħala riżultat tal-istħarriġ ġudizzjarju, id-detenzjoni titqies li hija illegali, il-persuna kkonċernata trid tinħeles immedjatament (ara Linja Gwida 10).

Barra minn hekk, il-proċeduri amministrattivi li jkunu għaddejjin rilevanti għar-raġunijiet għad-detenzjoni jridu jiġu eżegwiti bid-diliġenza dovuta. Id-dewmien fil-proċeduri amministrattivi li ma jistax jiġi attribwit lill-individwu kkonċernat ma għandux jiġġustifika kontinwazzjoni tad-detenzjoni ([125]).

Fil-proċedura ta' ritorn, l-individwu kkonċernat irid jinħeles immedjatament meta jidher li ma għadux jeżisti prospett raġonevoli ta' tneħħija ([126]).

**It-tranżizzjoni minn alternattivi għad-detenzjoni għad-detenzjoni**

Jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tippermetti dan, l-awtorità ġudizzjarja inkarigata mir-rieżami tista' tiddeċiedi li tirtira l-AtDs u tapplika d-detenzjoni. F'dan il-każ, iridu japplikaw il-prerogattivi u l-garanziji kollha li huma validi għal kwalunkwe deċiżjoni inizjali għad-detenzjoni. Dawn jinkludu l-aderenza mal-istandards tad-drittijiet fundamentali u l-liġijiet

([124]) L-Artikolu 11(5) tal-RCD (2024).
([125]) L-Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu, RCD (2024). Fil-proċedura ta' ritorn, jista' jkun li d-dewmien fil-proċeduri amministrattivi jkun ir-responsabbiltà tal-pajjiż tal-oriġini, jiġifieri dewmien biex tinkiseb id-dokumentazzjoni meħtieġa minn pajjiżi terzi. F'każijiet bħal dawn, għalkemm it-TCN ma jistax jinżamm responsabbli għad-dewmien, huwa legali li tinżamm id-detenzjoni, abbażi tal-Artikolu 15(6)(b) tad-Direttiva dwar ir-ritorn.
([126]) L-Artikolu 15(4) tad-Direttiva dwar ir-ritorn.

nazzjonali, ir-rieżami regolari tad-deċiżjoni, kif ukoll il-prinċipji li d-detenzjoni hija miżura tal-aħħar rimedju, trid titqies bħala meħtieġa, proporzjonali u tkun tal-iqsar tul ta' żmien possibbli. It-tranżizzjoni minn AtD għal detenzjoni tista' sseħħ f'każijiet differenti, kif spjegat fid-dettall mill-eżempji ta' hawn taħt.

- **Nuqqas ta' ssodisfar tal-obbligi tal-ażil jew tar-ritorn**

  Jekk individwu jonqos milli jikkoopera mal-proċess tal-ażil jew tar-ritorn, eż. billi ma jattendix intervisti, ma jipprovdix id-dokumentazzjoni meħtieġa, jostakola l-proċess ta' ritorn mingħajr raġuni ġustifikata jew ixekkel it-tħejjija tar-ritorn jew il-proċess ta' tneħħija, l-awtoritajiet jistgħu jiddeterminaw li d-detenzjoni hija meħtieġa ([127]).

- **Nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet**

  Jekk individwu jonqos milli jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti taħt l-AtD applikata, din tal-aħħar tista' titqies bħala ineffettiva. Nuqqas ta' konformità persistenti jista' jwassal lill-awtoritajiet biex iqisu d-detenzjoni bħala miżura meħtieġa biex tiġi żgurata l-aderenza mal-proċessi tal-immigrazzjoni.

- **Riskju akbar ta' ħarba**

  Jekk ikun hemm evidenza ta' riskju ogħla ta' ħarba, l-awtoritajiet jistgħu jikkunsidraw mill-ġdid l-adegwatezza tad-detenzjoni. Pereżempju, ir-rifjut tat-talba għall-ażil tal-individwu jista' jwassal għal stress akbar jew biża' ta' deportazzjoni, sabiex b'hekk tiżdied il-probabbiltà ta' ħarba.

- **Theddida akbar għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà nazzjonali**

  Jekk ikun hemm evidenza ta' theddida akbar għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku, l-awtoritajiet jistgħu jerġgħu jikkunsidraw li jirrikorru għal detenzjoni. Dan jista' jinkludi sitwazzjonijiet fejn ikun hemm evidenza kredibbli ta' involviment f'attivitajiet kriminali jew assoċjazzjonijiet ma' gruppi li jheddu s-sikurezza pubblika, għalkemm f'dawn is-sitwazzjonijiet l-Istati Membri jridu jagħtu prijorità lill-prosekuzzjoni kriminali u d-detenzjoni skont il-liġi kriminali ([128]).

### Tranżizzjoni mid-detenzjoni għal alternattivi għad-detenzjoni

Bil-maqlub, ir-rieżami jista' jikkonverti deċiżjoni preċedenti ta' detenzjoni f'AtD, abbażi ta' bidliet fiċ-ċirkostanzi individwali u l-kunsiderazzjoni li l-AtD hija tabilħaqq xierqa.

Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, meta jkun hemm bidliet fil-ħajja tal-familja (bħat-twelid ta' tifel/tifla) jew meta jitfaċċaw vulnerabbiltajiet jew kundizzjonijiet mediċi oħrajn li ma jkunux kompatibbli mad-detenzjoni u li ma jkunux jistgħu jiġu ttrattati b'mod adegwat f'ambjenti ta' detenzjoni matul id-detenzjoni ([129]).

([127]) L-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar ir-ritorn; l-Artikolu 5(3) tar-Regolament dwar il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera.
([128]) Il-premessa 30 tal-RCD (2024).
([129]) L-Artikolu 13(1) tal-RCD (2024).

Id-deċiżjoni li ssir tranżizzjoni mid-detenzjoni għal AtDs tista' tirriżulta wkoll minn indikazzjonijiet emerġenti li l-individwu kkonċernat jista' jkollu ħtiġijiet speċjali ta' akkoljenza ([130]) kif ukoll mill-eżitu tal-valutazzjoni korrispondenti ([131]).

Barra minn hekk, jekk il-persuna detenuta tikseb mezzi finanzjarji wara d-deċiżjoni li tinżamm f'detenzjoni, l-awtoritajiet jistgħu jqisu din bħala ċirkostanza ġdida li tista' twassal għad-deċiżjoni li l-persuna tinħeles fuq pleġġ (ara Linja Gwida 3, fn. 41).

**Modifika tal-alternattiva/i għad-detenzjoni fis-seħħ**

Il-proċess ta' rieżami jista' jikkonferma l-ħtieġa għal AtD, filwaqt li jordna li t-tip jew ir-rekwiżiti tal-AtD fis-seħħ iridu jiġu mmodifikati. L-eżiti prattiċi possibbli huma dawn li ġejjin:

- l-applikazzjoni ta' tip ġdid ta' AtD jew, jekk disponibbli fil-kuntest nazzjonali, taħlita ta' AtDs ġodda li huma kkunsidrati aktar effettivi;
- l-ikkombinar tal-AtD fis-seħħ ma' alternattiva oħra;
- il-modifika tar-rekwiżiti tal-AtD fis-seħħ sabiex din tkun aktar adattata għall-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi individwali.

## Notifika tal-irtirar

Meta l-AtDs jiġu rtirati, huwa imperattiv li l-individwu kkonċernat jiġi nnotifikat minnufih u bil-miktub.

Fir-rigward tan-notifika tad-deċiżjoni (ara Linja Gwida 6), in-notifika bil-miktub tal-irtirar għandha tiġi pprovduta f'format aċċessibbli għall-individwu, filwaqt li jitqies kwalunkwe ostaklu lingwistiku jew ta' litteriżmu. Hija għandha tinkludi spjegazzjoni dettaljata tar-raġunijiet għaliex l-AtDs jiġu rtirati, b'referenza għal tħassib speċifiku jew fatturi li wasslu għall-valutazzjoni mill-ġdid tal-profil ta' riskju tal-individwu, bħal storja ta' ħarba jew nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet. Barra minn hekk, hija għandha tipprovdi informazzjoni ċara dwar id-dritt li tiġi kkontestata d-deċiżjoni li jiġu rtirati l-AtDs, bi struzzjonijiet dwar kif għandu jinbeda dan il-proċess u tiġi sottomessa informazzjoni jew evidenza addizzjonali għal kunsiderazzjoni mill-ġdid.

Fejn disponibbli, l-individwi għandhom jiġu diretti lejn servizzi ta' appoġġ jew organizzazzjonijiet li jistgħu jipprovdu assistenza u gwida matul dan il-perjodu ta' tranżizzjoni, inklużi fornituri ta' għajnuna legali, organizzazzjonijiet komunitarji jew aġenziji tas-servizzi soċjali.

([130]) L-Artikolu 10(3) tal-RCD (2024).
([131]) L-Artikolu 25 tal-RCD (2024).

### L-irtirar ta’ alternattivi għad-detenzjoni: tfal mhux akkumpanjati

Meta jiġi vvalutat l-irtirar tal-AtDs għal tfal mhux akkumpanjati, huwa kruċjali li l-aħjar interessi tagħhom jingħataw prijorità u li huma jingħataw l-opportunità li jinstemgħu fi kwalunkwe proċediment ġudizzjarju u amministrattiv li jaffettwahom. Matul iż-żmien tagħhom fl-AtDs, it-tfal mhux akkumpanjati spiss jistabbilixxu rutini u relazzjonijiet fil-komunità li jipprovdu stabbiltà u sigurtà. Bidliet f’daqqa fl-arranġamenti tal-għajxien tagħhom jistgħu jfixklu b’mod sinifikanti l-istabbiltà tagħhom, u jaffettwaw il-benesseri emozzjonali u psikoloġiku tagħhom.

Jekk ikun meħtieġ trasferiment u jkun fl-aħjar interessi tat-tfal, għandhom jiġu pprovduti monitoraġġ u appoġġ kontinwi biex jiġi żgurat li t-tranżizzjonijiet jitwettqu b’mod li jippromwovi l-benesseri tat-tfal u jirrispetta d-drittijiet tagħhom.

### Kunsiderazzjonijiet relatati mal-proċeduri fuq il-fruntieri

Matul il-proċeduri fuq il-fruntieri, ir-rieżami tad-detenzjoni għandu jsir f’intervalli regolari. Ir-rieżami tal-alternattivi għad-detenzjoni għandu jitwettaq ukoll f’konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Meta jiġu biex jiddeterminaw il-frekwenza ta’ tali rieżamijiet, l-awtoritajiet iridu jqisu l-fatt li l-proċeduri fuq il-fruntieri jeħtieġ li jitlestew f’perjodu ta’ żmien qasir. Il-persuna kkonċernata għandha wkoll tkun tista’ titlob li jsir rieżami, speċjalment jekk ikunu nħolqu ċirkostanzi ġodda fil-każ tagħha.

Minbarra r-rieżamijiet perjodiċi, il-monitoraġġ kontinwu huwa kruċjali. Dan jinvolvi t-traċċar f’ħin reali tal-konformità mal-kundizzjonijiet tal-AtDs. Kwalunkwe indikazzjoni ta’ nuqqas ta’ konformità jew riskju akbar ta’ ħarba għandha twassal għal rieżami immedjat biex tiġi vvalutata mill-ġdid l-adegwatezza tal-alternattiva fis-seħħ.

Il-proċess ta’ rieżami għandu jkun flessibbli biżżejjed biex jakkomoda r-riżoluzzjoni rapida ta’ kwalunkwe kwistjoni li tista’ tinqala’. Jekk alternattiva partikolari tirriżulta ineffettiva jew mhux xierqa, l-awtoritajiet għandhom ikunu lesti li jimplimentaw malajr miżura aktar xierqa. Dan jista’ jinvolvi bidla minn tip wieħed ta’ AtD għal ieħor, żieda fil-livell ta’ appoġġ ipprovdut jew, meta meħtieġ, kunsiderazzjoni tad-detenzjoni jekk għażliet oħrajn ma jkunux jistgħu jiġu applikati b’mod effettiv.

# It-tmiem tal-alternattivi għad-detenzjoni

## Linja Gwida 10

*L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jkunu ta' natura temporanja*

### L-alternattivi għad-detenzjoni għandhom ikunu limitati fit-tul ta' żmien tagħhom

Kif indikat mill-Artikolu 11(1) tal-RCD (2024), id-detenzjoni għandha tkun permissibbli "għall-iqsar perjodu possibbli u biss sakemm ikunu applikabbli r-raġunijiet għad-detenzjoni".

Bl-istess mod, l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar ir-ritorn jiddikjara li "kwalunkwe detenzjoni għandha tkun għal perjodu kemm jista' jkun qasir u għandha tinżamm biss sakemm l-arranġamenti ta' tneħħija jkunu qed isiru u jitwettqu bid-diliġenza dovuta". Fil-proċedura ta' ritorn, l-Istati Membri jistgħu jżommu f'detenzjoni t-TCNs li huma soġġetti għal proċedura ta' ritorn għal massimu ta' 18-il xahar ([132]). Madankollu, id-detenzjoni trid tintemm jekk "ma jibqax jeżisti prospett raġonevoli ta' tneħħija" ([133]).

Fi kwalunkwe każ, id-detenzjoni ma għandhiex iddum aktar milli huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv leġittimu tal-Istat. Il-liġi nazzjonali għandha tindika l-perjodu massimu għad-detenzjoni; kif rakkomandat mill-UNHCR ([134]), id-detenzjoni indefinita għandha titqies arbitrarja.

B'konsegwenza ta' dan, l-AtDs ukoll jeħtieġ li jkunu limitati fit-tul ta' żmien. Id-deċiżjoni li jiġu applikati AtDs għandha tistabbilixxi ż-żmien massimu li għalih jistgħu jiġu applikati l-AtDs.

### Skadenza tal-bażi legali għall-alternattivi għad-detenzjoni

L-AtDs huma applikabbli biss jekk ikun hemm bażi legali għad-detenzjoni (ara Linja Gwida 1). Jekk il-bażi legali ma tibqax teżisti, pereżempju wara stħarriġ ġudizzjarju, allura l-AtDs ma jibqgħux applikabbli u jridu jitneħħew immedjatament, minħabba li ma għandhomx bażi legali (ara Linja Gwida 9). F'dan il-każ, xorta jista' jkun possibbli li jiġu applikati restrizzjonijiet tal-libertà tal-moviment skont l-Artikolu 9 tal-RCD (2024) (ara Linja Gwida 2).

([132]) L-Artikoli 15(5-6) tad-Direttiva dwar ir-ritorn.
([133]) L-Artikolu 15(4) tad-Direttiva dwar ir-ritorn.
([134]) L-UNHCR, *Linji Gwida dwar id-Detenzjoni*, *op. cit.*, fn. 14, linja gwida 6.

### Kunsiderazzjonijiet relatati mal-proċeduri fuq il-fruntieri

L-iskadenzi stretti tal-proċeduri fuq il-fruntieri (12-il ġimgħa għall-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera u 12-il ġimgħa għall-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera) jeskludu fil-prattika l-applikazzjoni indefinita tad-detenzjoni u tal-AtDs.

Madankollu, dan ma jfissirx li l-individwu kkonċernat għandu jinżamm jew jikkonforma mal-obbligi stabbiliti mill-AtDs għat-tul kollu tal-proċeduri fuq il-fruntieri, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 54(1) tal-APR. Jeħtieġ li l-awtoritajiet jivvalutaw b'mod kostanti ċ-ċirkostanzi individwali. Jekk l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ma tkunx tista' tiġi deċiża fuq il-merti fil-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera, id-detenzjoni jew l-AtD tista' tintemm. Pereżempju, meta l-applikant jiġi detenut (jew ikun soġġett għal AtD) għar-raġuni li tkun trid tittieħed deċiżjoni dwar id-dritt li jidħol fit-territorju u dan id-dritt jingħata, l-applikant irid jgħaddi mill-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera għall-proċedura regolari tal-ażil. F'dan il-każ, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jiddeċiedu li japplikaw mill-ġdid AtD (jew, jekk ikun meħtieġ, detenzjoni) matul il-proċedura tal-ażil, jekk ikunu applikabbli r-rekwiżiti rilevanti (jiġifieri japplikaw raġunijiet oħrajn għad-detenzjoni).

# Anness 1. Tabella sommarja tal-linji gwida

| | | |
|---|---|---|
| **Definizzjoni tal-AtD** | Linja Gwida 1 | L-alternattivi għad-detenzjoni għandhom jiġu applikati biss jekk tkun teżisti raġuni leġittima għad-detenzjoni |
| | Linja Gwida 2 | L-alternattivi għad-detenzjoni ma għandhomx jammontaw għal ċaħda tal-libertà |
| **L-istabbiliment tal-AtD** | Linja Gwida 3 | L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jiġu stabbiliti bil-liġi, li għandha tispeċifika b'mod ċar l-awtorità responsabbli biex tadottahom u timplimentahom, il-kriterji għall-applikazzjoni tagħhom u l-firxa ta' għażliet disponibbli |
| | Linja Gwida 4 | L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jirrispettaw l-istandards u l-prinċipji tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem |
| **Id-deċiżjoni dwar l-AtD** | Linja Gwida 5 | L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jiġu eżaminati u esklużi kif suppost qabel ma jirrikorru għad-detenzjoni, f'konformità mal-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità |
| | Linja Gwida 6 | L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jkunu bbażati fuq valutazzjoni ta' każ b'każ u jqisu ċ-ċirkostanzi individwali u l-ħtiġijiet speċifiċi |
| | Linja Gwida 7 | Għandhom jiġu applikati alternattivi għad-detenzjoni, bħala regola, kull meta tiġi kkunsidrata d-detenzjoni tat-tfal, f'konformità mal-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal |
| **L-implimentazzjoni tal-AtD** | Linja Gwida 8 | L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jiġu implimentati bl-aktar mod effettiv, b'salvagwardji u proċessi fis-seħħ biex tiżdied ir-rata ta' konformità |
| **Ir-rieżami tal-AtD** | Linja Gwida 9 | L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jkunu soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju li jqis kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi individwali |
| **It-tmiem tal-AtD** | Linja Gwida 10 | L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jkunu ta' natura temporanja |

# Anness 2. Listi ta’ kontroll tal-linji gwida

## Lista ta’ kontroll – Definizzjoni tal-alternattivi għad-detenzjoni

**Linja Gwida 1: L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jiġu applikati biss jekk tkun teżisti raġuni għad-detenzjoni**

- ☐ Ir-raġunijiet għad-detenzjoni huma rregolati b’mod ċar fil-liġi nazzjonali.
- ☐ Ġiet identifikata raġuni leġittima għad-detenzjoni fil-każ individwali.

**Linja Gwida 2: L-alternattivi għad-detenzjoni ma għandhomx jammontaw għal ċaħda tal-libertà**

- ☐ L-AtDs huma ta’ natura mhux ta’ kustodja u inqas restrittivi miċ-ċaħda tal-libertà.
- ☐ Ir-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet u l-libertajiet imposti fil-każ speċifiku, ikkunsidrati individwalment jew b’mod kumulattiv, ma jammontawx għal sitwazzjoni komparabbli mad-detenzjoni.

## Lista ta’ kontroll – L-istabbiliment ta’ alternattivi għad-detenzjoni

**Linja Gwida 3: L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jiġu stabbiliti mil-liġijiet nazzjonali, li għandhom jispeċifikaw b’mod ċar l-awtorità responsabbli biex tadottahom u timplimentahom, il-kriterji għall-applikazzjoni tagħhom u l-firxa ta’ għażliet disponibbli**

- ☐ L-AtDs huma stipulati fil-liġi nazzjonali.
- ☐ Huma disponibbli mill-inqas żewġ AtDs.
- ☐ Il-liġijiet rilevanti jispeċifikaw l-awtorità responsabbli biex tadotta u timplimenta l-AtDs.
- ☐ L-ebda individwu ma jiġi detenut fuq il-bażi li ma hemm l-ebda AtD disponibbli.

**Linja Gwida 4: L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jirrispettaw l-istandards u l-prinċipji ewlenin tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem**

- ☐ L-AtDs jirrispettaw il-prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni.
- ☐ L-AtDs jirrispettaw id-dinjità tal-persuna u ma jwasslux għal jew ma jikkonsistux minn tortura, trattament jew pieni inumani jew degradanti.
- ☐ L-AtDs jirrispettaw id-dritt għall-privatezza u ma jinterferixxux b’mod arbitrarju jew illegali mal-ħajja privata tal-persuna kkonċernata.
- ☐ L-AtDs jirrispettaw id-dritt għas-saħħa, inkluż billi jiżguraw li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tas-saħħa.
- ☐ L-AtDs jirrispettaw id-dritt għall-ħajja tal-familja, inkluż billi ma jwaqqfux lill-individwi milli jżommu kuntatt mal-familja tagħhom.
- ☐ L-AtDs jirrispettaw l-aħjar interessi tat-tfal, id-drittijiet tat-tfal għall-informazzjoni u l-parteċipazzjoni, u d-dritt tat-tfal għall-edukazzjoni.
- ☐ L-AtDs jirrispettaw id-dritt għal rimedju effettiv.

## Lista ta' kontroll – Id-deċiżjoni dwar alternattivi għad-detenzjoni

**Linja Gwida 5: L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jiġu eżaminati u esklużi kif suppost qabel ma jirrikorru għad-detenzjoni, f'konformità mal-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità**

- ☐ L-AtDs jiġu kkunsidrati, analizzati u esklużi fil-każ individwali qabel ma tiġi eżaminata d-detenzjoni.
- ☐ L-ebda ordni ta' detenzjoni ma tinħareġ awtomatikament qabel ma tiġi kkunsidrata l-applikabbiltà ta' AtD fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-individwu.
- ☐ Jingħataw raġunijiet meta l-AtDs ma jiġux applikati.
- ☐ Id-detenzjoni tiġi applikata biss wara li jintwera li huwa meħtieġ li jiġu segwiti l-objettivi leġittimi fil-każ individwali.
- ☐ Id-detenzjoni tiġi applikata biss wara li jintwera li l-ħsara kkawżata miċ-ċaħda tal-libertà hija proporzjonali għall-objettivi leġittimi segwiti fil-każ individwali.

**Linja Gwida 6: L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jkunu bbażati fuq valutazzjoni ta' każ b'każ u jqisu ċ-ċirkostanzi individwali u l-ħtiġijiet speċifiċi**

- ☐ L-AtDs jiġu eżaminati abbażi ta' valutazzjoni individwali.
- ☐ Matul il-valutazzjoni individwali, l-awtoritajiet iqisu:
    - o l-istorja ta' konformità mal-ordnijiet tal-awtoritajiet jew AtDs imposti preċedentement;
    - o l-indikaturi oġġettivi relatati mar-riskju ta' ħarba, inkluża kwalunkwe evidenza ta' ħarba preċedenti, kif ukoll fatturi li jistgħu jtaffu u jnaqqsu tali riskju;
    - o il-grad ta' kooperazzjoni muri mill-persuna kkonċernata.
- ☐ Matul il-valutazzjoni individwali, l-awtoritajiet iqisu, fost l-oħrajn, jekk il-persuna:
    - o hijiex minorenni (mhux akkumpanjata jew le), omm waħedha bit-tfal, persuna anzjana, mara tqila;
    - o għandhiex xi diżabilità jew kundizzjoni medika (fiżika jew mentali) mhux kompatibbli mad-detenzjoni;
    - o tistax tkun superstiti ta' traffikar tal-bnedmin, tortura, stupru jew forom oħrajn ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali, pereżempju, vjolenza abbażi tal-ġeneru, mutilazzjoni ġenitali femminili, żwieġ tat-tfal jew furzat, jew vjolenza mwettqa b'motiv sesswali, tal-ġeneru, razzist jew reliġjuż.
- ☐ Matul il-valutazzjoni individwali, l-awtoritajiet iqisu jekk id-detenzjoni hijiex se tpoġġi s-saħħa fiżika u mentali tal-persuna f'riskju serju.
- ☐ L-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet twettqu minn persunal imħarreġ u speċjalizzat.
- ☐ Kwalunkwe sinjal viżibbli, dikjarazzjoni jew imġiba li jindikaw li l-applikant għandu ħtiġijiet speċjali ta' akkoljenza jitqiesu b'mod dovut meta applikant jinżamm f'detenzjoni.

- ☐ Meta tittieħed deċiżjoni dwar l-aktar AtD xierqa jew taħlita tagħhom fil-każ speċifiku:
  - o tiġi kkunsidrata u applikata l-inqas għażla intrużiva;
  - o jitqiesu fatturi bħat-tip ta' AtD, it-tul ta' żmien u l-impatt fuq l-individwu kkonċernat;
  - o L-obbligi u l-kundizzjonijiet tal-AtD(s) (eż. il-frekwenza tar-rapportar) huma kkalibrati għall-każ individwali.

**Linja Gwida 7: L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jiġu applikati bħala regola kull meta jiġu ttrattati t-tfal, f'konformità mal-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal**

- ☐ Jekk jiġu applikati, id-detenzjoni (u AtD) jiġu vvalutati li huma fl-aħjar interessi tat-tfal wara li tkun twettqet valutazzjoni tal-aħjar interessi.
- ☐ L-AtDs jagħtu prijorità lil ambjenti simili għall-familja għal tfal separati jew mhux akkumpanjati.
- ☐ Il-prinċipju tal-unità tal-familja huwa rrispettat.
- ☐ L-AtD tipprevedi li l-familji bit-tfal jitqiegħdu f'akkomodazzjoni adattata għalihom.
- ☐ Hemm fis-seħħ miżuri ta' salvagwardja biex jittaffew ir-riskji ta' vjolenza, abbuż u sfruttament, flimkien ma' mekkaniżmi sikuri, aċċessibbli u kunfidenzjali biex jiġi rrapportat kwalunkwe inċident relatat.

## Lista ta' kontroll – L-implimentazzjoni ta' alternattivi għad-detenzjoni

**Linja Gwida 8: L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jiġu implimentati bl-aktar mod effettiv, b'salvagwardji u proċessi fis-seħħ biex tiżdied ir-rata ta' konformità**

**Dokumentazzjoni**

- ☐ L-individwi soġġetti għal AtDs jinħarġu, fil-ħin, b'dokumentazzjoni li tiċċertifika l-istatus tagħhom.

**Kundizzjonijiet dinjitużi u aċċess għas-servizzi**

- ☐ L-applikanti għal protezzjoni internazzjonali soġġetti għal AtDs għandhom aċċess għal kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali u mhux materjali kif indikat fl-RCD (2024), filwaqt li jitqies ukoll it-tip ta' AtD applikat fil-każ speċifiku.
- ☐ Sakemm isir ir-ritorn, it-TCNs li ngħataw perjodu għat-tluq volontarju għandhom aċċess għal servizzi ewlenin bħall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni għat-tfal.

**Aċċess għall-informazzjoni**

- ☐ L-individwi soġġetti għal AtDs jiġu infurmati fil-ħin dwar l-iskema alternattiva applikata fil-każ tagħhom, id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, inklużi l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità.
- ☐ L-informazzjoni tiġi pprovduta bil-miktub f'forma konċiża, trasparenti, intelliġibbli u faċilment aċċessibbli.
- ☐ Meta ċ-ċirkostanzi jkunu jeħtieġu dan, l-informazzjoni tiġi pprovduta wkoll bil-fomm jew f'forma viżwali, eż. permezz ta' vidjos u pittogrammi.
- ☐ L-informazzjoni tiġi pprovduta b'lingwa li l-persuna tifhem.
- ☐ L-informazzjoni tiġi adattata għall-ħtiġijiet speċifiċi u ċ-ċirkostanzi individwali tal-individwu kkonċernat.
- ☐ Jiġi pprovdut interpretu, jekk iċ-ċirkostanzi jkunu jeħtieġu dan.
- ☐ Il-fehim tal-individwu kkonċernat jiġi vverifikat.

**Konsulenza u assistenza legali**

- ☐ L-individwi soġġetti għal AtDs għandhom aċċess f'waqtu għal konsulenza u assistenza legali.
- ☐ Il-konsulenza legali hija mingħajr ħlas.
- ☐ Il-persuna kkonċernata tiġi infurmata dwar il-possibbiltà li titlob konsulenza legali sa mhux aktar tard mill-mument tar-reġistrazzjoni.
- ☐ Matul il-proċedura ta' appell tad-deċiżjoni negattiva dwar l-ażil jew ir-ritorn, l-individwu jista' jitlob assistenza legali mingħajr ħlas.

**Ġestjoni tal-każijiet**

- ☐ L-individwi soġġetti għal AtDs huma appoġġati minn maniġer tal-każijiet fir-riżoluzzjoni tal-każ tagħhom.

**Taħriġ**

- ☐ L-uffiċjali rilevanti, inklużi l-pulizija, l-uffiċjali tal-fruntieri, l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u l-imħallfin, irċevew taħriġ komprensiv biex jiżguraw li jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati u jkunu jistgħu jimmaniġġjaw il-każijiet b'kunsiderazzjoni xierqa għall-benesseri tal-individwu kkonċernat u r-rispett tad-drittijiet fundamentali.

**Evalwazzjoni tal-AtDs**

- ☐ Hemm fis-seħħ mekkaniżmu biex jivvaluta, fuq bażi regolari, l-effiċjenza u l-effettività ġenerali tal-AtDs.
- ☐ Tinġabar b'mod sistematiku data kwantitattiva u kwalitattiva dwar indikaturi differenti, bħar-rata ta' konformità, ir-rata ta' ħarba, il-kosteffettività, l-impatt tal-AtDs fuq id-drittijiet fundamentali u fuq il-komunitajiet, l-aċċessibbiltà u l-użu tas-servizzi.
- ☐ Hemm fis-seħħ mekkaniżmi sikuri u kunfidenzjali biex jiġi rrapportat kwalunkwe inċident ta' vjolenza, abbuż u sfruttament u dawn huma aċċessibbli għall-individwi soġġetti għal AtDs.
- ☐ L-individwi soġġetti għal AtDs għandhom aċċess għal mekkaniżmu effettiv ta' lmenti u rispons, kif applikabbli.

## Lista ta' kontroll – Rieżami tal-alternattivi għad-detenzjoni

**Linja Gwida 9: L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jkunu soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju li jqis kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi individwali**

**Stħarriġ ġudizzjarju inizjali**

- ☐ L-applikabbiltà tal-AtDs fil-każ konkret tiġi eżaminata (mill-ġdid) matul ir-rieżami inizjali tad-detenzjoni.

**Rieżami perjodiku**

- ☐ Isiru rieżamijiet perjodiċi tad-detenzjoni f'intervalli regolari biex tiġi vverifikata l-validità persistenti tar-raġunijiet inizjali għad-detenzjoni, kif ukoll ir-rekwiżiti tan-neċessità u tal-proporzjonalità.
- ☐ L-AtDs jiġu eżaminati (mill-ġdid) perjodikament.
- ☐ Id-detenzjoni ta' tfal mhux akkumpanjati hija dejjem soġġetta għal rieżamijiet perjodiċi ex officio.

**Proċeduri speċifiċi ta' rieżami**

- ☐ Jekk ikun previst mil-liġi nazzjonali, l-AtDs jiġu eżaminati (mill-ġdid) matul proċeduri ta' rieżami speċifiċi attivati mill-individwu kkonċernat.

**Notifika tal-waqfien tal-alternattivi għad-detenzjoni**

- ☐ Fil-każ ta' rtirar tal-AtDs, l-individwu kkonċernat jiġi nnotifikat minnufih bil-miktub, f'format li jkun jista' jaċċessa u b'lingwa li jifhem.
- ☐ In-notifika tinkludi spjegazzjoni tar-raġunijiet li għalihom jiġu rtirati l-AtDs.
- ☐ In-notifika tinkludi informazzjoni dwar id-dritt u l-modalitajiet biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni li jiġu rtirati l-AtDs.

**Lista ta' kontroll – It-tmiem tal-alternattivi għad-detenzjoni**

**Linja gwida 10: L-alternattivi għad-detenzjoni jridu jkunu ta' natura temporanja**

- ☐ It-tul massimu tal-AtD huwa stabbilit fid-deċiżjoni li tordna l-alternattiva.
- ☐ Jekk ir-raġuni għad-detenzjoni tieqaf, l-AtD tieqaf ukoll.

# Anness 3. L-iskrinjar u l-proċeduri fuq il-fruntieri

## Il-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil

Il-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil jintroduċi regoli ġodda mmirati biex jarmonizzaw il-mod li bih l-Istati Membri jimmaniġġaw il-flussi migratorji meta n-nies jaslu b'mod irregolari fil-fruntieri esterni tal-UE, li jwassluhom lejn il-proċedura xierqa. Tabilħaqq, il-Patt jintroduċi proċedura obbligatorja ġdida tal-ażil fuq il-fruntiera sabiex l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali jiġu eżaminati b'mod mgħaġġel, kif ukoll proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera sabiex il-persuni li ma jingħatawx protezzjoni internazzjonali jiġu rritornati malajr.

Taħt is-sistema l-ġdida, tliet biċċiet tal-leġiżlazzjoni huma kruċjali għall-proċeduri fil-fruntiera esterna: 1) ir-Regolament dwar l-iskrinjar, 2) l-APR (fil-parti li tipprevedi l-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera); u 3) ir-Regolament dwar il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera. Għalkemm jinsabu fi strumenti legali differenti, id-dispożizzjonijiet għandhom l-għan li jistabbilixxu fluss tax-xogħol wieħed mingħajr xkiel għall-ġestjoni effettiva tal-flussi migratorji fil-fruntieri esterni.

## Skrinjar

L-iskrinjar japplika għat-TCNs li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u li:

- jinqabdu b'konnessjoni ma' qsim mhux awtorizzat ta' fruntiera esterna; jew
- ikunu żbarkaw wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ; jew
- ikunu applikaw għal protezzjoni internazzjonali f'punti ta' qsim tal-fruntieri esterni jew f'żoni ta' tranżitu; jew
- ikunu qed joqogħdu illegalment fit-territorju wara li jaqsmu fruntiera esterna b'mod mhux awtorizzat u ma kinux diġà ġew soġġetti għal skrinjar ([135]).

L-iskrinjar iservi bħala għodda biex tinġabar informazzjoni inizjali dwar l-individwu u biex l-awtoritajiet jiġu mgħejuna jidderieġu lill-persuna għall-proċedura xierqa. Bħala tali, l-iskrinjar jippreċedi l-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera u mhuwiex parti minnha.

L-iskrinjar irid jitlesta fi żmien 7 ijiem fil-fruntieri esterni jew fi żmien 3 ijiem jekk persuna tinstab li qed toqgħod b'mod irregolari fit-territorju ([136]). Dawn il-limiti ta' żmien ma jistgħux jiġu estiżi u

([135]) L-Artikoli 5(1)-(2) u 7(1) tar-Regolament dwar l-iskrinjar.
([136]) Ara l-Artikolu 7(1) tar-Regolament dwar l-iskrinjar, "L-Istati Membri għandhom iwettqu l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed joqogħdu illegalment fit-territorju tagħhom biss meta tali ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu qasmu fruntiera esterna biex jidħlu fit-territorju tal-Istati Membri b'mod mhux awtorizzat u ma jkunux diġà ġew soġġetti għall-iskrinjar fi Stat Membru ..."

l-persuna għandha tiġi riferuta għall-proċeduri u l-awtoritajiet xierqa (ażil jew ritorn) qabel ma tiskadi l-iskadenza.

L-iskrinjar jinkludi l-passi li ġejjin:

- l-għoti ta' informazzjoni;
- il-kontroll preliminari tas-saħħa u kontrolli tal-vulnerabbiltà;
- il-valutazzjoni tal-età, jekk tkun meħtieġa;
- l-identifikazzjoni jew il-verifika tal-identità;
- ir-reġistrazzjoni ta' *data* bijometrika;
- il-kontroll tas-sigurtà;
- il-mili ta' formola tal-iskrinjar;
- ir-riferiment lill-awtorità xierqa.

Meta jitlesta l-iskrinjar jew meta tgħaddi l-iskadenza, it-TCN jiġi riferut jew lill-awtoritajiet responsabbli għar-ritorn jew, jekk ikunu għamlu applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali qabel jew matul l-iskrinjar, lill-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għall-ażil ([137]). Fil-każ tal-aħħar, l-RCD (2024) tapplika bis-sħiħ. Konsegwentement, il-faċilitajiet użati għall-iskrinjar iridu jkunu adegwati biex jipprovdu kundizzjonijiet ta' akkoljenza f'konformità mal-RCD (2024).

Matul l-iskrinjar, l-individwu huwa meħtieġ li jibqa' disponibbli għall-awtoritajiet responsabbli f'post iddedikat li jinsab fil-fruntieri esterni jew qrib tagħhom jew, alternattivament, f'postijiet oħrajn fit-territorju nazzjonali ([138]). L-Istati Membri jridu jieħdu miżuri biex jipprevjenu l-ħarba, pereżempju, billi jirrestrinġu l-libertà tal-moviment ([139]).

**Fi kwalunkwe każ, id-detenzjoni matul il-proċess ta' skrinjar trid tirrispetta l-prinċipji tal-legalità, in-neċessità u l-proporzjonalità (ara Linja Gwida 5). Ma hemm l-ebda detenzjoni awtomatika matul l-iskrinjar. Jekk tiġi applikata, id-detenzjoni trid tikkonforma mas-salvagwardji proċedurali fl-RCD (2024) jew fid-Direttiva dwar ir-ritorn, skont jekk il-persuna tapplikax għal protezzjoni internazzjonali jew le.**

## Il-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera

Jekk it-TCN ikun għamel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali matul l-iskrinjar, huwa obbligatorju li l-Istat Membru jwettaq il-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera għal applikanti li:

- ikunu żgwidaw intenzjonalment lill-awtorità billi ppreżentaw informazzjoni/dokumenti foloz jew billi żammew informazzjoni/dokumenti rilevanti;
- ikunu ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku; jew

([137]) L-Artikolu 18(1) u (2) tar-Regolament dwar l-iskrinjar.
([138]) L-Artikoli 6 u 8(1) tar-Regolament dwar l-iskrinjar.
([139]) Għal informazzjoni aktar dettaljata dwar il-prinċipji li jirregolaw il-libertà tal-moviment u r-restrizzjonijiet relatati, tista' tirreferi għall-Kunsill tal-Ewropa, *Gwida dwar l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni – Id-Dritt għal-Libertà u s-Sigurtà*, 2014.

- jiġu minn pajjiż b'rikonoxximent baxx ([140]).

L-Istat Membru jista' japplika wkoll il-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera għal kategoriji ulterjuri ta' applikazzjonijiet ibbażati fuq raġunijiet oħrajn, għal eżami aċċellerat fuq il-merti jew l-inammissibbiltà.

Il-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera **ma tistax** tiġi applikata fil-każijiet li ġejjin:

- meta l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, sakemm ma jippreżentax periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku;
- meta r-raġunijiet għar-rifjut tal-applikazzjoni bħala inammissibbli jew ir-raġunijiet għal eżami aċċellerat ma jkunux applikabbli;
- jekk ma jkunux jistgħu jiġu pprovduti/issodisfati garanziji proċedurali speċjali jew ħtiġijiet ta' akkoljenza;
- fil-każ ta' raġunijiet mediċi rilevanti;
- meta l-garanziji u l-kundizzjonijiet għad-detenzjoni ma jiġux issodisfati u l-proċedura fuq il-fruntiera ma tkunx tista' tiġi applikata għall-applikant mingħajr l-użu tad-detenzjoni.

F'dawn il-każijiet, l-applikant irid ikun awtorizzat li jidħol fit-territorju tal-Istat Membru u jgħaddi għall-proċedura regolari tal-ażil.

Il-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera, mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni sakemm tittieħed id-deċiżjoni (inkluż l-appell) trid titlesta fi żmien 12-il ġimgħa. Wara dan il-perjodu, l-applikant irid ikun awtorizzat li jidħol fit-territorju tal-Istat Membru ([141]).

Jekk id-deċiżjoni dwar il-merti tal-applikazzjoni għall-ażil tkun negattiva, hija għandha tinħareġ flimkien mad-deċiżjoni ta' ritorn. It-tnejn jistgħu jiġu appellati b'mod konġunt.

Bil-maqlub, jekk id-deċiżjoni tkun pożittiva, irid jinħareġ permess ta' residenza u jrid jingħata d-dħul fit-territorju.

L-akkoljenza tal-applikanti fil-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera għandha tissodisfa l-istandards deskritti fl-RCD (2024). Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat li l-familji bit-tfal jirrisjedu f'faċilitajiet ta' akkoljenza xierqa għall-aħjar interessi tat-tfal bi standard ta' għajxien adegwat għall-iżvilupp fiżiku, mentali, spiritwali, morali u soċjali tat-tfal ([142]).

## Il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera

Il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera tapplika għat-TCNs li jkunu ġew irrifjutati fil-kuntest tal-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera ([143]), sakemm l-awtorità nazzjonali ma tiddeċidix li ma tapplikax id-Direttiva dwar ir-ritorn ([144]).

([140]) L-Artikolu 45(1) tal-APR.
([141]) L-Artikolu 51(2) tal-APR
([142]) L-Artikolu 54(2) tal-APR.
([143]) L-Artikolu 1(1) tar-Regolament dwar il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera.
([144]) L-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva dwar ir-ritorn

Irid jingħata perjodu għat-tluq volontarju, sakemm ma jkunx hemm riskju ta' ħarba, l-applikazzjoni ma tkunx ġiet miċħuda bħala manifestament bla bażi jew il-persuna ma tkunx riskju għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà pubblika jew nazzjonali. Tali perjodu jrid jingħata biss fuq talba u ma jistax jaqbeż il-15-il jum. Sabiex jingħata l-perjodu ta' tluq volontarju, il-persuna trid tikkonsenja kwalunkwe dokument tal-ivvjaġġar validu fil-pussess tagħha lill-awtoritajiet biex tipprevjeni l-ħarba ([145]).

Jekk id-deċiżjoni ta' ritorn ma tkunx tista' tiġi infurzata fi żmien 12-il ġimgħa, trid titwettaq proċedura ta' ritorn regolari f'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fid-Direttiva dwar ir-ritorn ([146]).

Il-persuni fil-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera għandhom jiġu garantiti l-kundizzjonijiet ġenerali ta' akkoljenza u l-kura tas-saħħa, bl-istess standards bħall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali ([147]).

Persuna fil-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera tista' tkun soġġetta għal detenzjoni jew AtD(s) ([148]).

## Il-finzjoni legali tan-nuqqas ta' dħul

Il-kunċett ta' "finzjoni tan-nuqqas ta' dħul" fil-kuntest tal-proċeduri ta' skrinjar u fuq il-fruntiera jirreferi għal struttura legali u amministrattiva użata għall-ġestjoni u l-ipproċessar ta' individwi, inklużi applikanti għal protezzjoni internazzjonali, li jaslu fil-fruntieri, iżda ma jkunux tħallew jidħlu formalment fit-territorju tal-Istat Membru. Dan jimplika li l-individwu jiġi ttrattat daqslikieku ma daħalx legalment fil-pajjiż, minkejja li jkun fiżikament preżenti fil-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu fil-pajjiż. Kemm il-Karta kif ukoll il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-liġi internazzjonali dwar ir-refuġjati jkomplu japplikaw.

It-TCNs ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru matul l-iskrinjar, il-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera u l-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera ([149]). Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet fil-liġi nazzjonali tagħhom u l-persuni għandhom jibqgħu għad-dispożizzjoni tal-awtorità fil-postijiet iddedikati għall-iskrinjar ([150]). Kwalunkwe miżura għall-prevenzjoni ta' dħul mhux awtorizzat fit-territorju għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali jeħtieġ li tkun konformi mal-RCD (2024) ([151]).

Bħala regola ġenerali, l-iskrinjar u l-proċeduri fuq il-fruntieri jitwettqu qrib il-fruntieri esterni jew iż-żoni ta' tranżitu. Alternattivament, dawn jistgħu jitwettqu f'postijiet deżinjati fit-territorju fejn

([145]) L-Artikolu 4(5) tar-Regolament dwar il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera.
([146]) L-Artikolu 4(4) tar-Regolament dwar il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera.
([147]) Għal aktar informazzjoni, ara l-Artikolu 4(2) tar-Regolament dwar il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera li skontu "... Il-kundizzjonijiet f'dawk il-postijiet għandhom jissodisfaw l-istandards ekwivalenti għal dawk tal-kundizzjonijiet materjali ta' akkoljenza u tal-kura tas-saħħa f'konformità mal-Artikoli 19 u 20 tad-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill meqjusa bħala applikanti."
([148]) L-Artikolu 5(1-3) tar-Regolament dwar il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera
([149]) L-Artikolu 6 tar-Regolament dwar l-iskrinjar, l-Artikolu 43(2) tal-APR, u l-Artikolu 4(1) tar-Regolament dwar il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera.
([150]) L-Artikolu 6 tar-regolament dwar l-iskrinjar.
([151]) L-Artikolu 43(2) tal-APR.

il-persuna tkun meħtieġa tirrisjedi ([152]). L-RCD (2024) tagħti lill-Istati Membri ċerta flessibbiltà fejn iwettqu l-proċeduri fuq il-fruntieri. Din il-flessibbiltà tgħinhom joħolqu l-kapaċità suffiċjenti u l-loġistika meħtieġa biex jimplimentawha.

Element ieħor li għandu jiġi kkunsidrat huwa l-għoti tal-appoġġ meħtieġ lil persuni bi bżonnijiet proċedurali speċjali. Element importanti ieħor li għandu jiġi kkunsidrat huwa l-post fejn se jiġu implimentati l-AtDs, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi.

F'dan il-qafas, l-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu l-libertà tal-moviment tal-applikant abbażi tal-Artikolu 9 tal-RCD (2024) billi jirrikjedu residenza f'post speċifiku jew jirrikjedu li l-applikant jirrapporta lill-awtoritajiet. Madankollu, ir-restrizzjonijiet skont l-Artikolu 9 tal-RCD (2024) ma jikkostitwixxux detenzjoni u lanqas AtDs, li huma rregolati mill-Artikolu 10 tal-RCD (2024) (ara Linja Gwida 2).

([152]) L-Artikolu 8(3) tar-Regolament dwar l-iskrinjar, l-Artikolu 54(1) tal-APR, u l-Artikolu 4(2) tar-Regolament dwar il-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera.

## L-Iskrinjar u l-Proċeduri fuq il-Fruntieri

Jekk it-TCN jagħmel applikazzjoni għal PI

Jekk l-applikazzjoni għal PI tiġi miċħuda

### Skrinjar

Għandu jitlesta fi żmien 7 ijiem fil-fruntiera esterna jew fi żmien 3 ijiem fit-territorju

- Għoti ta' informazzjoni
- Kontroll preliminari tas-saħħa u tal-vulnerabbiltà
- Valutazzjoni tal-età (jekk meħtieġa)
- Identifikazzjoni jew verifika tal-identità
- Reġistrazzjoni ta' *data* bijometrika
- Kontroll tas-sigurtà
- Mili ta' formola tal-iskrinjar
- Riferiment għall-proċedura xierqa

### Proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera

Għandha titlesta fi żmien 12-il ġimgħa

- Għoti ta' informazzjoni
- Reġistrazzjoni u preżentazzjoni
- Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli
- Deċiżjoni dwar l-ażil u r-ritorn
- Appell - Talba biex persuna tibqa'
- Deċiżjoni dwar it-talba biex persuna tibqa'
- Is-smigħ
- Deċiżjoni tal-korp tal-appell

### Proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera

Għandha titlesta fi żmien 12-il ġimgħa

- Għoti ta' informazzjoni
- Konsulenza dwar ir-ritorn (tapplika fl-istadji kollha tal-proċess ta' ritorn)
- Konferma tal-identità tal-persuna u kisba ta' dokument tal-ivvjaġġar validu (jekk meħtieġ)
- Valutazzjoni dwar il-modalitajiet ta' ritorn u l-arranġamenti li jirriżultaw.
- Implimentazzjoni tar-ritorn (ritorn/tluq volontarju jew tneħħija).

* Il-proċedura attwali għadha ma ġietx stabbilita. Għalhekk, l-ordni tal-passi ta' hawn taħt tista' tinbidel u/jew jistgħu jiżdiedu passi addizzjonali.

* Il-ħruġ ta' deċiżjoni ta' ritorn u l-appelli sussegwenti ma ġewx inklużi minħabba li, f'konformità mal-Artikolu 37 dwar il-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera, id-deċiżjoni ta' ritorn trid tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

# Anness 4. Glossarju

| Terminu | Definizzjoni | Sors |
|---|---|---|
| Applikant | ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jkunu ressqu applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tagħha tkun għadha ma tteħditx deċiżjoni finali. | Ġabra ta' termini tal-EUAA fil-IATE |
| Ċittadin ta' pajjiż terz | kwalunkwe persuna li mhijiex ċittadin tal-Unjoni u li ma tgawdix id-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni. | Derivat mir-Regolament (UE) 2016/399 (Regolament ta' Schengen) |
| Detenzjoni | il-konfinament ta' applikant minn Stat Membru f'post partikolari, fejn l-applikant jiġi mċaħħad mil-libertà ta' moviment tiegħu. | L-Artikolu 2(9) tal-RCD (2024) |
| Drittijiet fundamentali | garanziji legali universali li mingħajrhom l-individwi u l-gruppi ma jistgħux jiżguraw il-libertajiet fundamentali u d-dinjità tal-bniedem tagħhom u li japplikaw bl-istess mod għal kull bniedem, irrispettivament min-nazzjonalità, il-post ta' residenza, is-sess, l-oriġini nazzjonali jew etnika, il-kulur tal-ġilda, ir-reliġjon, il-lingwa, jew kwalunkwe status ieħor skont is-sistema legali ta' pajjiż mingħajr ebda kundizzjoni. | Glossarju tal-EMN dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni |
| Ħarba | Fil-proċedura tal-ażil: azzjoni li biha applikant ma jibqax disponibbli għall-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji kompetenti, pereżempju billi jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru mingħajr permess mill-awtoritajiet kompetenti, għal raġunijiet li mhumiex lil hinn mill-kontroll tal-applikant. | L-Artikolu 2(12) tal-RCD (2024) |
| | Fil-proċedura ta' ritorn: azzjoni li biha persuna tfittex li tevita miżuri amministrattivi u/jew proċedimenti legali billi ma tibqax disponibbli għall-awtoritajiet rilevanti jew għall-qorti. | Ġabra ta' termini tal-UE fil-IATE |
| Pajjiż ta' oriġini | il-pajjiż jew il-pajjiżi tan-nazzjonalità jew, għal persuni apolidi, tar-residenza abitwali preċedenti. | L-Artikolu 3(13) tar-Regolament (UE) 2024/1347 (Regolament dwar Standards għall-Kwalifika) |

| | | |
|---|---|---|
| Ritorn | il-proċess ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jmur lura — kemm jekk f'konformità volontarja ma' obbligu ta' ritorn, kif ukoll jekk infurzat — lejn:<br>– il-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha, jew<br>– pajjiż ta' tranżitu f'konformità mal-ftehimiet ta' riammissjoni Komunitarji jew bilaterali jew arranġamenti oħrajn, jew<br>– pajjiż terz ieħor, li fih it-TCN ikkonċernat jiddeċiedi volontarjament li jirritorna u li fih se jiġi aċċettat. | L-Artikolu 3(3) tad-Direttiva dwar ir-ritorn |
| Soġġorn irregolari | preżenza fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE ta' ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/399 (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) jew kundizzjonijiet oħrajn għal dħul, soġġorn jew residenza f'dak l-Istat Membru tal-UE. | Ġabra ta' termini tal-UE fil-IATE |
| Tfal/minorenni | Ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida taħt l-età ta' 18-il sena ([153]). | L-Artikolu 2(4) tal-RCD (2024) |
| Tfal/minorenni mhux akkumpanjati | persuna minorenni li tasal fit-territorju tal-Istati Membri mhux akkumpanjata minn adult responsabbli għaliha, kemm jekk bil-liġi kif ukoll bil-prattika tal-Istat Membru kkonċernat, u sakemm dik il-persuna minorenni ma titteħidx effettivament fil-kura ta' tali adult, inkluża persuna minorenni li titħalla mhux akkumpanjata wara li tkun daħlet fit-territorju tal-Istati Membri | L-Artikolu 2(5) tal-RCD (2024) |
| Tluq volontarju | konformità mal-obbligu ta' ritorn fit-terminu stabbilit għal dak l-iskop fid-deċiżjoni ta' ritorn | L-Artikolu 3(8) tad-Direttiva dwar ir-ritorn |

([153]) It-tfal u l-minorenni jitqiesu bħala sinonimi u ż-żewġ termini jintużaw f'din il-pubblikazzjoni. It-terminu ppreferut tal-EUAA huwa tifel jew tifla, madankollu, it-terminu minorenni jintuża meta jintuża espliċitament minn dispożizzjoni legali jew artikolu speċifiku (pereżempju d-dispożizzjonijiet tal-acquis tal-UE dwar l-ażil).

| | | |
|---|---|---|
| Trattament jew pieni degradanti | trattament li jumilja jew jiddegrada individwu, li juri nuqqas ta' rispett għal, jew li jnaqqas, id-dinjità tal-bniedem tiegħu, jew meta jqajjem sentimenti ta' biża', tbatija jew inferjorità li kapaċi jkissru r-reżistenza morali u fiżika ta' individwu. | Glossarju tal-EMN dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni |

BZ-01-24-029-MT-C

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjoni tal-Unjoni Ewropea

EUROPEAN UNION AGENCY FOR ASYLUM